MALTA | NIPPREMJAW IL-BŻULIJA

# DISKORS TAL-BAĠIT
2015

Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi

Ministeru għall-Finanzi

# Diskors tal-Baġit

# 2015

L-Onor. Edward Scicluna
Ministru għall-Finanzi
Malta
17 ta' Novembru, 2014

Ippublikat mill-
Ministeru għall-Finanzi
Triq in-Nofs in-Nhar,
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 24 96 40
Website: http://www.mfin.gov.mt

**Cataloguing-in-Publication Data**

**Malta.** *Ministry for Finance*
Diskors tal-Baġit, 2015 / Edward Scicluna.
Valletta : Ministeru għall-Finanzi, 2014

18, 190p. ; 24cm.

ISBN: 978-99932-94-93-1

1. Budget – Malta
I. Title II. Edward Scicluna

352.494585013

Din il-Publikazzjoni tista' tinxtara mid-

Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Castille Place
Il-Belt,
Valletta

Tel.: (+356) 21 25 05 50

Mitbugh: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €2.00

WERREJ


| | *Paġna* |
|---|---|
| 1. INTRODUZZJONI - VIŻJONI TAL-GVERN GĦAL MALTA | 1 |
| 2. AĠĠUSTAMENTI FISKALI LI JINĊENTIVA X-XOGĦOL | 11 |
| 3. NOĦOLQU OPPORTUNITAJIET MHUX DIPENDENZI | 28 |
| 4. SOĊJETÀ ĠUSTA U INKLUSSIVA | 47 |
| 5. EDUKAZZJONI - IĊ-ĊAVETTA GĦAL OPPORTUNITAJIET AĦJAR | 58 |
| 6. INŻIDU L-KOMPETITTIVITÀ U NNAQQSU I-BUROKRAZIJA | 67 |
| 7. RIFORMI STRUTTURALI F'SETTURI TA' PRIJORITÀ | 93 |
| 8. INFRASTRUTTURA B'SAĦĦITHA U AMBJENT AĦJAR GĦAL KULĦADD | 117 |
| 9. INTERN U ĠUSTIZZJA | 139 |
| 10. NIPPROMWOVU IL-KULTURA, L-ISPORT U NĦARSU L-LIBERTAJIET ĊIVILI | 146 |
| 11. KONKLUŻJONI | 158 |

# 1. INTRODUZZJONI - VIŻJONI TAL-GVERN GĦAL MALTA

Sur President, ir-riżultati pożittivi ta' matul l-aħħar sena ma ġewx b'kumbinazzjoni. Kienu l-frott ta' deċiżjonijiet għaqlin li ħa dan il-Gvern.

Minn mindu ħa t-tmexxija f'idejh, il-Gvern ħoloq sens ta' direzzjoni, stabbilità u ċertezza. Konna, għadna u nibqgħu wkoll determinati li nwettqu r-riformi li hemm bżonn.

L-aħħar baġit poġġa sisien sodi fuqiex inkomplu nibnu. Dak li wettaqna sa issa qed jissarraf f'riżultati tajbin. L-impjiegi komplew jiżdiedu b'rata ta' 'l fuq minn dik li konna mdorrijin biha filwaqt li r-rata tal-qgħad kompliet tonqos għal livelli minimi storiċi.

It-tema ta' dan il-baġit huwa "Malta: Nippremjaw il-Bżulija" Għalhekk, se nkomplu ninċentivaw u nippremjaw ix-xogħol billi ntejbu l-valur tax-xogħol. Irridu nħaddmu l-kunċett ta' '*making work pay*' bis-serjetà; li toħroġ taħdem u tkun bieżel, jirrendi. Irridu nkomplu nwasslu l-messaġġ li l-benefiċċji soċjali qegħdin hemm sabiex iwieżnu lil min hu fil-bżonn u u mhux sabiex tinħoloq id-dipendenza fuqhom. B'hekk inkomplu nsostnu l-klima li fiha jinħoloq aktar xogħol u opportunitajiet għal kulħadd.

Il-miri ta' dan il-Gvern huma ċari. Aħna determinati li nimplimentaw il-viżjoni ekonomika għal Malta billi:

1. Niksbu waħda mill-ogħla rati ta' tkabbir ekonomiku fl-Ewropa;
2. Inżidu l-impjiegi produttivi u nżommu r-rata tal-qgħad baxxa;
3. Inkomplu nraħħsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma;
4. Innaqqsu l-piżijiet fuq l-industrija u l-familja speċjalment l-kontijiet tal-enerġija;
5. Ninċentivaw il-ħolqien tax-xogħol kif ukoll lil dawk li jridu jaħdmu;
6. Noħolqu ambjent li huwa *business friendly* u li jrawwem il-kreattività u r-riċerka;
7. Noħolqu opportunitajiet ġodda ta' sħubija bejn il-Gvern u l-privat.

Il-frott tat-tkabbir ekonomiku bi ħsiebna ninvestuh kollu kemm hu f'pajjiżna u fil-Maltin sabiex inkomplu ngħollu l-livell tal-għixien tal-familji tagħna. Dan nagħmluh billi nżidu l-opportunitajiet u l-kwalità tal-edukazzjoni, insaħħu u ntejbu s-servizzi tas-saħħa, ninvestu fl-infrastruttura u, importanti ħafna, billi nsostnu l-ġustizzja soċjali. L-għan dejjem kien u jibqa' ċar għalina: li nibnu Malta li hija aktar b'saħħitha u ġusta fejn il-familji tal-ħaddiema u l-*middle class* ikunu jistgħu jgawdu l-aqwa livell ta' għixien fl-Ewropa.

Dan il-baġit se jilħaq dawn l-għanijiet permezz ta' aġenda ta' riformi li se:

1. Issaħħaħ il-familja_bieżla; tagħti spinta lill-intrapriżi tagħna u l-ħolqien tax-xogħol; tiġġieled kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali; tkompli tistabbilixxi soċjetà aktar ġusta; tagħti qafas ġdid għat-Trasport Pubbliku;
2. Tagħti spinta oħra 'l quddiem lill-ħolqien ta' ġid f'Għawdex;
3. Tvara programm ta' tiġdid għan-Nofsinhar ta' Malta;
4. Tipprijoritizza ċerti programmi kapitali u l-ħolqien ta' spazji ħodor ġodda fil-pajjiż.

## Rapport dwar l-Implimentazzjoni tal-Baġit 2014

Dan il-Gvern iwettaq dak li jwiegħed u għalhekk għall-ewwel darba f'dan il-baġit qed nippubblikaw rapport dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tas-sena li għaddiet.

Din turi bidla fil-kultura. Aħna mhux nitkellmu biss iżda nwettqu. Dan ir-rapport li juri li 80 fil-mija tal-miżuri tal-baġit għal din is-sena twettqu filwaqt li 20 fil-mija oħra jinsabu fil-proċess li jitwettqu. Id-dokument huwa wieħed pubbliku li se jitpoġġa wkoll fuq is-sit elettroniku ddedikat

għal dan il-Baġit li huwa aċċessibbli mis-sit tal-Ministeru għall-Finanzi.

## Qagħda ekonomika u finanzjarja

Matul din is-sena, l-ekonomija Maltija kompliet tikber b'rata b'saħħitha ta' 3.2 fil-mija f'termini reali. It-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna huwa fost l-ogħla fl-Unjoni Ewropea.

It-tkattir tal-ġid f'pajjiżna għaddejnieh lill-familji tagħna. Hekk, l-ammont totali tal-pagi tal-impjegati kiber b'5.6 fil-mija. Fl-istess waqt, il-profitti tal-kumpaniji żdiedu b'1.7 fil-mija.

Fil-qasam tax-xogħol, dan il-Gvern ukoll irnexxielu jikseb riżultati tajbin ħafna. Fuq medda ta' sena, inħolqu 'l fuq minn 6,000 impjieg ġdid li jfisser aktar minn 17-il impjieg ġdid kuljum. Kien is-settur privat li xpruna l-ħolqien ta' dawn l-impjiegi permezz tal-ingaġġ ta' aktar minn 4,000 impjieg ġdid *full-time*. Setturi bħal manifattura, tar-*retail* u kostruzzjoni kellhom ukoll żieda fl-impjiegi. Ir-rata tal-qgħad niżlet għal 5.8 fil-mija li hi l-anqas rata li qatt rat Malta kif ukoll fost l-anqas rati fl-Unjoni Ewropea.

Dan il-Gvern irnexxielu wkoll jikkontrolla ż-żieda kontinwa u persistenti fil-prezzijiet li kienet qed tkun ta' piż fuq il-familji Maltin u Għawdxin taħt il-Gvern preċedenti. Iż-żieda fil-prezzijiet bdiet kull ma tmur tonqos speċjalmenti wara r-roħs fit-tariffi tad-dawl u l-ilma għall-familji Maltin u

Għawdxin kollha. F'Settembru ta' din is-sena, ir-rata tal-inflazzjoni kienet ta' 0.6 fil-mija.

Fil-baġit li għadda, kont għedtilkom li l-qagħda finanzjarja kienet waħda inkorraġġanti u li konna mexjin sabiex nilħqu l-mira ta' 2.7 fil-mija għad-defiċit għas-sena 2013. Mira li lħaqnieha.

Sur President, illum bi pjaċir ngħid li rnexxielna nilħqu din il-mira ambizzjuża. Ninsabu ottimisti li din is-sena se nkomplu nnaqqsu d-defiċit għal 2.1 fil-mija. Sur President, dak li jagħmel lil dan il-Gvern differenti minn ta' qablu: aħna nagħmlu miri ambizzjużi iżda realistiċi mbagħad naħdmu bla waqfien u b'dixxiplina kbira biex nilħquhom, kif fil-fatt għamilna.

Aktar dettalji dwar il-qagħda ekonomika u finanzjarja jinsabu fl-*Economic Survey*.

*Tabella 1*

**IL-QAGHDA FISKALI 2013 - 2014**

| | 2013 | | 2014 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Attwali** € '000 | | **Approvat** € '000 | | **Rivedut** € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,602,507 | | 2,806,477 | | 2,962,733 | |
| Dħul Ieħor | 389,597 | | 466,441 | | 397,206 | |
| Dħul Totali | | 2,992,104 | | 3,272,918 | | 3,359,939 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,632,649 | | 2,721,675 | | 2,821,833 |
| Nefqa Kapitali | | 354,685 | | 452,800 | | 382,356 |
| Bilanc qabel l-Imgħax | 4,770 | | 98,443 | | 155,750 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 227,905 | | 234,743 | | 231,224 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 131,550 | | 316,500 | | 306,882 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(223,135)** | | **(136,300)** | | **(75,474)** |
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(370,283)* | | *(511,661)* | | *(361,661)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(4,059)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | - | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(66,534)* | | *(28,855)* | | *(28,855)* | |
| *Faċilita` ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | - | | - | | - | |
| *Faċilita` ta' Self lill-Air Malta plc* | - | | - | | - | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *30* | | *2* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *28,380* | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Non-Financial Assets* | *[1,500]* | | *2,000* | | *2,000* | |
| *Bejgħ ta' Assi* | - | | - | | - | |
| | | *(418,931)* | | *(602,740)* | | *(452,740)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(642,066)* | | *(739,040)* | | *(528,214)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(80,123)* | | *(50,947)* | | *(95,105)* | |
| *Self Lokali* | *627,084* | | *650,000* | | *648,841* | |
| | | *546,961* | | *599,053* | | *553,736* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(95,105)* | | *(139,987)* | | *25,522* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(223,135)** | | **(136,300)** | | **(75,474)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **21,180** | | **(15,400)** | | **(91,526)** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(201,955)** | | **(151,700)** | | **(167,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **7,510,067** | | **7,351,320** | | **7,894,929** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.7%** | | **-2.1%** | | **-2.1%** | |

*Tabella 2*

**IL-QAGHDA FISKALI 2013 - 2017**

| | 2013 Attwali € '000 | | 2014 Rivedut € '000 | | 2015 Estimi € '000 | | 2016 Estimi € '000 | | 2017 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 2,602,507 | | 2,962,733 | | 3,063,650 | | 3,179,950 | | 3,317,723 | |
| Dħul Ieħor | 389,597 | | 397,206 | | 491,399 | | 410,240 | | 395,271 | |
| Dħul Totali | | 2,992,104 | | 3,359,939 | | 3,555,049 | | 3,590,190 | | 3,712,994 |
| Nefqa Rikurrenti | | 2,632,649 | | 2,821,833 | | 2,949,674 | | 3,073,005 | | 3,155,058 |
| Nefqa Kapitali | | 354,685 | | 382,356 | | 513,765 | | 411,010 | | 397,761 |
| Bilanċ qabel l-Imgħax | 4,770 | | 155,750 | | 91,610 | | 106,175 | | 160,175 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 227,905 | | 231,224 | | 240,220 | | 246,000 | | 252,000 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 131,550 | | 306,882 | | 365,155 | | 271,185 | | 305,936 | |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(223,135)** | | **(75,474)** | | **(148,610)** | | **(139,825)** | | **(91,825)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(370,283)* | | *(361,661)* | | *(349,377)* | | *(474,489)* | | *(372,926)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Lokali* | *(4,059)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | | *(3,261)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(6,465)* | | *(4,665)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds Speċjali MGS* | - | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | | *(50,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(66,534)* | | *(28,855)* | | *(44,159)* | | *(12,100)* | | *(100)* | |
| *Faċilita` ta' Self lir-Repubblika Ellenika* | - | | - | | - | | - | | - | |
| *Faċilita` ta' Self lill-Air Malta plc* | - | | - | | - | | - | | - | |
| *EFSF / ESM Credit Line Facility* | *0* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | | *(4,500)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti lill-Gvern* | *30* | | *2* | | *40,002* | | *12,002* | | *2* | |
| *Bilanċ mis-Sinking Funds ta' Stokk Konvertit* | *28,380* | | - | | - | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Non-Financial Assets* | *[1,500]* | | *2,000* | | - | | - | | - | |
| *Bejgħ ta' Assi* | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | *(418,931)* | | *(452,740)* | | *(417,760)* | | *(538,813)* | | *(435,450)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(642,066)* | | *(528,214)* | | *(566,370)* | | *(678,638)* | | *(527,275)* |
| *Self Barrani* | | - | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(80,123)* | | *(95,105)* | | *25,522* | | *(40,848)* | | *(169,486)* | |
| *Self Lokali* | *627,084* | | *648,841* | | *500,000* | | *550,000* | | *600,000* | |
| | | *546,961* | | *553,736* | | *525,522* | | *509,152* | | *430,514* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(95,105)* | | *25,522* | | *(40,848)* | | *(169,486)* | | *(96,761)* |
| **(Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(223,135)** | | **(75,474)** | | **(148,610)** | | **(139,825)** | | **(91,825)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **21,180** | | **(91,526)** | | **18,610** | | **52,825** | | **52,825** |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(201,955)** | | **(167,000)** | | **(130,000)** | | **(87,000)** | | **(39,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **7,510,067** | | **7,894,929** | | **8,275,899** | | **8,669,205** | | **9,079,172** | |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.7%** | | **-2.1%** | | **-1.6%** | | **-1.0%** | | **-0.4%** | |

*Tabella 3*

## IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN

| | | | | | € '000 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** |
| *Stocks* tal-Gvern | 4,565,563 | 4,845,603 | 4,956,519 | 4,992,473 | 4,953,066 |
| *Bills* tat-Teżor | 248,117 | 250,000 | 316,370 | 445,008 | 372,283 |
| Self Lokali ma' Bank Kummerċjali | 56,379 | 56,379 | 56,379 | - | - |
| Self minn Barra | 50,964 | 40,347 | 29,751 | 19,341 | 11,476 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 94,319 | 99,198 | 99,198 | 99,198 | 99,198 |
| Munita | 55,279 | 62,571 | 70,514 | 79,512 | 91,738 |
| EFSF (*Debt Re-Routing* ) | 172,476 | 181,791 | 181,791 | 181,791 | 181,791 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **5,243,097** | **5,535,889** | **5,710,522** | **5,817,323** | **5,709,552** |
| Prodott Domestiku Gross | 7,510,067 | 7,894,929 | 8,275,899 | 8,669,205 | 9,079,172 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **69.81%** | **70.12%** | **69.00%** | **67.10%** | **62.89%** |

## Tbassir tal-Ekonomija u tal-Finanzi Pubbliċi

Għas-sena li ġejja, il-Gvern qiegħed jistma tkabbir ekonomiku ta' madwar 3.5 fil-mija. It-tkabbir nominali mistenni jkun ta' 4.8 fil-mija. Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija tkun madwar 1.5 fil-mija. L-impjiegi huma mistennija li jkomplu jikbru bir-rata soda ta' 1.9 fil-mija filwaqt li r-rata tal-qgħad mistennija tibqa' fil-livell baxx ta' 5.9 fil-mija.

Għas-sena li ġejja, id-dħul tal-Gvern huwa previst li jilħaq ftit iktar minn 3.55 biljun ewro filwaqt li n-nefqa totali mistennija tkun ta' madwar 3.7 biljun ewro. Dan għandu jirriżulta fi żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' 148.6 miljun ewro. Is-sena d-dieħla, id-defiċit mistenni li jinżel għal 130 miljun ewro li jfisser 1.6 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Fi kliem ieħor, l-ekonomija se tikber u d-defiċit se jonqos. Id-dettalji jinstabu f'Tabella numru 1 u fl-iStatements A, B u Ċ li qegħdin annessi ma' dan id-diskors.

Matul is-sena d-dieħla l-Gvern qed jimmira li jissellef l-ammont ta' 500 miljun ewro. Dan ma jfissirx li din hija l-figura taż-żieda fid-dejn tal-pajjiż. Fil-fatt id-dejn bħala perċentaġġ tal-Prodott Domestiku Gross se jaqa' għal 69 fil mija f'2015. Aktar dettalji dwar id-dejn tal-Gvern estiż għas-snin li ġejjin jistabu f'Tabella numru 3.

Irrid nenfasizza li b'defiċit ta' 1.6 fil-mija, dan il-Gvern ikun qed jilħaq waħda mill-iktar miri ambizzjużi tiegħu. B'defiċit

ta' 1.6 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross, dan il-Gvern ikun qed jilħaq livell tant baxx ta' defiċit li ilu ma jintlaħaq mill-bidu li bdejna nkejlu d-defiċit fuq bażi ta' *accruals.* B'hekk m'aħniex inżidu l-piż tad-dejn fuq uliedna, xi ħaġa li l-Gvern ta' qabel żgur ma jistax jiftaħar biha. Aħna kburin ħafna b'dawn ir-riżultat.

# 2. AĠĠUSTAMENTI FISKALI LI JINĊENTIVA X-XOGĦOL

## Miżuri tad-Dħul

Ir-rati ta' sisa u taxxi oħra indiretti li se jiddaħħlu jew jinbidlu qed jiġu murija fit-tabelli fl-Annessi ma' dan id-diskors. Dan iċ-ċaqliq qed jintuża wkoll biex jiskoraġġixxi l-konsum li jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem u dak ambjentali.

L-eko-kontribuzzjoni fuq tajers, skrataċ u ċerti tipi ta' żjut qiegħda titneħħa u minflokha qiegħed jiddaħħal dazju tas-sisa.

Qiegħda tiddaħħal sisa fuq l-għalf destinat għall-*fish farms* biex hekk inkomplu nħaddmu l-prinċipju ta' "*the polluter pays principle*" jiġifieri min iħammeġ iħallas. Dan il-Gvern jemmen li dan is-settur għandu jagħti kontribut akbar għal din ir-raġuni.

Ir-rata tas-sisa fuq l-inbid se tkun ta' 20 ċenteżmu l-litru. Dan huwa l-uniku alkoħol li mhux intaxxat għalhekk joħloq diskrepanza fis-suq.

Ir-rata tas-sisa fuq l-imbejjed kollha se tkun ta' 20 ċenteżmu l-litru. Dan huwa l-uniku alkoħol li mhux intaxxat u għalhekk joħloq diskrepanza fis-suq. Il-Gvern jemmen li l-imbejjed Maltin huma ta' kwalità eċċellenti u għalhekk

għandhom jiġu promossi sabiex jiżdied l-użu tagħhom mill-konsumaturi Maltin u mill-barranin li jżuruna. Għal dan il-għan, se nwettqu kampanja ta' promozzjoni favur l-użu tal-inbid Malti.

Id-dazju fuq is-sigaretti, it-tabakk tal-pipa, u t-taxxa fuq prodotti tat-tabakk oħra se jinbidlu kif murija fl-Anness.

Id-dazju fuq is-servizzi ta' telefonija ċellulari se jiżdied b'1 fil-mija filwaqt li d-dazju fuq is-siment se jiżdied bi 8 ewro għal kull tunnellata.

Ħlief għat-taxxi fuq sigaretti u prodotti tat-tabakk li se jidħlu fis-seħħ minn għada, it-taxxi l-oħra se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar li ġej. Dan jgħodd ukoll għal miżuri li ġejjin.

## Poloz tal-assigurazzjoni

Qiegħda tiġi riveduta l-bolla li titħallas fuq il-poloz tal-assigurazzjoni b'ċenteżmu fuq kull ewro bil-minimu jkun 13-il ewro. Il-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja (*life insurance*) mhux se jintlaqtu.

## Taxxa Annwali fuq il-Karozzi (Liċenzji)

Mill-1 ta' Jannar li ġej, il-liċenzji tal-karozzi se jiżdiedu b'ammont marġinali kif murija fl- Anness ma' dan id-diskors. Il-liċenzji tal-karozzi li ġew irreġistrati mill-bidu tal-2009 'l quddiem u b'emissjonijiet tal-karbonju tad-

dijossidju ta' mhux aktar minn 100 g/km se jibqgħu l-istess. Dan sabiex inkomplu ninċentivaw ix-xiri ta' karozzi li jniġġżu l-inqas.

## Taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-*quad bikes* se titnaqqas

It-taxxa tar-reġistrazzjoni għall-*ATVs* se titnaqqas bi kważi 50 fil-mija, sabiex inkomplu ninċentivaw l-użu ta' vetturi żgħar u li jniġġżu anqas. It-taxxa tar-reġistrazzjoni għandha tiġi kkalkolata skont iċ-ċilindrata tal-magna kif murija fl-Anness.

## Tneħħija tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq Muturi klassifikati bħala 'Vintage' b'ċilindraġġ iżgħar minn 250cc

Muturi li għandhom ċilindraġġ iżgħar minn 250cc u li jiġu kklassifikati bħala '*vintage*' se jkunu eżentati mit-taxxa tar-reġistrazzjoni. Din il-miżura ħa tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2015.

## Permessi mħallsa minn krejnijiet

Il-problema tat-traffiku li se tkun diskussa fid-dettall f'dan il-baġit hi marbuta wkoll ma' vetturi u apparat li jintuża f'postijiet tal-kostruzzjoni. Sabiex ikun hemm inċentiv akbar lil dawn it-tip ta' vetturi u apparat jitneħħew kemm

jista' jkun malajr mit-toroq, il-Gvern qiegħed jirrevedi fost oħrajn, ir-rati mħallsa mill-krejnijiet u apparat ieħor li jintuża fil-kostruzzjoni. *Tower cranes* sa 10 $m^2$ se jibdew iħallsu r-rata ta' 10 ewro kuljum filwaqt li *tower cranes* ikbar minn 10 $m^2$ se jibdew iħallsu 15-il ewro kuljum. L-implimentazzjoni se tkun diskussa mal-Kunsilli Lokali.

## Liċenzji ta' Swimming Pools

Il-liċenzji tas-*swimming pools* se jiżdiedu bi 15 fil-mija.

## Fees of Office

Se jkun hemm żieda relattiva fil-*fees of office* mid-dipartimenti tal-Gvern. Ħafna minn dawn il-ħlasijiet huma żgħar jew nominali.

## Nistabbilizzaw il-prezz tal-gass

Dan il-Gvern qed jaħdem għall-istabbilità fil-prezzijiet biex il-familji u n-negozji ta' pajjiżna jkunu jistgħu jippjanaw aħjar in-nefqa tagħhom u ma joqogħdux jinkwetaw kull xahar kif se tinbidel l-ispiża tagħhom.

Nixtieq inħabbar li l-prezz tal-gass se jibqa' stabbli bi prezz ta' 18-il ewro sa April li ġej. Dan ifisser li l-prezz se jkun baqa' stabbli għal seba' xhur sħaħ u se jkun ferm orħos mill-prezzijiet tal-aħħar sena taħt il-Gvern ta' qabel.

Infakkar li anki bħalissa, il-familji u n-negozji qed jibbenefikaw mhux biss minn prezz stabbli iżda wkoll roħs għaliex il-prezz kurrenti ta' 18-il ewro huwa ferm irħas mill-ogħla prezz f'Diċembru taħt il-Gvern ta' qabel fejn kien laħħaq kważi il-21 ewro.

Id-dazju fuq il-"*leaded petrol*", li jintuża fl-ajruport biss, se jiżdied b'2 ċenteżmi kull litru filwaqt li dak fuq "*unleaded petrol*" se jiżdied b'ċenteżmu kull litru. Id-dazju fuq il-"*gas oil*", *diesel*, il-*biodiesel*, il-*heavy fuel oil* u l-pitrolju se jiżdied b'2 ċenteżmi kull litru. Dawn iż-żidiet se jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena d-dieħla.

## Roħs fil-prezz tal-petrol u *diesel*

Madanakollu, minkejja li se jiżdied id-dazju, il-prezz tal-petrol u *diesel* xorta se jonqos. Dan għaliex il-Gvern, permezz tal-kumpanija ġdida tiegħu Enemed, innegozja prezzijiet aħjar. Dak hu l-għaqal, li żżid id-dħul iżda xorta traħħas il-prezzijiet.

Għalhekk, mill-1 ta' Jannar li ġej, il-prezz tal-petrol *unleaded* se jerġa' jorħos b'2ċ oħra għal €1.42ċ kull litru u dak tad-*diesel* ukoll se jerġa' jorħos b'1ċ ieħor għal €1.35ċ kull litru.

Taħt dan il-Gvern, il-familji u negozji b'hekk se jkomplu jgawdu minn prezzijiet orħos tal-fjuwil u stabbilità li ġġib serħan tal-moħħ.

Dan il-prezz se jkun stabbli sal-aħħar ta' Marzu li ġej. Il-fatti juru kif, fl-aħħar tnax-il xahar, il-prezz medju tal-fjuwil li ġie nnegozjat għall-familji u negozji Maltin mhux biss offra stabbilità iżda kien ukoll b'mod konsistenti kien irħas mill-medja Ewropea.

F'Ottubru, il-prezz medju Ewropew għall-petrol kien dak ta' €1.55ċ waqt li f'pajjiżna kien dak ta' €1.44ċ. Fl-istess ħin, fl-Ingilterra l-prezz medju kien dak ta' €1.62ċ filwaqt li fl-Italja kien €1.72ċ għal kull litru.

F'Ottubru, il-prezz tad-*diesel* fil-medja fl-Ewropa kien dak ta' €1.40ċ filwaqt li f'pajjiżna kien dak ta' €1.36ċ. Fl-Ingilterra, il-prezz medju fl-istess żmien kien dak ta' €1.67ċ filwaqt li fl-Italja, il-prezz medju kien dak ta' €1.61ċ.

## Kumpens

Matul din is-sena, il-ħajja għoliet b'rata ferm anqas mis-soltu. Dan huwa punt pożittiv. Iżda jfisser ukoll li l-kumpens tal-għoli tal-ħajja li jingħata minn min iħaddem se jkun ta' 58ċ fil-ġimgħa. Dan il-kumpens hu maħdum skont il-mekkaniżmu maqbul bejn l-imsieħba soċjali.

# TNAQQIS FIT-TAXXA

## Inkomplu bit-Tnaqqis fit-Taxxa tad-Dħul

Sur President, jekk hemm xi ħaġa li tiddistingwi dan il-Gvern minn dak ta' qablu hu l-fatt li jżomm mal-wegħdi tiegħu.

Kif kien imwiegħed, se nkomplu bl-isforzi tagħna sabiex innaqqsu t-taxxa minn fuq ix-xogħol. Dan sabiex inkomplu ninkoraġġixxu lil min verament irid jaħdem.

Ir-rata ta' taxxa personali ta' 29 fil-mija applikabbli għal dawk li jaqilgħu anqas minn sittin elf ewro se terġa' titnaqqas għal 25 fil-mija. Dan japplika wkoll għal kull komputazzjoni: singola, miżżewġin u ġenituri. Minn din il miżura biss, se jkollhom 19-il miljun ewro iktar fi bwiethom dawn il-familji Maltin.

Kif kien imħabbar fil-baġit għas-sena li għaddiet, għalissa d-dħul minn dividendi irċevuti minn individwi se jibqa' taxxabbli bir-rati ta' taxxa li kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni ta' din il-miżura fl-2013.

## Ħelsien mit-Taxxa tad-Dħul fuq il-Paga Minima

Dan il-Gvern, kontra ta' kif kien jagħmel il-Gvern preċedenti, se jibqa' kommess li ma jintaxxax lil min jaqla'

l-paga minima. Għalhekk il-limitu attwalment ta' 9,150 ewro se jiżdied biex nieħdu kont tal-COLA. B'hekk inkunu qed inkomplu nneħħu piżijiet żejda fuq kull min ma jaqlax aktar mill-paga minima.

## Ħelsien mit-Taxxa tad-Dħul lill-Pensjonanti

Dan japplika wkoll għall-pensjonanti li l-pensjoni tagħhom ma taqbiżx l-ammont tal-paga minima. Minn din il-miżura, qegħdin igawdu aktar minn 16,000 pensjonant.

## Għażla tar-Residenza Prinċipali għal fini ta' Taxxa

Se nkomplu nissimplifikaw u nsaħħu s-sistema tat-taxxa sabiex jitnaqqas l-abbuż li jsir mill-eżenzjoni tat-taxxa fil-kuntest ta' bejgħ ta' proprjetà li tkun residenza prinċipali għal aktar minn tliet snin. Għalhekk, se nwaqqfu sistema fejn individwi jkollhom jelenkaw liema hi r-residenza prinċipali tagħhom skont regoli u kundizzjonijiet ċari.

## Riforma tas-Sistemi ta' Taxxa Proviżorja u dik Finali dwar il-Proprjetà

Is-sistema ta' taxxa finali u dik fuq id-dħul kapitali dwar il-proprjetà hija waħda mill-istrutturi fiskali li ilhom joħolqu ċertu anomaliji tul is-snin bħala konsegwenza ta' diversi emendi minn żmien għall-ieħor għal din is-sistema.

L-aħħar riforma dwar is-sistema ta' taxxa fuq id-dħul kapitali dwar il-proprjetà tmur lura għas-sena 2006 bl-introduzzjoni ta' taxxa finali ta' 12 fil-mija. Dak iż-żmien, trasferiment ta' proprjetà li jkun sar wara ħames snin mid-data tal-akkwist kien soġġett għal taxxa finali ta' 12 fil-mija. Wara, dan l-perjodu kien miżjud għal 7 snin u eventwalment għal 12-il sena. Dan wassal għal sistema kumplessa ta' trasferiment ta' taxxa fuq proprjetà. Is-sistema preżenti tiġbor metodi u rati differenti ta' taxxi għal xenarji differenti li jiddependu minn diversi fatturi u minn jekk trasferiment ta' proprjetà hijiex trattata bħala taxxabbli b'rata ta' 35 fil-mija fuq il-profitt jew bi 12 fil-mija fuq il-valur tal-proprjetà.

Biex indaħħlu aktar ċertezza u nnaqqsu l-burokrazija, ir-reġim fiskali kurrenti li huwa taħlita ta' Taxxa Finali u Taxxa fuq id-Dħul ser jispiċċa.

B'effett mill-1 ta' Jannar 2015, se nneħħu kompletament is-sistema ta' taxxa ta' 35 fil-mija u ser nintroduċu t-Taxxa Finali ta' 8 fil-mija fuq il-valur tal-proprjetà trasferita. Dan ifisser ukoll li r-rata kurrenti ta' 12 fil-mija se tonqos għal 8 fil-mija.

Iżda se jkun hemm dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet:

1. Fil-każ ta' individwi li fil-kors ta' xogħolhom ma jinnegozjawx fil-proprjetà, ir-rata ta' Taxxa Finali applikabbli mhux se tkun ta' 8 fil-mija iżda se tkun

waħda anqas, jiġifieri, ta' 5 fil-mija fuq il-valur tal-proprjetà trasferita jekk il-proprjetà tiġi trasferita qabel 5 snin mid-data tal-akkwist tagħha.

2. Fil-każ ta' proprjetà li ġiet akkwistata qabel l-1 ta' Jannar 2004, ir-rata ta' taxxa finali applikabbli se tkun ta' 10 fil-mija fuq il-valur tal-proprjetà trasferita.

Is-sistema ta' taxxa li qegħdin nipproponu se tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar li ġej. Iżda, trasferimenti ta' proprjetà li jseħħu f'din id-data jew wara se jibqgħu soġġetti għas-sistema tat-taxxa kurrenti jekk il-Kummissarju tat-Taxxi Interni jkun diġà mgħarraf bihom permezz ta' konvenju jew notifika ta' trasferiment sal-lum, 17 ta' Novembru 2014.

Trasferimenti ta' proprjetà se jkunu soġġetti għal taxxa finali fuq il-valur tal-proprjetà mibjugħa mingħajr ma jitnaqqsu spejjeż. Din it-Taxxa Finali hija pagabbli meta jsir il-kuntratt tal-bejgħ.

Eċċezzjonijiet eżistenti u ħelsien ieħor mit-taxxa li jinkludu trasferimenti ta' proprjetà okkupata bħala residenza prinċipali għal perijodu ta' mill-anqas 3 snin, trasferimenti ta' proprjetà fl-istess grupp ta' kumpaniji, trasferiment ta' proprjetà f'każijiet ta' separazzjonijiet u bejgħ b'ordni mill-Qorti, se jibqgħu japplikaw.

B' hekk se ndaħħlu sistema aktar sempliċi u trasparenti li se jkollha bżonn anqas riżorsi biex tiġi infurzata

amministrattivament u li se tkun aktar faċli għaċ-ċittadin u kumpaniji i li jimxu magħha.

## Eżenzjoni mit-taxxa meta tiġi diviża proprjetà bejn sidien sħab

Fejn ikun hemm kuntratti biex tiġi diviża proprjetà immobbli u s-sid jakkwista sehem li għandu l-istess valur daqs meta kien indiviżibbli mhux se jibda jkun hemm ħlas ta' dazju.

Fil-preżent, għandna ħafna sitwazzjonijiet fejn kuntratti ta' diviżjoni mhux qegħdin jiġu ffirmati minħabba l-ammont ta' taxxa pagabbli. Din il-miżura se tagħti ċans lis-sidien ta' proprjetà biex jaqsmu bejniethom mingħajr ma joqogħdu jħallsu taxxa żejda. Sidien bi sħab se jkollhom il-faċilità li ma jbigħux is-sehem tagħhom.

## Eżenzjoni għal min qed jixtri l-ewwel proprjetà

Fl-aħħar baġit, konna tajna konċessjoni fejn individwi li kienu qegħdin jixtru għall-ewwel darba ġew eżentati mill-boll fuq l-ewwel 150,000 ewro tal-valur tal-proprjetà residenzjali. Din il-miżura ħalliet effett pożittiv ferm kemm fuq il-*first time buyers* kif ukoll fuq is-suq tal-proprjetà. Ma kinitx perfetta għaliex kien hemm każijiet ġenwini li ma kkwalifikawx għal ftit ġranet jew minħabba raġunijiet oħra.

Iddeċidejna li ntawlu din il-konċessjoni b'sitt xhur oħra. Din il-konċessjoni se tiġi estiża mill-31 ta' Diċembru 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015, jiġifieri l-kuntratti magħmula u magħluqa sat-30 ta' Ġunju 2015 ikunu eliġibbli għal dan il-benefiċċju. Din il-miżura hi mistennija li tkompli ssaħħaħ is-suq tal-proprjetà u tfisser tfaddil sa 5,250 ewro għal xerrejja żgħażagħ fuq l-akkwist tal-ewwel proprjetà tagħhom.

## Riforma Eko-Kontribuzzjoni

Wara numru ta' konsultazzjonijiet, inħossu li wasal iż-żmien illi nibdew bir-riforma ta' din it-taxxa.

L-ewwelnett, irridu ngħidu, illi l-Gvern mhux kontra inizjattivi fiskali li jkunu maħsuba u mħaddma sewwa sabiex jagħtu inċentivi pożittivi favur l-ambjent billi jinfluwenzaw l-aġir tal-konsumaturi kif ukoll il-ħidma tan-negozju. Aħna kontra inizjattivi li joħolqu żbilanċ fis-suq kif ukoll inizjattivi li jinċentivaw u jippremjaw l-evażjoni u jikkastigaw lil dawk il-konsumaturi u l-intrapriżi li jridu jaħdmu bil-galbu u f'qafas legali.

Dak li kien qed jiġri b'din it-taxxa tal-eko-kontibuzzjoni kif inhi illum.

Għal dan il-għan, qiegħed jinħass il-bżonn li mis-sena d-dieħla nibdew bir-riforma tal-eko-kontribuzzjoni. Fl-ewwel fażi, se nneħħu l-eko-kontribuzzjoni minn fuq l-apparat elettroniku u li jaħdem bl-elettriku minn mowbajls sa

televixins u friġis, dak li jgħidulu l-WEEE, b'tali mod u manjiera li l-operaturi ekonomiċi f'dan il-qasam ninċentivawhom jattemporaw ruħhom mal-liġijiet ambjentali li jirregolaw il-ġbir ta' skart li jkun ġej minn dawn il-prodotti. Għaldaqstant, se nimxu hekk:

1. Se nibdew billi nikkonsultaw ma' dawk kollha kkonċernati sabiex naraw kif din it-tranżizzjoni tkun tista' titwettaq bl-aħjar mod possibbli u bl-aktar mod effettiv;

2. It-tieni, se nitolbu lill-operaturi kollha f'dan il-qasam sabiex sal-aħħar ta' Ġunju 2015 jidħlu jew ma' waħda mill-iskemi approvati jew inkella jipprovdu pjan dwar kif huma bi ħsiebhom jattemporaw ruħhom mad-direttivi tal-WEEE;

3. Fl-aħħar, meta naraw li kollox huwa f'postu, il-Gvern qiegħed jintrabat li jneħħi l-eko-kontribuzzjoni minn fuq dawn il-prodotti mill-1 ta' Settembru 2015.

B'hekk, l-eko-kontribuzzjoni se titneħħa minn fuq l-apparat kollu elettroniku u li jaħdem bl-elettriku mill-1 ta' Settembru 2015.

Inħeġġeġ lil kull min jaħdem f'dan il-qasam sabiex jikkopera sewwa sabiex inwettqu din it-tranżizzjoni bil-galbu għall-ġid ta' kulħadd. B'din l-ewwel fażi tar-riforma,

se nkunu neħħejna ħafna prodotti mill-iskema tal-eko-kontribuzzjoni.

It-tieni parti tar-riforma, li bi ħsiebna nwettqu matul l-2016, se tkun soġġetta għad-diskussjoni ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam.

## Miżuri kontra l-evażjoni tat-Taxxa

Il-Gvern se jkompli jiġġieled l-evażjoni tat-taxxa. Dan għaliex l-evażjoni tattakka s-sostenibbiltà tas-servizzi bħas-saħħa u l-edukazzjoni bla ħlas, l-għajnuniet soċjali u l-pensjonijiet kif ukoll il-firxa wiesgħa ta' servizzi oħra li jipprovdi l-Gvern. Iżda agħar minn hekk, l-evażjoni fiskali tispiċċa titfa' piżijiet akbar fuq dawk li huma onesti.

Nixtiequ nirrapurtaw li l-proċess li jwassal għal *merger* bejn id-Dipartimenti tal-*Inland Revenue* u dak tal-VAT se jkun mejjun minn assistenza speċjalizzata tal-Fiscal Department tal-IMF.

Se nerġgħu ndaħħlu l-obbligu li kull persuna stabbilita f'Malta u li twettaq attività ekonomika li tkun tikkwalifika bħala intrapriża żgħira trid tapplika mal-Kummissarju sabiex tiġi rreġistrata għall-VAT taħt l-Artikolu 11 tal-Att, irrespettivament jekk jaqbiżx it-*threshold* ta' sebat elef ewro (€7,000), u għandha l-obbligu li toħroġ irċevuta fiskali fir-rigward tal-provvisti li tagħmel.

Se nkomplu niżviluppaw u niċċaraw ir-regoli tal-irċevuti li jridu dejjem jingħataw meta jsir xi bejgħ. L-eżenzjoni milli toħroġ irċevuta fiskali se tiġi akkumpanjata minn *audit* sabiex niżguraw li ma jkunx hemm abbuż. L-uffiċjali se jiġu mħarrġa fl-Informatika biex ikunu jistgħu jagħmlu *audits* fuq is-sistemi *Point of Sale* li jużaw il-ħwienet. Se nippubblikaw linji gwida biex jgħinu lin-negozjanti jagħrfu liema huma l-*cash registers* u *printers* li huma konformi mar-rekwiżiti fiskali tagħna.

Se nvaraw proġett pilota sabiex id-Dipartimenti tat-Taxxa jkunu jistgħu jiġbru u janalizzaw informazzjoni li tinstab fis-Settur Pubbliku sabiex din l-informazzjoni tiġi użata għal skop ta' investigazzjonijiet. L-Awtoritajiet tat-Taxxa qegħdin isaħħu l-element xjentifiku li jintuża fi ħdan investigazzjoni sabiex dawn ikunu aktar immirati lejn fejn hemm riskju ta' evażjoni u allura aktar effettivi fil-ħidma tagħhom. Nagħrfu li hemm element ta' forensika fix-xogħol tal-ispetturi tat-taxxa partikolarment meta jkun hemm min ibagħbas il-kotba u juża xi programmi innovattivi biex igerfxu l-*printers* fiskali u għaldaqstant se nħarrġu lill-ispetturi f'dawn l-oqsma.

## Strateġija Nazzjonali fuq Pagamenti Elettroniċi

Sistemi ta' pagamenti elettroniċi huma iżjed siguri u effiċjenti meta mqabbla ma' ċekkijiet u ħlas bi flus kontanti.

L-għan tal-Gvern hu illi jara li fuq medda ta' snin issir tranżizzjoni f'dan ir-rigward fuq livell nazzjonali. Dan ukoll hu marbut mal-istrateġija sabiex titrażżan l-evażjoni tat-taxxa.

Sejrin ukoll inħarsu lejn il-ħlasijiet li jsiru mill-Gvern u pagamenti li jirċievi l-Gvern sabiex hawn jiżdiedu pagamenti elettroniċi.

Għal dan il-għan, se jitwaqqaf grupp ta' ħidma sabiex jgħaddi rakkomandazzjonijiet lill-Gvern fuq kif jiżdiedu pagamenti elettroniċi.

## Ħidma għal *level playing field* fin-negozju

Wieħed mill-aktar ilmenti ta' sikwit li jsir minn negozji kbar u żgħar Maltin u Għawdxin hija l-kompetizzjoni inġusta. Din se nibdew nindirizzawha permezz tar-riforma tal-eko-kontribuzzjoni.

Madankollu dan mhux biżżejjed. Hemm bżonn ta' *level playing field*. Filwaqt li nirrispettaw is-Suq Wieħdieni, irridu nkunu ċerti li min qed jikkompeti man-negozji onesti, minn barra jew minn fostna, qed jerfa' l-istess responsabbilitajiet tagħhom. Għal dan il-għan, se nużaw mudell li jintuża f'diversi pajjiżi, jiġifieri ta' *unit* speċjalizzat fl-infurzar bħalma hija l-*Guardia di Finanza* fl-Italja u l-*Border Agency* fir-Renju Unit.

Il-*unit* il-ġdid se jkun parti mill-Forzi Armati u se jinkorpora fih dak li sal-lum kien ir-*Revenue Security Corps*. Se ssir konsultazzjoni mal-i*stakeholders* dwar il-ħidma ta' dan il-*unit* li se jkun differenti mid-Dwana iżda li se jaħdem f'kollaborazzjoni magħha.

Niġu issa għall-qalba ta' dan il-baġit, dak li nippremjaw il-bżulija billi:

## Il-Pensjonanti jibdew jieħdu ż-żieda kollha tal-COLA

Mis-sena li ġejja 'l quddiem, il-Gvern se jagħti l-ammont kollu tal-COLA lill-pensjonanti sabiex b'hekk dawn jirċievu l-kumpens sħiħ għall-għoli tal-ħajja.

## *Bonus* Addizzjonali

Stajna waqafna hawn iżda mhux se nagħmlu hekk. Dan il-Gvern jifhem li l-familji Maltin u Għawdxin ħaqqhom aktar. Allura qed inħabbru *Bonus* Addizzjonali ta' darba ta' 35 ewro fis-sena. Dan il-*Bonus* Addizzjonali se jkun aktar milli jirdoppja l-kumpens għaż-żieda għall-għoli tal-ħajja u mhux se jkun taxxabbli.

Il-*Bonus* Addizzjonali se jieħduh il-ħaddiema *full-time* kollha li mhux se jgawdu mit-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul li se nħabbar dalwaqt, il-pensjonanti kollha, dawk kollha fuq il-

benefiċċji soċjali u se tingħata wkoll *pro-rata* għall-ħaddiema *part-timers* u għall-istudenti.

Mhux biħsiebna nitfgħu l-piż ta' dan il-*bonus* addizzjonali ta' darba fuq is-settur privat u għalhekk se jkun il-Gvern li se jħallsu anke lill-ħaddiema tal-privat.

## 3. NOĦOLQU OPPORTUNITAJIET MHUX DIPENDENZI

Il-qafas soċjali ta' pajjiżna, kif rifless fis-sistema ta' benefiċċji soċjali, jimmira li tippromwovi l-ġustizzja u l-inklussività soċjali billi tgħin lil dawk li għandhom bżonn permezz tal-għajnuna finanzjarja diretta bħalma huma l-benefiċċji tal-qgħad u ta' diżabilità, kif wkoll f'għajnuna oħra f'forma ta' sussidji u servizzi bħal pereżempju ċ-*child care centres* bla ħlas, kif ukoll s-servizzi tas-saħħa.

Sistema komprensiva bħalma hi tagħna, li din is-sena biss ħasbet għal ħtiġijiet ta' madwar 140 elf individwu, teħtieġ riżorsi finanzjarji kbar. Biss biss, il-baġit għas-sena li qegħdin fiha hu stmat li se jammonta għal 870 miljun ewro.

Filwaqt li għandna nkunu kburin li f'pajjiżna rnexxielna noħolqu sistema ta' sigurtà soċjali li taħdem u li tilħaq l-għan tagħha, irridu wkoll nirrikonoxxu li din l-istess sistema għandha wkoll konsegwenzi mhux mixtieqa. Dik li kienet primarjament maħsuba sabiex twieżen lill-individwu

f'mumenti ta' bżonn, spiċċat biex f'ċerti każi, toħloq id-dipendenza u l-passività. Barra minn hekk, is-sistema tipprovdi wkoll spazju u opportunitajiet għall-frodi u l-abbuż għad-detriment ta' min verament għandu bżonn l-għajnuna u tat-*taxpayers* onesti, fuq quddiemnett il-ħaddiema, li tinqatgħalhom it-taxxa dirett mill-paga u li mhux sew li flushom jinsterqu.

Dawk li jabbużaw huma minoranza. Iżda din il-minoranza trid tkun indirizzata għax qed tieħu bla ġustifikazzjoni riżorsi mit-*taxpayers* u li għandhom imorru għand min huwa veru fil-bżonn.

Sur President, fost it-tħassib ewlieni ta' dan il-Gvern huwa l-fatt li illum il-ġurnata għandna faxxa sħiħa fis-soċjetà tagħna li saret tiddependi totalment fuq il-benefiċċju soċjali. Ċert li kollha kemm aħna naqblu li nkunu qed nonqsu bis-sħiħ jekk nippermettu liż-żgħażagħ jsiru dipendenti fuq il-benefiċċji għall-40 sena li ġejjin. Il-prezz li ma nagħmlu xejn huwa ferm għoli.

Minflok, irridu li s-sistema tal-benefiċċji tagħna tgħin u tħeġġeġ fuq kollox liż-żgħażagħ jiskopru l-kapaċitajiet u l-abilitajiet tagħhom.

## Benefiċċju għal persuni bi dħul baxx

Se nkomplu nsaħħu l-kunċett li bix-xogħol jaqbillek billi nintroduċu l-hekk imsejjaħ *in-work benefit.* Dan il-

benefiċċju li huwa marbut mal-kunċett tax-xogħol se jkun qiegħed jingħata lil dawk il-familji fejn iż-żewġ ġenituri qed jaħdmu, huma bi dħul baxx u li għandhom tfal sa 23 sena. Il-mara trid tkun qed taqla' anqas minn tlett elef ewro 'l fuq. Dawn il-familji se jkunu intitolati sa massimu ta' elf ewro fis-sena għal kull wild. Ġenitur li jrabbi lil uliedu waħdu jew weħidha u li qiegħed jew qiegħda taħdem, se jkunu intitolati massimu ta' 1,200 ewro fis-sena għal kull wild. Il-benefiċċju se jkun ikkalkulat fuq id-dħul wara li tiġi mnaqqsa l-bolla u mhux se jkun hemm l-ebda tnaqqis f'ebda benefiċċju ieħor li hija ntitolata għalih il-familja bħaċ-*Children Allowance*.

Koppja fejn iż-żewġ ġenituri jkunu jaħdmu se jkunu intitolati għal dan il-benefiċċju jekk id-dħul tagħhom ikun bejn 10,000 ewro u 20,400 ewro filwaqt li għal ġenitur wieħed id-dħul irid ikun bejn 6,600 ewro u 15,000 ewro. Biex nagħti ftit eżempji, familja fejn ir-raġel jaħdem *full-time* u l-mara *part-time* u d-dħul tagħhom huwa ta' madwar 12,000 ewro, dawn se jieħdu elf ewro għal kull wild. L-istess ammont se jingħata fejn iż-żewġ ġenituri jaħdmu u t-tnejn ikunu bil-paga minima. Ġenitur waħdu se jingħata l-ammont ta' 1,200 ewro jekk ikun bil-paga minima u 500 ewro jekk ikun jaqla' 12,500 ewro. L-Anness juri kif l-ammont tal-*in-work benefit* jinbidel mad-dħul tal-familja.

Il-Gvern se jalloka 2 miljun ewro għal dan il-benefiċċju intenzjonat li juri li rridu ngħinu lil min irid jaħdem.

## *Childcare* bla ħlas

Il-Gvern huwa kburi bis-suċċess ta' din l-inizjattiva u jixtieq ikompli jħeġġeġ lill-familji Maltin biex ikattru l-familja tagħhom waqt li jibqgħu fix-xogħol. Għaldaqstant, il-Gvern qed jassigura lil kull min qed jibbenefika minn dan is-servizz li dan se jitkompla b'xejn. Il-benefiċċju medju li qed jinagħta għal kull tifel jew tifla hu ta' erbat elef (4000) ewro kull sena.

Bl-istess mod, se nkomplu noffru servizzi bħal *Breakfast Club* li ntlaqgħu tajjeb ħafna.

## Garanzija Għaż-Żgħażagħ

Se nkomplu nagħtu prijorità lill-Garanzija għaż-Żghażagħ jew kif inhi iktar magħrufa l-"*Youth Guarantee*". Din tikkonsisti f'garanzija li l-Gvern jagħti lil kull min għandu bejn 16 u 23 sena, garanzija ta' tagħlim, taħriġ u xogħol għaż-żgħażagħ kollha Maltin u Għawdxin. Din l-istrateġija hija importanti fid-dawl tal-fatt li kważi erbgħa minn kull għaxar tifla u tifel ma jkomplux l-iskola wara l-età ta' 16-il sena.

Sur President, ta' min ifakkar li pajjiżna kien minn ta' quddiemnett biex mexxa u introduċa l-idea tal-Garanzija taż-Żgħażagħ. Diġà bdejna naraw il-frott minn din l-inizjattiva hekk kif l-ewwel grupp ta' parteċipanti li ħadu sehem, f'Ottubru għadhom kif bdew l-edukazzjoni

vokazzjonali tagħhom. Bħalissa hemm gruppi ta' żgħażagħ oħra li fil-ġimgħat li ġejjin mistennija jieħdu l-ewwel esperjenza ta' xogħol tagħhom.

Għalhekk, biex insaħħu din l-inizjattiva, permezz tal-Fond Soċjali Ewropew se jkun possibbli biex matul is-sena d-dieħla niffinanzjaw 700 *Traineeships* u 200 *Work Trial.* Dawn l-opportunitajiet se jiżdiedu flimkien ma' dak li ħabbarna fil-baġit tas-sena l-oħra. B'dawn l-inċentivi se jkun possibbli nilħqu aktar żgħażagħ li qed jirreġistraw.

## Każijiet ġodda ta' żgħażagħ taħt it-23 sena

Niġu għal miżuri li se jkun hemm min jgħidilhom iebsa fil-qasam tal-benefiċċji iżda li dan il-Gvern għandu l-kuraġġ li jagħmilhom biex il-benefiċċji jaslu għand min veru għandu bżonnhom. Dawn il-programmi taħt il-*Youth Guarantee* se jiġu offruti liż-żgħażagħ taħt it-tlieta u għoxrin sena li huma bla xogħol. Iżda min jirrifjuta li jmur għat-taħriġ tal-*Youth Guarantee* ma jingħatax il-benefiċċju tal-qgħad. Dan se jkun sinjal liż-żgħażagħ tagħna li l-bżulija tippremja. Min irid jitħarreġ u jaħdem ngħinuh. Min ma jridx ma jistax jistenna flus għalxejn. Dawn il-programmi mhux se jkunu japplikaw għal min għandu edukazzjoni terzjarja.

## Każijiet ta' żgħażagħ li attwalment qed jingħataw Għajnuna Soċjali għal Diżimpjieg

Min bħalissa qiegħed jieħu l-Għajnuna Soċjali għall-qgħad se jingħata 4 xhur ċans biex jew jidħol fil-*Youth Guarantee* (u jibqa' jieħu l-benefiċċju) inkella jibqa' jirreġistra imma jieqaf il-benefiċċju sa ma tgħaddi l-età li wieħed jikkwalifika għall-*Youth Guarantee.*

## Każijiet ta' *Single Parents* taħt it-23 sena li qegħdin jingħataw għajnuna soċjali għal qgħad

L-Għajnuna Soċjali titħallas sakemm l-iżgħar wild ikollu sena. Malli t-tarbija tagħlaq sena, l-omm tiddaħħal fil-*Youth Guarantee* u tibqa' tibbenifika mill-Għajnuna Soċjali kif ukoll miċ-*childcare* b'xejn. Jekk tirrifjuta li tidħol fil-*Youth Guarantee*, l-għajnuna soċjali tieqaf. Malli tispiċċa mill-*Youth Guarantee*, jew tirreġistra għax-xogħol jew tibda taħdem.

F'każ li l-iżgħar wild ikollu diġà aktar minn sena minn meta tidħol din is-sistema, l-omm tingħata 4 xhur ċans biex tidħol fil-*Youth Guarantee* u tibqa' tieħu l-benefiċċju. F'każ li tirrifjuta, il-benefiċċju jieqaf. Malli tispiċċa mill-*Youth Guarantee*, jew tirreġistra għax-xogħol jew tibda taħdem.

## Każijiet ġodda ta' *single unmarried parents* taħt it-23 sena

Għal każijiet ġodda ta' *single unmarried parents* taħt it-tlieta u għoxrin sena jiġu aċċettati applikazzjonijiet għal Għajnuna Soċjali u din titħallas sakemm it-tifel/tifla ikollu sena. Malli it-tifel/tifla jagħlaq sena, l-omm tiddaħħal fil-*Youth Guarantee* u tibqa' titħallas l-Għajnuna Soċjali filwaqt li tgawdi miċ-*childcare* b'xejn. Jekk *single parent* tirrifjuta li tidħol għal taħriġ fil-*Youth Guarantee*, l-għajnuna soċjali tieqaf. B'hekk, issir ġustizzja mal-ħafna *single mothers* ġenwini u jibda jitnaqqas l-abbuż. Li tkun *single mother* mhix professjoni. L-għajnuna għandha tkun hemm għal min veru ħaqqu.

## Benifiċċji għal Ġenituri Weħidhom (*single parents*)

Filwaqt li ndaħħlu dawn il-miżuri b'messaġġ ċar, se nkunu qed ngħinu aktar lil dawk is-*single parents* li veru jridu jmexxu 'l quddiem lill-familji tagħhom. Fil-preżent *single parents* li jirċievu l-għajnuna soċjali, bi tfal taħt it-18-il sena u li jkunu qed jaħdmu ma jsofru l-ebda tnaqqis mill-benefiċċji li jkunu qed jirċievu jekk mill-impjieg ikunu qed jaqilgħu mhux aktar minn 56.95 ewro fil-ġimgħa. Dan huwa ammont żgħir wisq li qed iwassal għal ħafna abbuż u xogħol prekarju.

Għaldaqstant mill-1 ta' Jannar li ġej, din il-miżura se tinbidel u minflokha se ndaħħlu l-miżura tat-*tapering* tal-benefiċċji. B'hekk, *single parents* li jibdew jaħdmu jibqgħu jżommu 65 fil-mija tal-għajnuna soċjali fl-ewwel sena, 45 fil-mija fit-tieni sena u 25 fil-mija mit-tielet sena 'l quddiem. Min iħaddimhom igawdi wkoll minn 25 fil-mija tal-benefiċċju għall-ewwel tliet snin. Kontra ta' dak li jsir illum, kull ma jaqalgħu mix-xogħol, sew *part-time* jew *full-time,* ma jaffettwalhomx il-benefiċċji f'din l-iskema.

Barra minn hekk, se nestendu wkoll din il-miżura għal *single parents* li għandhom tfal ta' aktar minn 18-il sena iżda mhux aktar minn 23 sena. B'hekk min hu bieżel se jkollu aktar flus fil-but.

## Programm biex jirregalow ruħhom dawk li jirċievu benefiċċji soċjali

Sur President, aħna rridu nagħtu lil kulħadd iċ-ċans li jirregola ruħu. Nafu li hawn min sab sistemi li permezz tagħhom jieħu benefiċċji aktar milli huwa intitolat għalihom. Mhux l-intenzjoni tagħna li nagħmlu *witch hunts.* Irridu biss li nibdew paġna ġdida. Għalhekk, se nniedu programm fejn se nagħtu ċans sal-aħħar ta' Frar 2015 biex dawk li għandhom dubju dwar il-benefiċċju tagħhom jew jafu li qed jirċievu benefiċċju li m'għandhomx titlu għalih biex jiġu 'l quddiem u jirregolarizzaw ruħhom.

Dawk li jiġu 'l quddiem sal-aħħar ta' Frar 2015 biex jivverifikaw il-benefiċċju dovut lilhom u jinstab li ma kienux konformi mal-liġi se jeħlu biss penali minima ta' darba sakemm ma jkunx każ ta' frodi sistematika. Il-penali jiżdiedu jekk benefiċjarju jdum aktar jew jinqabad jiffroda d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali.

## *Tapering* tal-benifiċċju soċjali wara ż-żwieġ

Mill-1 ta' Jannar li ġej, *single parent* li tirċievi l-għajnuna soċjali u tiżżewweġ jew tidħol f'unjoni ċivili ma' persuna li tkun impjegata, ma tibqax titlef id-dritt b'mod immedjat li tirċievi l-għajnuna soċjali imma l-għajnuna soċjali tonqsilha b'mod gradwali fuq medda ta' tliet snin. Fl-ewwel sena tirċievi 65 fil-mija tal-għajnuna soċjali mħallsa, fit-tieni sena 45 fil-mija u fit-tielet sena 25 fil-mija.

## Benefiċċji għal kull min iħaddem u joffri Taħriġ lill-Ħaddiema

Se nerġgħu nniedu l-iskemi tal-Fond Soċjali Ewropew fejn min iħaddem jibbenefika minn sussidji jekk jimpjega persuni żvantaġġati jew iħarreġ il-ħaddiema tiegħu.

Nafu li fil-passat kien hemm problemi biex min iħaddem jitħallas fil-ħin. Ħdimna qatigħ biex dan kollu ma jerġax jiġri minn issa 'l quddiem. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tinsab f'sitwazzjoni biex mis-sena d-dieħla tħallas lil

dawk kollha li japplikaw taħt it-TAF fi żmien 4 xhur. Se jkun hemm is-somma ta' 2.5 miljun ewro taħt it-TAF.

F'dak li għandu x'jaqsam l-*Access to Employment*, *employer* li jħaddem persuna żvantaġġata jieħu rifużjoni ta' 50 fil-mija tal-ispiża sa massimu ta' 5,000 ewro. Fil-każ ta' *single parent* ser jieħdu lura 10,000 ewro. Dan il-benefiċċju japplika wkoll *pro rata* għal min jaqleb il-ħaddiema tiegħu minn *part-time* għal *full-time*.

## Informazzjoni fuq is-suq tax-xogħol

Issa li ntlaħaq ftehim fuq l-avviż legali li jittratta skambju ta' *data* ta' studenti, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ mistennija taħdem fuq l-*Employability Index* fil-bidu tas-sena 2015.

## Work programme

Dan il-Gvern jemmen bis-sħiħ fir-rwol tas-settur privat fl-ekonomija ta' pajjiżna. Se nkunu qed nintroduċu f'pajjiżna l-kunċett tal-*Work Programme*, inizjattiva simili ħafna ta' kif imħaddma fir-Renju Unit. Is-settur privat flimkien mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ se jkunu qed jaħdmu biex jgħinu persuni li ilhom bla xogħol fit-tul jew inattivi, biex jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol. Dan il-Gvern se jagħmlu billi jgħin l-*employers* biex isibu l-aħjar nies għax-xogħol rikjest, juża fondi Ewropej biex iħarreġ in-nies li jkunu fil-*Work Programme*, kif ukoll iħallas lil dawk li

jħaddmu parti mill-pagi tal-ħaddiema li jkunu qegħdin taħt l-istess *Work Programme*. L-*employers* li jħaddmu l-*Work Programme* se jkunu eliġibbli li jitħallsu sa 2,750 ewro għal kull ħaddiem fuq medda ta' tliet snin. Il-pagament lill-privat se jkun marbut skont kemm jirnexxilu jdaħħal nies fix-xogħol u żmien li tħalli persuni jdumu fix-xogħol.

## Twaqqif ta' social enterprise

Dan il-Gvern huwa kommess bis-serjetà li jnaqqas kemm jista' kull forma ta' prekarjat. Sal-lum għandna l-*Community Work Scheme* li permezz tagħha numru ta' persuni li jirreġistraw jingħataw ammont żgħir ta' flus biex jagħmlu xogħol mal-Kunsilli. Billi ma rridux nippermettu l-ebda forma ta' prekarjat se nagħtu l-possibbiltà lill-parteċipanti li jidħlu *f'social enterprise*, b'*management* awtonomu. Din l-intrapriża se tkun qed toffri servizzi fl-iskejjel u l-Kunsilli Lokali. Se nkunu qed nassiguraw li kull impjegat ta' din l-intrapriża minn tal-inqas jitħallas il-paga minima.

## Bidla fis-sistema tar-reġistru tal-ETC

Fil-jiem li ġejjin, l-ETC mistennija tiffirma memorandum mal-VDAB, l-ekwivalenti tal-ETC fil-Flanders fil-Belġju, biex mis-sena d-dieħla l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ jkollha pjattaforma elettronika ġdida. Permezz ta' għodod ġodda tal-Informatika ser jidħol fis-seħħ *Virtual Labour*

*Market* fejn min iħaddem u min irid jaħdem se jkollhom post virtwali fejn jiltaqgħu.

Din it-teknoloġija tal-Informatika mistennija ġġib ukoll tibdil fis-sistema tar-reġistrar. Il-*matching* mhux se jibqa' jsir biss fuq dak li jixtieq l-individwu, iżda se jagħti kaž ukoll il-ħiliet u l-abbiltà tal-individwu.

## Ngħollu r-rata tal-benefiċċju tal-*Leave* tal-Maternità

Fil-preżent, nisa li jaħdmu jew huma *self-employed* jibbenefikaw mill-Benefiċċju tal-*Leave* tal-Maternità li jkoprihom għal 4 ġimgħat mill-15 sat-18-il ġimgħa ta' *leave* tal-maternità. Dan il-benefiċċju bħalissa jitħallas bir-rata ta' 160 ewro fil-ġimgħa. Se ngħollu r-rata ta' dan il-benefiċċju biex mill-1 ta' Jannar 2015 'l quddiem, ir-rata ta' dan il-benefiċċju tiżdied u titħallas b'rata ekwivalenti għal Paga Minima Nazzjonali. Dan ikun ifisser li fl-2015 nisa li jaħdmu, inkluż nisa *self-employed*, u li jkollhom tarbija jgawdu minn żieda ta' aktar minn 6 ewro fil-ġimgħa f'Benefiċċju tal-*Leave* tal-Maternità għal 4 ġimgħat.

## Finanzjar tal-Fond għall-*Leave* tal-Maternità

Illum il-ġurnata meta *employer* jiġi biex jimpjega persuna, jikkalkula f'moħħu li jekk se jimpjega mara ta' ċertu età jista' jispiċċa jkollu jħallas il-*leave* tal-maternità. Dan iwassal

biex nisa ma jkollhomx opportunitajiet indaqs għal xogħol li jixirqilhom.

Il-Gvern irid ineħħi dan l-ostaklu b'mod li ma jkun hemm l-ebda differenza bejn nisa u rġiel fuq kunsiderazzjoni ta' spiża għall-*employer*. Għalhekk se nkomplu nnaqqsu kwalunkwe ostaklu u diskriminazzjoni lejn in-nisa li jiġu impjegati fis-settur privat, billi nwaqqfu fond speċjali biex minnu jitħallas il-benefiċċju tal-erbatax-il ġimgħa *leave* tal-maternità bil-ħlas. L-idea hija li l-benefiċċju ma jibqax jiġi imħallas minn dik il-kumpanija privata li magħha taħdem l-impjegata, iżda jkun hemm fond li għalih jikkontribwixxu l-kumpaniji privati kollha billi jħallsu kontribuzzjoni żgħira għal kull impjegat li jħaddmu. B'hekk, il-piż ikun qed jinqasam bejn kulħadd. Irrid insemmi wkoll, li l-Gvern innifsu se jibqa' jopera bis-sistema preżenti, jiġifieri mhux se jkun qed juża dan il-fond u se jibqa' jħallas għal-*leave* tal-maternità tal-impjegati tiegħu hu; b'hekk l-ispiża totali għas-settur privat fuq dan il-ħlas se tibqa' l-istess li hija llum. Il-piż fuq il-kumpaniji ż-żgħar ħafna għandu jonqos. Is-sistema se titmexxa bil-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali.

## Benefiċċju tal-Maternità għan-nisa *self-employed*

Dan il-Gvern jemmen fil-potenzjal tas-*self-employed* u jrid jgħinhom kemm jiflaħ. Fil-preżent, nisa li huma *self-*

*employed* u li jkollhom tarbija jibbenefikaw mill-benefiċċju tal-maternità bħal nisa oħra li ma jaħdmux u li allura ma jkollhomx *leave* tal-maternità. Dan il-benefiċċju bħalissa jitħallas bir-rata ta' 86.77 ewro fil-ġimgħa għal perjodu ta' 14-il ġimgħa. Dan il-Gvern għandu s-*self employed* għal qalbu u mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem, se ndaħħlu l-benefiċċju tal-maternità għan-nisa *self-employed* u li jitħallas b'rata ekwivalenti għal paga minima nazzjonali. Dan ikun ifisser żieda ta' aktar minn 73 ewro fil-ġimgħa f'benefiċċju tal-maternità għal 14-il ġimgħa għan-nisa *self-employed.*

## *Leave* f'kaz ta' addozzjoni

Dan il-Gvern jemmen fil-politika tal-familja, mhux biss bil-kliem imma bil-fatti. Għaldaqstant se jassigura li l-benefiċċji tal-ġranet tal-*leave* li jingħata meta jkun hemm xi adozzjoni tat-tfal ikun estiż sabiex ikun tal-istess tul tal-*leave* li tieħu kull persuna oħra f'każ ta' maternità.

## Ftehim ma' pajjiżi terzi fuq l-addozzjoni tat-tfal

Rigward ftehim ma' pajjiżi terzi dwar l-adozzjonijiet, preżentement jeżisti ftehim mal-Albanija u s-Slovakkja. Qed naħdmu ma' pajjiżi oħra biex nippruvaw nilħqu ftehim f'dan ir-rigward. Fost dawn il-pajjiżi hemm il-Polonja, l-Kambodja u l-Vjetnam.

## Għotja lill-Anzjani

Bħalma għamilna din is-sena, is-sena d-dieħla se nerġgħu nagħtu għotja ta' 300 ewro lil dawk l-anzjani li għandhom 75 sena jew aktar.

Dan sabiex ngħinuhom isostnu l-kwalità tal-ħajja tagħhom.

## Third Pillar Pensions

Fil-qasam tal-pensjonijiet bdejna b'riformi li ilhom snin jissemmew iżda qatt ma twettqu. Ewlenija fosthom id-dħul tat-*Third Pillar Pension* u l-iskema tal-*individual savings account* permezz ta' inċentivi fiskali. Kuntrarju għal ħaddieħor li jrid iżid Bolla oħra b'mod obbligatorju, aħna jidhrilna li dan huwa l-mod għaqli ta' kif isiru l-affarijiet.

## Pensjonanti tat-tarzna u pensjonanti li għandhom xi anomalija

Se nżommu l-wegħda tagħna li nikkoreġu anomaliji li nħolqu fil-pensjoni tas-sigurtà soċjali u li laqtu eluf ta' ħaddiema, fosthom eksħaddiema tat-Tarzna, meta l-pensjoni tagħhom tpoġġiet fuq l-istess binarji fl-istruttura tas-salarji tal-ħaddiema tal-Gvern għax il-kumpanija li kienu jaħdmu fiha spiċċat jew il-post tax-xogħol li kienu jokkupaw ma baqax jeżisti.

Mis-sena d-dieħla, it-tqabbil mas-salarji tal-Gvern mhux se jibqa' jsir aktar fil-punt li fih il-persuna tkun irtirat mill-impjieg imma fil-punt li fih il-kumpanija tkun għalqet jew il-post tax-xogħol ma jkunx baqa' jeżisti. Dan ifisser ukoll li t-tqabbil se jibda jkun ibbażat fuq l-aħħar ftehim kollettiv li kien hemm fis-seħħ, jekk dan ikun jeżisti, u allura t-tqabbil se jibda jsir fuq salarju ogħla milli qed jiġri llum. Il-pensjonijiet kollha li llum qed jitħallsu b'dan il-mod se jiġu riveduti. Din il-miżura se tolqot tajjeb madwar 5,000 pensjonant u hija stmata li tiswa miljun ewro.

## Pensjonanti tas-servizzi

Ser nissoktaw fit-twettiq tal-miżura li biha pensjonanti tas-servizz ikomplu jibbenifikaw minn titjib fil-pensjoni taż-żewġ terzi tagħhom, b'mod gradwali, b'żieda oħra ta' 200 ewro mas-somma li ma tiġix ikkunsidrata fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Huwa stmat li din il-miżura tiswa 1.6 miljun ewro u minnha se jgawdu 'l fuq minn 5,000 pensjonant ieħor.

## Eksħaddiema tal-port

Ftit żmien wara li ġie elett, dan il-Gvern ta bidu għal diskussjonijiet ma' rappreżentanti tal-eksħaddiema tal-Port dwar talbiet li kellhom pendenti għal snin twal. Illum nista' ngħid li dawn id-diskussjonijiet jinsabu fi stadju avvanzat

bit-tama li jwasslu biex jintlaħaq ftehim aħħari matul is-sena 2015.

## Kontribuzzjonijiet nieqsa

Fil-Manifest Elettorali, konna irrikonoxxejna li ħaddiema li jkunu ħallsu kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali imma li ma jkollhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet biex jikkwalifikaw għall-pensjoni, sal-lum ma jistgħux iħallsu kontribuzzjonijiet neqsin li għandhom. Għalhekk konna wegħedna li nagħtu l-opportunità lil dawn in-nies li jkunu jistgħu jagħmlu dan.

Għalhekk mill-1 ta' Jannar li ġej, persuni li jkunu għadhom fl-impjieg, se jingħataw l-opportunità li jkunu jistgħu jħallsu sa 5 snin kontribuzzjonijiet neqsin, li mhux neċessarjament ikunu l-aħħar 5 snin ta' qabel issir it-talba, biex itejbu l-pensjoni tagħhom. Nemmnu li b'din il-miżura, se nwettqu wegħda elettorali oħra.

Aktar minn hekk, se nagħmlu ġustizzja ma' numru ta' ħaddiema, speċjalment nisa llum irtirati, li fil-passat qattgħu ħafna snin barra mill-impjieg għax il-liġijiet jew is-sitwazzjoni soċjali ta' dak iż-żmien, ma kinitx tippermettilhom li jaħdmu. Mis-sena d-dieħla dawk il-persuni b'età ta' 62 u 74 sena li rtiraw mix-xogħol u li m'għandhomx pensjoni se jirċievu *bonus* ta' mitejn ewro jekk ikunu ħallsu iktar minn ħames snin f'kontribuzzjonijiet

u mitt ewro lil dawk li ħallsu kontribuzzjonijiet ta' aktar minn sena iżda anqas minn ħames snin.

## Tinstab soluzzjoni għall-Maltacom Employees Foundation

Il-Gvern qiegħed jaħdem mal-*Maltacom Employees Foundation* sabiex jiġu indirizzati l-problemi finanzjarji ta' din il-fondazzjoni u sabiex l-istess fondazzjoni titqiegħed fuq sisien finanzjarji sodi u sostenibbli.

## Pensjoni wara 25 sena servizz għall-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili

Se nwettqu wegħda oħra billi nagħtu d-dritt lill-ħaddiema kollha tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li jkun jista' jgawdi mill-pensjoni tal-irtirar wara 25 sena servizz.

B'hekk, dawn il-ħaddiema se jibdew igawdu l-istess benefiċċju bħall-pulizija u s-suldati.

## Kumpens lill-Membri ta' Korpi Dixxiplinati li jsofru diżabilità

Wegħda oħra hija li membri tal-forzi dixxiplinati li jsofru diżabilità waqt il-qadi ta' dmirijiethom jingħataw kumpens. Din il-wegħda se titwettaq. Mis-sena d-dieħla b'hekk se nagħtu rikonoxximent u stima akbar lil suldati, pulizija u membri tal-Protezzjoni Ċivili li ħafna drabi jissugraw saħħithom u ħajjithom biex jipproteġuna.

# 4. SOĊJETÀ ĠUSTA U INKLUSSIVA

## Strateġija kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali

Il-faqar u l-esklużjoni soċjali hija sfida li l-Gvern huwa impenjat li jindirizza bl-akbar serjetà. Daħħalna miżuri biex jintlaħqu dawk l-aktar vulnerabbli u ġie ffinalizzat id-dokument dwar l-istrateġija ta' kontra l-faqar. Ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minn din l-istrateġija se jitwettqu kif ippjanat fl-għaxar snin li ġejjin.

## *Bonus* għat-Tfal mehmuż mal-Attendenza fl-Iskola

Matul is-sena d-dieħla se nħallsu suppliment għat-tfal ta' 400 ewro għal kull wild, (200 ewro mir-raba wild 'il fuq), lill-familji bi dħul baxx. Dan huwa benefiċċju ġdid, li kif konna ħabbarna, huwa intiż sabiex jgħin fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal billi jservi ta' suppliment fid-dħul ta' familji f'riskju ta' faqar. Qed nistmaw li dan il-benefiċċju ta' matul is-sena d-dieħla se jgawdu minnu 22,000 tifel u tifla f'9,000 familja. Għal dan il-għan, qegħdin nivvutaw is-somma ta' 8.5 miljun ewro.

Marbuta ma' din l-għotja, hemm kundizzjonijiet fosthom li t-tfal jattendu għal 95 fil-mija tal-ġranet ta' skola bil-għan

li jiżdied il-livell ta' edukazzjoni u titjieb is-saħħa psikosoċjali tat-tfal.

Fi tmiem is-sena d-dieħla, se nanalizzaw x'effett kellu dan is-suppliment.

## Djar għal persuni b'diżabilità

Mira ewlenija f'dan il-qasam tibqa' dik li nserrħu ras il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità, li jekk jiġu nieqsa, l-Istat u s-soċjetà jieħdu ħsieb ta' wliedhom f'każ li ma jkunux jistgħu jgħixu ħajja indipendenti. Għal dan il-għan, se nagħtu bidu għall-iżvilupp tal-ewwel għaxart idjar residenzjali fil-komunità għal persuni b'diżabilità.

Il-Gvern diġà beda x-xogħol fuq l-ewwel dar fis-Siġġiewi li se tkun lesta fi ftit żmien u kif ukoll hemm żewġ Espressjonijiet ta' Interess pendenti - waħda għall-ewwel dar f'Għawdex u l-oħra għal djar f'Malta. Il-Gvern se jaħdem fuq tlett idjar fis-sena biex sal-aħħar tal-leġiżlatura, nilħqu l-mira ambizzjuża tal-ewwel għaxart idjar żgħar fil-komunità biex b'mod konkret u tanġibbli nkunu qed inserrħu ras il-ġenituri u familjari ta' persuni b'diżabilità. B'hekk se nwettqu wegħda oħra.

Mis-sena d-dieħla, se nniedu proġett ieħor li bis-saħħa tiegħu  se jsir xogħol strutturali meħtieġ fid-djar biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu f'darhom bla xkiel.

Biex inserrħu mit-taħbit ta' kuljum, dawk il-ġenituri ta' tfal b'diżabilità, se naħdmu biex inżidu s-servizz ta' *respite* f'ċentri residenzjali speċjalizzati, jew bis-saħħa ta' familji li jkunu lesti jagħtu dan is-servizz fuq bażi simili permezz tal-*fostering.* Għal dan il-għan, ukoll, se nkabbru s-servizz li jingħata miċ-ċentri ta' matul il-jum.

Se jsir xogħol ta' tiswija u tisbiħ fis-seba' residenzi tal-Aġenzija Sapport biex inħarsu l-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità li jgħixu fihom.

## Inċentivi fiskali lil *Trusts* u Fondazzjonijiet imwaqqfa biex jgħinu Persuni b'Diżabilità

Se ninċentivaw l-użu ġenwin ta' *Trusts* biex permezz tagħhom ir-riżorsi finanzjarji, assi u wirt li jitħalla minn ġenituri u persuni oħra lill-ulied b'diżabilità, jiġu użati bl-aħjar mod u fl-aħjar interess tal-ulied.

Għalhekk se neżentaw mit-taxxi relatati l-wirt li jitħalla lill-persuni b'diżabilità fi *Trusts*, fejn se nibnu fuq l-eżenzjonijiet li diġà jeżistu, sabiex dawn ir-riżorsi finanzjarji jintużaw biex dawn il-persuni jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu ħajja diċenti u indipendenti.

## Rappreżentanza ta’ Persuni b’Diżabilità fuq Bordijiet, Aġenziji u Awtoritajiet

Se ssir reviżjoni tal-kompożizzjoni ta' diversi bordijiet ta’ diversi entitajiet billi tiżdied persuna b’diżabilità. B’hekk, il-leħen tal-persuni b’diżabilità fil-governanza ta’ pajjiżna jissaħħaħ u nkunu qed nippromwovi b'mod konkret l-attiviżmu fost il-persuni b'diżabilità.

L-emendi fil-liġijiet rispettivi se jiġu ppreżentati dalwaqt fil-Parlament.

## Persuni b’diżabilità fid-dinja tax-xogħol

Il-Gvern jemmen li wasal iż-żmien għal inizjattivi bla preċedent biex persuni b’diżabilità jkollhomid-dinjità ta’ post tax-xogħol. B’hekk biss jista’ jkollna integrazzjoni sħiħa. Permezz ta’ dan il-baġit, se nniedu tliet inizjattivi.

## Pensjoni sħiħa għal persuni b’diżabilità li jaħdmu

L-ewwelnett, se nwettqu l-wegħda elettorali li jekk persuna b’diżabilità ssib xogħol, xorta tibqa’ tieħu pensjoni sħiħa.

Sal-lum, biex dan ikun il-każ, persuna b’diżabilità tista’ tasal biss sa paga minima. Aħna se nneħħu din ir-restrizzjoni għaliex id-diżabilità ma tisparixxix mal-paga.

## Inċentivi għall-impjieg ta' persuni b'diżabilità

Se ninċentivaw lil min iħaddem biex jimpjega persuni b'diżabilità billi noffru krediti ta' taxxa ġenerużi. Kull min iħaddem persuna b'diżabilità se jkun eżenti mill-ħlas tal-bolla u se jkun possibbli li jagħmel deduzzjoni mit-taxxa fuq il-profitti ekwivalenti għall-paga tal-persuna diżabbli. Il-massimu tal-kreditu jlaħħaq mhux aktar minn 4,500 ewro għal kull impjegat diżabbli.

## Nimplimentaw il-liġi ta' 2%

Iżda, flimkien ma' dawn l-inċentivi rridu nieħdu deċiżjonijiet kuraġġjużi. Pajjiżna, ilu mill-1967 b'liġi li tipprovdi li kull kumpanija b'aktar minn 20 persuna trid timpjega mill-anqas 2 fil-mija ta' persuni b'diżabilità. Kulħadd jaf li din il-liġi ftit li xejn tiġi implimentata u infurzata.

Wasal iż-żmien li minn fuq il-karta din il-liġi tiġi għar-realtà. Għalhekk se nisħqu li din il-kwota titħaddem.

Nifhmu li hemm postijiet tax-xogħol fejn l-impjieg ta' persuni b'diżabilità jista' joffri aktar sfidi. Biss irrid nibagħtu sinjal b'saħħtu u kuraġġuż.

Dawk  il-kumpaniji, li nittamaw li jkunu minoranza, li mhux se jħaddmu l-minimu legali ta' persuni b'diżabilità se jkollhom jikkontribwixxu mod ieħor. F'każijiet bħal dawn,

min iħaddem se jintalab jagħmel kontribuzzjoni annwali ta' 2,400 ewro għal kull persuna diżabbli li suppost qiegħed iħaddem. Il-kontribuzzjoni massima tkun dik ta' 10,000 ewro kull kumpanija. Għas-sena 2015, min iħaddem se jikkontribwixxi terz tal-ammont dovut, żewġ terzi tal-ammont fis-sena 2016 u bl-ammont sħiħ jibda japplika mis-sena 2017.

Il-kontribuzzjonijiet iġġenerati minn din l-inizjattiva se jinġabru f'Fond Nazzjonali għall-Integrazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità li se jitmexxa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ. Dan il-fond se jintuża għal programmi ta' taħriġ u xogħol ta' persuni b'diżabilità.

L-għan hu li nintegraw persuni b'diżabilità fid-dinja tax-xogħol. Se nirrevedu din l-inizjattiva regolarment bil-għan li naraw li taħdem.

Barra minn hekk, għas-sena 2015, il-Gvern qed jivvota s-somma ta' 500,000 ewro biex persuni b'diżabilità jwettqu xogħol ta' *documentation scanning* fuq dokumenti pubbliċi. Din l-inizjattiva ser toħloq 80 opportunità ta' xogħol għall-persuni b'diżabilità f'Għawdex. B'hekk, se nkunu qed immexxu bl-għemil.

## Tnaqqis fit-taxxa lil kumpaniji li jagħmlu donazzjonijiet lill-*Malta Community Chest Fund*

Meta kumpanija tagħmel donazzjoni fi flus ta' mhux anqas minn elfejn ewro lill-*Malta Community Chest Fund*, l-ekwivalenti ta' 50 fil-mija ta' dik id-donazzjoni tista' tintalab bħala tnaqqis mid-dħul għas-sena ta' stima 2015, sakemm ikun inħareġ ċertifikat iffirmat rilevanti mis-segretarju tal-*Malta Community Chest Fund* dwar dik id-donazzjoni, u jkun imbagħad ġie mehmuż u mibgħut flimkien mal-prospett tat-taxxa għas-sena.

Jekk din is-sistema tkun suċċess, il-Gvern se jikkunsidra li jespandiha għal entitajiet oħra filwaqt li ninsistu għal governanza tajba.

## Immigranti minuri

Hija l-*policy* dikjarata tal-Gvern li ma jħallix immigranti minuri, kemm jekk akkumpanjati u anke jekk ikunu vvjaġġaw waħedhom kif ukoll persuni vulnerabbli ġewwa ċentri ta' detenzjoni malli jaslu Malta. Il-Gvern qiegħed jaħdem sabiex jidentifika ċentru fejn dawn il-kategoriji ta' immigranti jitpoġġew b'mod aktar dinjituż.

## Vjolenza Domestika

Permezz tal-ħidma tal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika, il-Gvern se jkompli jaħdem sabiex il-vittmi ta' vjolenza domestika kif ukoll uliedhom jingħataw protezzjoni immedjata. Fil-preżent, għaddejja wkoll ħidma kollettiva ma' dawk li joffru servizzi ta' għajnuna lill-vittmi u mal-Akkademja tal-Pulizija sabiex ikun imsaħħaħ it-taħriġ lill-membri tal-korp dwar kif għandhom jaġixxu f'sitwazzjonijiet ta' vjolenza domestika.

## Skema għall-Garaxxijiet tal-Gvern

Id-Dipartiment tal-Artijiet se joħroġ Skema sabiex dawk il-garaxxijiet kollha li qegħdin fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern, kemm jekk mogħtija b'kera kif ukoll jekk b'ċens, ikunu jistgħu jinxtraw mill-inkwilini u ċenswalisti rispettivi, l-arja tal-garaxx ma tkunx inkluża dejjem sakemm il-Gvern ikollu t-titolu tagħhom. Dan jaffettwa 2,400 garaxx tal-Gvern.

## Proġetti ta' Manutenzjoni u Tisbiħ fil-Qasam tad-Djar

Bi sħubija mal-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura, l-Awtorità tad-Djar se tagħmel xogħol ta' tiswijiet fl-oqsma tad-djar, waqt li jkun qed isir ukoll xogħol ta' titjib u manutenzjoni fi proprjetà residenzjali mikrija mill-Gvern

jew l-Awtorità. Finalment, se jitkompla wkoll il-programm ta' installar ta' *lifts* fi blokok tal-Gvern.

Wara konsultazzjoni mar-residenti tat-tliet proġetti ġewwa San Pawl il-Baħar, Raħal Ġdid u l-Isla, inħaddmu l-istimi tax-xogħlijiet ta' tisbiħ fi ħdax-il blokk. L-ammont totali jammonta għal madwar 600,000 ewro fejn minn dawn it-tliet proġetti ser ikunu bbenefikaw 83 familja. Bħalissa għaddejja l-evalwazzjoni tat-*tenders* u x-xogħol għandu jinbeda matul is-sena d-dieħla.

## Reviżjoni fil-liġijiet tax-xogħol

Se jitkompla l-proċess ta' reviżjoni u aġġornament tal-liġijiet tax-xogħol biex jiġu mtejba d-drittijiet tal-ħaddiema u fejn hemm bżonn jiġu ċċarati aħjar. Dan se jsir fi sħubija mal-imsieħba soċjali permezz ta' diskussjonijiet apposta fil-Bord tar-Relazzjonijiet tal-Impjieg u fl-MCESD.

## Regoli ġodda fis-Servizz Pubbliku kontra l-Prekarjat

Sa mill-bidu tagħha, dan il-Gvern ikkonċentra biex jiġġieled bla preċedent kontra l-prekarjat, l-isfruttament tal-ħaddiema b'tidwir mal-liġijiet mingħajr ma dawn jinkisru, u l-abbuż fil-ħlasijiet, fost l-oħrajn. Matul is-sena li għaddiet, daħħalna regoli ġodda biex neliminaw kemm nistgħu t-tidwir mal-liġijiet u l-isfruttament tal-ħaddiema f'kuntratti

ta' xogħol mal-Gvern. Dawn ir-regoli daħlu fis-seħħ u qed isiru spezzjonijiet kif meħtieġ biex ikun assigurat li dawn ir-regoli qed jiġu osservati. Fil-ġimgħat li ġejjin, se ndaħħlu fis-seħħ regoli oħra dwar *blacklisting* ta' kumpaniji u persuni li jabbużaw mill-ħaddiema b'dan il-mod.

Is-sena d-dieħla, se nagħmlu pass ieħor importanti. Se nesiġu li l-ħlasijiet tal-ħaddiema tal-kuntratturi fuq xogħol tal-Gvern jitħallsu mill-anqas bir-rata bażika tal-istess xogħol li jsir mal-Gvern. Jekk ix-xogħol li jkun qed isir mill-ħaddiema tal-kuntrattur ikun, ngħidu aħna ta' *Security* allura l-ħaddiema tal-kuntrattur se jkunu qed jitħallsu bir-rata tal-paga bażika tal-grade ta' *Security* mal-Gvern. Jekk ix-xogħol ikun ta' tindif, allura l-ħaddiem tal-kuntrattur jitħallsu bir-rata bażika tal-grad ta' tindif. Jekk ix-xogħol huwa ta' *Care Worker*, allura l-ħaddiema tal-kuntrattur jitħallsu fuq ir-rata tal-paga bażika tal-grad tal-*Care Worker* mal-Gvern. B'hekk, barra li nkunu indirizzajna l-kundizzjonijiet tal-impjieg ta' dawn il-ħaddiema, issa qed nindirizzaw ukoll il-ħlasijiet tagħhom għall-ewwel darba f'ħafna snin. Dan huwa proċess li ma jistax isir f'daqqa iżda li se nibdewh fl-aħħar, wara snin fejn qatt ma sar xejn.

## Ftehim kollettiv IPSL

Dan il-Gvern wettaq wegħda oħra matul is-sena li għaddiet meta ta lura d-dinjità lill-eksħaddiema tat-Tarzna. Wara snin sħaħ mitluqa u mwarrba mill-amministrazzjoni

preċedenti, daħħalna l-ewwel ftehim kollettiv fl-IPSL għal dawn il-ħaddiema.

Is-sena d-dieħla, se nenfasizzaw aktar fuq it-taħriġ ta' dawn il-ħaddiema u fuq sforzi akbar li diġà nbdew biex jinstabu impjiegi permanenti li jagħtu karrieri lil dawn il-ħaddiema.

## *Skills Card* – Industrija tal-Kostruzzjoni

Il-Kunsill Konsultattiv tal-Industrija tal-Bini fix-xhur li ġejjin mistenni jippreżenta pjan ta' kif f'pajjiżna se jiġu introdotti l-i*skill cards* fl-industrija tal-kostruzzjoni. L-għan tal-i*skill card* huwa dak li ħaddiem tal-kostruzzjoni jkollu l-ħiliet tiegħu ċċertifikati u rikonoxxuti. Dan il-proċess mistenni jsir b'koperazzjoni mal-MCAST u l-ETC. Filwaqt li dan il-proċess mistenni jieħu ż-żmien tiegħu biex jidħol fis-seħħ, persuni li ma jkollhomx din il-*card* mhux se jkunu jisgħu jaħdmu f'dan il-qasam. Dan il-pass se jwassal biex innaqqsu abbużi filwaqt li nirregolaw b'mod professjonali dan is-settur u nnaqqsu l-isfruttament tal-ħaddiema.

# 5. EDUKAZZJONI – IĊ-ĊAVETTA GĦAL OPPORTUNITAJIET AĦJAR

L-edukazzjoni hija l-aħjar għodda għal mobilità soċjali, biex niġġieldu l-faqar u biex uliedna jkunu aħjar minna.

Matul din is-sena, il-Gvern issokta bl-impenn tiegħu favur edukazzjoni ta' kwalità minn dik bikrija sat-taħriġ u t-tagħlim f'livelli għolja. Il-mira hi li nkomplu ntejbu s-sistema edukattiva tagħna b'tali mod u manjiera li t-tfal u ż-żgħażagħ ikomplu jiżviluppaw il-potenzjal soċjali u personali tagħhom u jiksbu l-għarfien meħtieġ, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet xierqa.

Dan il-Gvern qed jagħti prijorità assoluta lill-edukazzjoni. F'dan il-baġit qegħdin inżidu n-nefqa rikurrenti u kapitali għall-qasam edukattiv bi 41 miljun, jew kważi 10%, u għalhekk qegħdin nallokaw is-somma ta' 477 miljun għal dan il-għan.

## Sostenn lil min irid ikompli jistudja

Fost l-oħrajn, se nkomplu bi programmi ta' boroż ta' studju għall-istudenti Maltin u Għawdxin.

## Żieda fl-Istipendji skont l-Għoli tal-Ħajja

Se nerġgħu nżidu l-istipendji. Mhux biss għas-sena d-dieħla iżda għal kull sena wara. Il-Gvern ta' qabel kien naqqas l-istipendji.

Dan il-Gvern se jerġa' jżidhom bir-rata tal-għoli tal-ħajja *pro-rata* mill-1 ta' Jannar 2015. Barra minn hekk, l-istudenti se jieħdu l-Bonus Addizzjonali *pro rata*.

## L-istipendju eżenti mit-taxxa

Qegħdin inkomplu ntejbu s-sistema ta' kif jingħataw l-għotjiet ta' manteniment lill-istudenti, inkluż l-għotja ta' darba fil-bidu tas-sena skolastika, l-istipendju kull erba' ġimgħat u l-għotja supplimentari ma' kull stipendju lill-istudenti li ġejjin minn familji bi dħul baxx jew każijiet soċjali. Is-sena li għaddiet tajna stipendju lil min jirrepeti sena. Issa, biex tkun massimizzata l-għajnuna lill-istudenti, id-dħul kollu ta' manteniment mhux se jibqa' taxxabbli.

## *Tablet* għal kull student

It-twettiq tal-inizjattiva *Tablet* għal Kull Wild (*One Tablet Per Child*) bdiet matul din is-sena permezz ta' Proġett Pilota li qed jieħdu sehem fih madwar 340 student f'20 skola tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, bl-appoġġ ta' kumpaniji magħrufa f'dan il-qasam u bi ftehim sħiħ mal-Malta Union of Teachers. Il-Proġett Pilota jintemm fl-aħħar

ta' Marzu tal-2015 u wara ssir evalwazzjoni tiegħu sabiex ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu minnu, jitwettqu fuq skala nazzjonali u jingħata *tablet* lil kull student mir-Raba' Sena fl-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti f'Ottubru tal-2016. B'hekk, qed inwettqu wegħda oħra.

## L-Użu tat-Teknoloġija tal-Informatika

Se nkomplu naħdmu biex l-inizjattivi marbutin mal-użu tat-Teknoloġija tal-Informatika, bħalma hija l-iżvilupp ta' kontenut diġitali, jappellaw kemm għal tfal u studenti f'riskju jew li waqgħu lura kif ukoll għal studenti abbli biex b'mod ekwu jiksbu ħiliet u kompetenzi fit-Teknoloġija tal-Informatika, fil-litteriżmu, fil-Matematika u fix-Xjenza.

## Tnaqqis tal-VAT fuq Kotba Diġitali

Il-Gvern huwa konxju li t-teknoloġija tal-lum qed tibdel il-modi tradizzjonali li konna mdorrijin bihom u qed toffri mezzi moderni u aktar effiċjenti biex l-edukazzjoni tkompli tinxtered għall-ġid tal-poplu. Illum mal-ktieb stampat, żdiedu wkoll fis-suq kotba diġitali li jinqraw permezz tal-kompjuter, *tablets* jew mowbajls. Hemm ukoll *audio books* li jipprovdu aċċess għall-kotba għal dawk li ma jistgħux jaqraw u għalhekk għandhom ukoll użu soċjali. Dawn il-mezzi moderni jnaqqsu wkoll id-dipendenza fuq il-karta u għalhekk jagħmlu ġid lill-ambjent ta' madwarna. Għaldaqstant, biex ikun hemm trattament ekwu u biex

ninkoraġixxu t-tixrid ta' mezzi edukattivi bħal dawn, mill-1 ta' Jannar li ġej, se nnaqqsu r-rata tal-VAT fuq *audio books* u fuq kotba pubblikati fuq CDs, DVDs, SD-cards u USB *drives* u mezzi simili minn 18%, kif inhi llum, għal 5%. Dan għandu jgħin biex dawn il-mezzi edukattivi jkunu aktar aċċessibbli minn kulħadd.

## Pubblikazzjoni ta' Kotba Maltin

Il-pubblikazzjoni ta' kotba ta' valur letterarju, storiku u artistiku bil-Malti u dwar Malta hija importanti għaliex għandha tkabbar il-valur u l-għarfien ta' dak kollu li hu Malti u li jagħmilna nazzjon. Għal dan il-għan, il-Gvern qiegħed jagħmel allokazzjoni speċifika f'dan il-baġit għal skemi ta' inċentivi sabiex nassiguraw illi din il-ħidma siewja u l-kontribut ta' dan il-qasam tibqa' tikber b'mod sostenibbli. Fuq kollox, il-Gvern se jara kif jgħin, fejn u kif hemm bżonn, lill-pubblikaturi ta' dawn il-kotba, sabiex jippromwovu l-prodotti tagħhom mhux l-anqas permezz ta' parteċipazzjoni ġo fieri kemm lokali kif ukoll barranin. Fuq kollox, il-Gvern se jara kif joħloq l-ispazju neċessarju sabiex il-pubblikaturi ta' kotba bħal dawn ikunu jistgħu jissottomettu proġetti għall-kunsiderazzjoni tal-Arts Fund.

## *Sabbatical* għall-għalliema

Qegħdin naħdmu, b'konsultazzjoni mal-MUT fuq abbozz ta' linji gwida dwar kif ser jiġi implimentat is-*sabbatical* għall-

għalliema. Qed jiġi ppjanat li l-ewwel applikazzjonjiet se jiġu proċessati f'April li ġej sabiex l-ewwel benefiċjarji jibdew sena *leave* bi ħlas fis-sena skolastika 2015/2016.

## Inkomplu ninvestu f'iktar skejjel moderni

Qed jitkompla il-proġett ta' Skola Sports ġewwa Pembroke u binja ġdida fir-Rabat Malta, in-Naxxar u binja ġdida għal post Sekondarju ġewwa r-Rabat Għawdex. Is-sena d-dieħla ser jibda l-ippjanar u x-xogħol fuq żewġ skejjel ġodda ġewwa Ħad-Dingli u Ħal Kirkop. Dan qed isir bi spiża ta' madwar tnejn u għoxrin miljun ewro fuq sentejn. Mhux se ninsew iżda l-iskejjel eżistenti. Is-sena d-dieħla, il-Gvern ser ikompli bil-programm ta'manutenzjoni u tisbiħ fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex bi spiża ta' miljun u nofs ewro. Dan qed isir sabiex jitjieb il-livell tal-iskejjel u b'hekk it-tfal u l-għalliema jkollhom ambjent aħjar fejn joqogħdu.

## *White Paper* dwar il-ħinijiet tal-Ftuħ tal-Iskejjel

Tul is-sena skolastika, it-trasport skolastiku – kemm dak ipprovdut mill-Istat u mill-iskejjel, kif ukoll il-ġarr ta' studenti b'karrozzi privati - iżid l-impatt fuq l-infrastruttura u l-konġestjoni tat-traffiku. Għaldaqstant, bil-għan li jara kif itejjeb din is-sitwazzjoni, u fil-qafas ta' miżuri oħra li se jitħabbru aktar tard f'dan il-baġit, il-Gvern se jniedi l-

proċess ta' konsultazzjoni permezz ta' *White Paper* dwar il-ħinijiet tal-ftuħ tal-iskejjel.

B'hekk se nisimgħu l-fehmiet ta' kulħadd dwar jekk l-iskejjel għandhomx jibqgħu kollha bl-istess ħinijiet tal-ftuħ. Ovvjament hemm vantaġġi u żvantaġġi u rridu niżnu sewwa s-sitwazzjoni u l-fehmiet tal-għalliema, ġenituri u studenti.

## Childcare Centres

Projects Malta, kumpanija li fforma l-Gvern riċentament u li se nitkellem dwarha iktar tard, bdiet taħditiet mal-Fondazzjoni tal-Iskejjel t'Għada (FTS) biex jiġu identifikati siti biex flimkien mas-settur privat, jinbena *Childcare Centre* f'post ċentrali f'Malta. Dan il-proġett jikkumplimenta l-inizjattiva li tħabbret fil-baġit tas-sena l-oħra ta' *Childcare Centres* b'xejn għal dawk it-tfal bil-ġenituri jaħdmu t-tnejn kif ukoll għas-*single parents*.

## Suġġetti Akkademiċi Ġodda

Qed jitħaddem Proġett Pilota dwar ħames suġġetti akkademiċi bi programmi lokali li se jkunu parti mill-eżamijiet tas-*Secondary Education Certification* (SEC). Minn Settembru li għadda, fis-Sekondarja reġa' ddaħħal l-*Accounting* wara 21 sena. Qed jitħaddem ukoll Proġett Pilota dwar l-*Ethics Education* f'erbat iskejjel, tnejn primarji

u tnejn sekondarji, għal studenti li ma jattendux lezzjonijiet tar-Reliġjon Kattolika. Barra minn hekk, fil-Form 1, is-suġġetti ta' *Design and Technology*, *Home Economics*, Arti u Mużika qed jingħataw lill-istudenti kollha. Għandi ngħid ukoll li fis-Sekondarja, il-lezzjonijiet tal-Edukazzjoni Fiżika żdiedu minn 2 għal 3 lezzjonijiet fil-ġimgħa.

## Suġġetti Vokazzjonali Ġodda

Sas-sena skolastika li għaddiet f'numru ta' skejjel sekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti kien qed jitħaddem Proġett Pilota dwar is-suġġetti vokazzjonali tal-*Hospitality*, *Social Care*, *Engineering* u IT. Dawn kienu jiġu mgħallma lill-istudenti tal-Form 3, 4 u 5. Minn din is-sena żdied is-suġġett tal-*Agribusiness* fl-Iskola Sekondarja tas-Subien tal-Mosta. Bidla oħra li seħħet f'dan ir-rigward hija li sa issa t-tagħlim ta' dawn is-suġġetti kien isir fuq is-sillabu u ċ-ċertifikazzjoni tal-BTEC (Aġenzija Ingliża). Minn din is-sena, dawn is-suġġetti, inkluż l-*Agribusiness*, qed jiġu mgħallma u ċċertifikati mill-Bord tal-MATSEC fuq l-istess livell tas-suġġetti akkademiċi tas-SEC (O'Level).

## Ir-Riċerka fl-Università

L-Università ta' Malta ser iżżid l-attività tagħha fir-riċerka. Dan permezz ta' fondi li ġejjin kemm mill-Gvern kif ukoll mill-Unjoni Ewropea, se tkompli ssaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha fit-tagħlim u r-riċerka ma' entitajiet simili

internazzjonali; isservi ta' inkubatur għal intrapriżi ġodda bbażati fuq l-għerf; tattira studenti barranin; taġġorna u timmodernizza l-portafoll ta' programmi ta' ċertifikat, diploma u lawrija; kif ukoll, tkompli ssaħħaħ l-infrastruttura ta' tagħlim u riċerka skont il-*Master Plan* tagħha għall-iżvilupp. In-nefqa kapitali tal-Gvern fuq l-Università ser tiżdied b'55 fil-mija; minn 4.5 miljun għal 7 miljuni.

## MCAST

Matul din is-sena, l-MCAST kompla jsaħħaħ l-istrutturi amministrattivi, akkademiċi u ta' sapport lill-istudenti permezz tal-ħolqien ta' strutturi ġodda. Se jiġi konkluż il-proċess tal-ħolqien tal-kwalifiċi vokazzjonali nazzjonali li se jieħdu post il-kwalifiċi vokazzjonali barranin li kienu qed jintużaw sa issa.

L-MCAST ħa jkompli l-ħidma sabiex tissaħħaħ is-sistema tal-apprentistat f'pajjiżna billi joffri l-possibilità ta' studju b'apprentistat f'korsijiet li qabel ma kinux joffru din l-esperjenza. L-Intraprenditorija wkoll huwa aspett importanti li ġie msaħħaħ fl-MCAST permezz tat-twaqqif ta' *Entrepreneurship Centre*, bl-għajnuna ta' Malta Enterprise, li joffri possibbilità ta' għajnuna għall-*business start-ups* għall-istudenti tal-MCAST. Huwa ppjanat li, gradwalment, il-ħiliet marbuta mal-intraprenditorija jiġu introdotti gradwalment fil-livelli kollha tal-MCAST.

Din is-sena nfetaħ l-Istitut tan-Negozju u Kummerċ, it-tieni blokk ta' bini inawgurat bħala parti mill-proġett tal-*campus* il-ġdid tal-MCAST. Ġie inawgurat ukoll *campus* ġdid tal-MCAST f'Għawdex. Matul is-sena d-dieħla, se jkompli x-xogħol fuq il-bini tal-*campus* il-ġdid billi jingħalqu l-aħħar xogħlijiet fi *Students' House*, il-*car park* ta' taħt l-art u faċilitajiet sportivi filwaqt li se jibda l-proċess għall-bini tat-tieni fażi tal-proġett.

## *Youth Village* fl-eks-Skola Umberto Colosso

Qiegħed isir investment kbir f'dik li kienet l-Iskola Umberto Colosso, fejn din l-iskola ser tkun mibdula f'*Youth Village.* Dan iċ-ċentru se jiġbor fih is-servizzi kollha tal-Aġenzija Żgħażagħ flimkien ma' numru ta' servizzi oħrajn għaż-żgħażagħ fosthom il-programm *Youth.Inc. L-Alternative Learning Programme (ALP),* huwa programm ieħor relatat li għaddej fl-istess sit.

# 6. INŻIDU L-KOMPETITTIVITÀ U NNAQQSU L-BUROKRAZIJA

## Sistema ta' arbitraġġ fis-Servizzi Finanzjarji

Fil- programm elettorali, il-Gvern kien wiegħed li joħloq uffiċċju ta' arbitraġġ fis-servizzi finanzjarji. Din il-wegħda wkoll se titwettaq. Fil-bidu tas-sena d-dieħla se jiġi ppubblikat abbozz ta' liġi dwar l-arbitraġġ fis-servizzi finanzjarji għall-konsultazzjoni. L-uffiċċju se jkun independenti mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji u l-arbitru se jkollu poteri estensivi sabiex ikun jista' jsib soluzzjoni għal ilmenti min-naħa tal-konsumaturi b'mod effettiv u imparzjali.

## Inizjattivi bejn il-Gvern u l-Privat - *Projects Malta*

Il-kompetittività hi s-sinsla ta' pajjiż ekonomikament b'saħħtu. Nemmnu li pajjiż jista' biss jirnexxi meta ma jinqatax lura kemm fl-ideat kif ukoll fil-proġetti li jsiru.

Aħna nemmnu fil-privat. Nemmnu li l-investitur privat jista' joffri l-aqwa sinerġiji id f'id mal-Gvern.

Għal dan il-għan, il-Gvern waqqaf il-kumpanija, Projects Malta, bil-għan li tidentifika numru ta' *public private iniatives*. Fl-istess ħin, Projects Malta tikkoordina l-ħidma u s-sinerġiji meħtieġa bejn Ministeri u entitajiet pubbliċi biex

jitwettqu dawn l-inizjattivi. Fix-xhur li ġejjin, Projects Malta se tvara numru ta' proġetti li jvarjaw mis-settur tas-saħħa, dak kummerċjali, it-turiżmu u *sports* fost l-oħrajn, li wħud minnhom se nkunu qed insemmu minn issa 'l quddiem f'dan il-baġit.

## Turiżmu

It-turiżmu kien wieħed mis-suċċessi l-kbar li ksibna matul din is-sena fejn jidher li se jirnexxilna nżidu fuq in-numri tas-sena l-oħra.

Iż-żieda fit-turisti nħasset fl-ekonomija u fil-bwiet tal-familji għaliex mit-turiżmu jiekol kulħadd.

Mhux qed nistrieħu biss fuq in-numri iżda qed naraw li nżidu l-kwalità u nferrxu aktar matul is-sena.

## Air Malta

Il-Pjan ta' Ristrutturar tal-2012 jesiġi li l-Air Malta tindirizza l-problema ta' profittabilità minkejja l-obbligi nazzjonali u strateġiċi tagħha sal-2016. Sena ilu, l-Air Malta rrapportat li t-telf tagħha għas-sena finanzjarja li tagħlaq Marzu 2013, kien tnaqqas għal wieħed u tletin (€31) miljun ewro fl-2013.

Għas-sena finanzjarja li tagħlaq f'Marzu 2014 morna għall-aħjar, għaliex l-Air Malta naqqset it-telf tagħha minn 31

miljun ewro għal 16-il miljun ewro. B'ħidma sħiħa mal-Bord tad-Diretturi u kif ukoll mal-impjegati, il-kumpanija inkoraġġiet numru ta' *cost cutting initiatives* li ġew minn kull livell.

Fix-xhur li ġejjin, niffokaw fuq l-iżvilupp tar-rotot u t-tiġdid tal-flotta: żewġ oqsma kruċjali li se jgħinu lill-Air Malta tikber, issostni d-dħul tagħha u taqta' ħafna spejjeż.

## PPPs għal Tkabbir u Aċċessibbilità ta' Bajjiet

Mil-lat tal-prodott turistiku se nwettqu l-viżjoni ta' dan il-Gvern li noħolqu opportunitajiet ġodda ta' sħubija bejn Gvern u privat. Ħa ndaħħlu l-kunċett ta' *Private Public Partnership*, jew PPP, fix-xogħlijiet, fl-oqsma kostali, rurali u urbani permezz ta' numru ta' programmi u inizjattivi li jinkludu, tkabbir ta' bajjiet bir-ramel u aċċessibbilità aħjar fuq xtut tal-blat. L-ewwel postijiet identifikati għal dan il-għan huma dik magħrufa Taħt iż-Żiemel fil-Belt, wara r-*Reverse Osmosis* f'Pembroke, qrib l-Akwarju ta' Fra Ben fil-Qawra, fost l-oħrajn. Dawn kollha huma postijiet bi ftit jew xejn aċċessibbilità. Se jsiru wkoll xogħlijiet addizzjonali fuq aspetti bħal mixjiet fil-kampanja, xogħol ma' NGOs ambjentali, maniġġjar ta' siti finanzjati minn fondi tal-ERDF kif ukoll *upgrades* f'żoni turistiċi. Se nwettqu dan l-iżvilupp b'mod sostenibbli u li jirrispetta l-ambjent.

## Norganizzaw il-bajjiet ta' Kemmuna

Din is-sena tajna bidu għal riorganizzazzjoni tal-bajjiet f'Kemmuna, partikolarment dik ta' *Blue Lagoon.* Ma jistax ikun li wieħed mill-isbaħ postijiet ta' pajjiżna kien tħalla jispiċċa f'anarkija. Is-sena d-dieħla se nżidu din l-organizzazzjoni.

## Inċentiv sabiex il-*Cruise liners* jibqgħu Malta matul il-lejl

Se ndaħħlu programm li permezz tiegħu l-*cruise liners* li jibqgħu Malta matul il-lejl se jkunu jistgħu jiftħu l-*casino* tagħhom għall-passiġġieri f'ċertu ħinijiet. Se titħallas liċenzja għal dan il-għan. Sabiex nippromwovu aktar lil Għawdex, *cruise liners* li jagħżlu li jżuru Malta u Għawdex se jiġu eżentati mill-ħlas relatat.

## Rifużjoni tal-VAT għat-Turisti

Fil-qasam tat-turiżmu li ġej minn pajjiżi barra mill-Unjoni Ewropea, bosta pajjiżi għandhom sistemi diversi ta' kif wieħed jingħata rifużjoni tal-VAT qabel ma jħalli l-pajjiż. Hemm indikazzjonijiet, li f'dawk il-pajjiżi li jħaddnu sistemi bħal dawn, jiġi ġġenerat aktar bejgħ lil din il-faxxa ta' turisti. Matul is-sena li ġejja se nkunu qed nintroduċu sistemi simili f'Malta.

## Conventions Malta

Il-Gvern kontinwament ifittex niċeċ u oqsma differenti li jkunu jistgħu jattiraw turisti fix-*shoulder months.* Se titwaqqaf fondazzjoni li tippromwovi, toħloq u tinkoraġġixxi konvenzjonijiet u kungressi biex jinżammu f'pajjiżna, il-*Conventions Malta.* L-operat ta' din il-fondazzjoni se jkun qiegħed joħloq makkinarju li kollettivament jgħin fil-ħidma tad-*Destination Management Companies* (DMC), biex ikunu aktar proattivi, influwenti u kompetittivi fi swieq ta' dan is-settur u saħansitra jiġu simplifikati elementi loġistiċi relatati.

## Bank tal-Iżvilupp

Jinsabu fl-aħħar stadji t-tħejjijiet għal ħolqien ta' Bank ta' Żvilupp li l-għan tiegħu ser ikun li jipprovdi aċċess għal fondi u jinvesti fi proġetti strateġiċi.

## Seed Capital

Il-Gvern qiegħed jaħdem fuq inizjattiva li għandha l-mira finali li tindirizza l-provvista ta' sorsi ta' finanzjament (*access to finance*) lill-intrapriżi żgħar u medji lil hinn mill-metodi tradizzjonali bħalma hu self mill-banek. Qegħdin jiġu studjati kemm l-introduzzjoni ta' inċentivi ta' natura fiskali kif ukoll inċentivi oħra sabiex jinċentivaw il-ħolqien

ta' fondi ta' *venture capital* li jiffokaw b'mod partikolari fuq is-suq lokali.

L-ewwel inizjattiva se tkun qed tindirizza wkoll il-bżonnijiet tal-intrapriżi fi stadju differenti tal-ħajja kummerċjali tagħhom.

## Seed Investment Programme

Din l-iskema tikkontempla l-introduzzjoni ta' regoli ġodda taħt l-att dwar it-taxxa fuq id-dħul, liema regoli ser joffru inċentivi lil dawk l-investituri li jinvestu f'intrapriżi li jkunu għadhom fl-istadju bikri tal-ħajja kummerċjali tagħhom – *start up companies*. Permezz ta' dawn ir-regoli, investituri privati ser jingħataw kreditu ta' taxxa ekwivalenti għall-ammont ta' kapital (permezz ta' ishma) li jkunu investew f'kumpaniji li jkunu għadhom qed jinħolqu. L-investitur li jinvesti f'dawn il-kumpaniji ser ikun jista' jingħata kreditu mit-taxxa sa massimu ta' 250,000 ewro f'sena.

B'hekk mhux biss tiġi offruta opportunità ta' investiment diversifikat lill-investituri iżda wkoll jiġi żgurat li dawn il-kumpaniji jsibu l-mezzi sabiex jikbru u fl-istess ħin ikunu sors ta' ħolqien ta' impjiegi.

## Venture Capital Funds

Bħalissa, wkoll, qed isir tibdil fuq avviż legali ieħor li għalkemm diġà eżistenti, qatt ma ntuża. It-tibdil meħtieġ

għandu jwassal biex il-miżuri ta' dan l-avviż legali jkunu jistgħu jiġu implimentati aħjar u jintużaw minn firxa akbar ta' operaturi ta' *venture capital funds*. B'hekk ikun possibbli li nattiraw operaturi finanzjarji f'dan il-qasam.

## Implimentazzjoni tal-Att tan-Negozju tal-Familja

L-Att tan-Negozju tal-Familja għandu jiġi indirizzat is-sena d-dieħla. Il-liġi se tagħti definizzjoni ċara ta' x'inhu negozju tal-familja u min huma l-membri tal-familja u se tinċentiva t-trasferiment tan-negozju bejn membri tal-istess familja. F'dan ir-rigward, kull negozju tal-familja rreġistrat taħt dan il-Att ser ikun eliġibbli sabiex japplika għal dawn il-benefiċċji:

## Inċentivi fil-Liġi tat-Taxxa

Il-Gvern qiegħed ikompli janalizza inċentivi oħra sabiex f'kull opportunità jkun jista' jippromwovi u jagħti l-assistenza xierqa li hija dovuta sabiex jibqgħu jkunu rikonoxxuti u apprezzati bħala sinsla tal-ekonomija.

Dan huwa pakkett sħiħ ta' inċentivi li jwettaq wegħda elettorali oħra u li jikkonferma li dan huwa Gvern *pro-business*.

## Inċentivi għall-Industrija tal-Films

L-industrija tal-films għandha rwol ċentrali fl-ekonomija kreattiva. Din is-sena, l-industrija Maltija tal-films se tirreġistra żieda ta' madwar ħames mija fil-mija (500%).

Biex inkomplu nibnu fuq dan is-suċċess, is-sena d-dieħla l-Kummissjoni tal-Films se tinvesti aktar f'kampanja internazzjonali sabiex nattiraw aktar films lejn il-pajjiż. Fl-istess ħin, se inkomplu ninvestu fir-riżorsi umani, permezz ta' taħriġ għal persuni li diġà jaħdmu jew jixtiequ jibdew jaħdmu fl-industrija tal-films. Ser nagħmlu dan billi nintroduċu inċentivi ġodda u korsijiet speċjalizzati għal *film makers* lokali, għaliex nifhmu l-importanza li nrawmu lill-*film makers* lokali biex nibdew naraw iktar films Maltin professjonali. Fl-aħħar mill-aħħar, ser ninċentivaw ukoll l-investiment fl-infrastruttura tal-films, b'mod partikolari *sound stages*, li hawn nuqqas tagħhom hawn Malta. Il-viżjoni tagħna hija li nibnu industrija tal-films b'saħħitha li kontinwament tiġġenera xogħol ġdid għall-Maltin u l-Għawdxin.

## Mediterranean Film Studios

Wieħed mill-akbar assi fl-industrija taċ-ċinematografija Maltija hija l-faċilità tar-Rinella. Minbarra li għandha l-akbar żewġ tankijiet ta' profondità differenti fl-Ewropa, dawn huma wkoll meqjusa fost l-aqwa f'dak li hu difużjoni mal-

linja tal-orizzont tal-baħar Mediterranju. Din il-faċilità qiegħda wkoll mibnija f'post strateġiku u għall-ilqugħ mill-maltemp.

Il-pass li jmiss huwa li ssir sejħa għall-imsieħba strateġiċi internazzjonali interessati li jipproponu mudelli ta' tmexxija ta' din il-faċilità, flimkien ma' investiment fir-riżorsi eżistenti, kif ukoll il-bżonn ta' oħrajn ġodda bħal *sound stages*. Mhux eskluż li dan l-investiment jieħu l-forma ta' PPP.

## Gaming Malta

Il-Gvern se jkompli joħloq l-ambjent meħtieġ sabiex l-industrija tal-i*gaming*, li bħalissa qed tħaddem mal-kważi disat elef persuna, tkompli tikber.

L-industrija qed narawha bbażata fuq tliet pilastri. L-ewwel li l-entità regolatarja li llum hija l-LGA tinbidel f'*Malta Gaming Authority*. Jidhrilna li din mhix sempliċiment bidla fl-isem imma mod ġdid ta' kif irridu nirripożizzjonaw lill-Awtorità fl-industrija eżistenti u dik li għad trid tiġi.

It-tieni, se tinħoloq Akkademja tal-*Gaming*. Permezz ta' din l-akkademja, il-Gvern se jwieġeb għat-talba tal-industrija li f'pajjiżna mhux isibu biżżejjed ħaddiema Maltin biex jimlew il-postijiet tax-xogħol li qed jinħolqu.

It-tielet, se nwaqqfu *Gaming Malta* sabiex tippromwovi lil Malta bħala ġuriżdizzjoni ewlenija fejn tidħol l-industrija tal-*gaming*. Din il-fondazzjoni tkun magħmula bi sħab mal-Kamra tal-Kummerċ, il-Kunsill tal-*Malta Remote Gaming*, il-Kamra tal-Avukati u l-Istitut Malti tal-*Accountants*. L-iskop tal-Fondazzjoni jkun li jippromwovi lil Malta bħala ċentru ta' eċċellenza għas-settur tal-*igaming*, toħroġ b'ideat innovattivi fil-qasam tar-riċerka u innovazzjoni u tkun katalista fil-bidliet neċessarji ħalli pajjiżna jibqa' fuq quddiem f'dan is-settur.

## Studju fuq konnessjoni tal-*fiber optic cable* ma' pajjiżi oħra

Is-sena d-dieħla l-MCA hija mistennija li tiffinalizza analiżi dwar il-fattibilità teknika, ekonomika u finanzjarja ta' *submarine cable* ġdid bejn Malta u postijiet alternattivi oħra fil-kontinent Ewropew bil-għan li titjieb l-adattabbilità u l-kwalità tal-konnettività tat-telekomunikazzjoni internazzjonali attwali.

## Noħorġu talba għall-proposti dwar Spazji Satellitari

Qed niktbu paġna ġdida fl-istorja tal-komunikazzjoni f'pajjiżna u dak li ma sarx qabel fis-settur tal-komunikazzjonijiet bis-satellita, qiegħed nagħmluh issa.

Se noħorġu sejħa pubblika għall-proposti biex żewġ spazji fl-orbita allokati lil Malta mill-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni, l-ITU, jiġu sfruttati kummerċjalment. B'hekk għall-ewwel darba, Malta qed tfittex *sħab strateġiċi li jisfruttaw dawn l-assi spazjali permezz ta' attivitajiet kummerċjali li minnhom jistgħu jibbenefikaw il-Gżejjer Maltin u jqiegħdu lil Malta fuq il-mappa satellitari globali.*

## Wifi state

Bħalissa, l-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni, l-MCA, qed tħaddem mal-191 *hotspot* ta' *internet* b'xejn. Il-mira tagħna hija li dawn il-postijiet jitilgħu b'sittin fil-mija sas-sena 2016. Biex nagħmlu hekk, l-MCA ħarġet sejħa ta' interess biex kumpaniji interessati jitfgħu l-offerta tagħhom għal dan il-għan. Permezz ta' din is-sejħa għall-offerti, l-MCA se tkun f'pożizzjoni li topera tlett mitt *hot spot* li jfisser kważi erba' postijiet b'xejn tal-*internet* f'kull lokalità madwar Malta u Għawdex. B'hekk inkunu qed inwettqu wegħda oħra.

## Digital Malta

Fil-politika tal-Gvern ta' bini ta' *Digital Malta,* l-MCA qiegħda tilgħab irwol ċentrali u importanti fosthom bl-inawgurazzjoni taċ-Ċentri *CoderDojo* u s-sena d-dieħla mistennija jkunu inawgurati żewġ ċentri *CoderDojo* oħra. Proġett ieħor li mistenni jkompli s-sena d-dieħla huwa l-

Proġett *ENTER* sabiex jitkompla t-taħriġ ta' individwi bejn il-25 u 64 sena biex jibdew jużaw l-internet. Is-sena d-dieħla l-MCA ħa tkun għaddejja b'ħidma kbira b'organizzazzjoni ta' korsijiet varji fosthom *Live ICT eAging, Internet banking* training, *Entrepreneurship, Sector Specific Training, WebCheck Initiative u BeSmartOnline*, fost oħrajn. Inizjattiva ġdida għas-sena d-dieħla hija dik tal-*Maltese Artisans Directory* fejn l-MCA ser toħloq direttorju *online* mfassal biex jippromwovi u joħloq opportunitajiet għal artiġjani Maltin.

## Politika fuq il-Loġistika u Twaqqif ta' Żoni ta' Suq Ħieles

Titjib sostanzjali fil-kompetittività internazzjonali ta' pajjiżna jirrikjedi li fl-aħħar, wara għexieren ta' snin ta' prokrastinazzjoni, infasslu u naddottaw politika loġistika nazzjonali integrata. Irridu nkabbru l-kapaċità tagħna għad-dħul u l-ħruġ ta' merkanzija u persuni, sew bl-ajru u sew bil-baħar. Irridu wkoll intejbu l-effiċjenza tagħna f'dan il-qasam sabiex neliminaw il-burokrazija u l-monopolji, u b'hekk innaqqsu l-ispiża għall-intrapriżi. Irridu niffaċilitaw il-moviment intern tal-merkanzija, speċjalment bejn il-portijiet u ż-żoni industrijali, speċjalment billi naddottaw proċeduri li permezz tagħhom, filwaqt li l-imprenditur jerfa' aktar responsabbiltà, id-Dwana taddotta proċeduri eħfef megħjuna mit-teknoloġija moderna. Bi ħsiebna naddottaw

miżuri intiżi biex inkabbru l-kapaċità tagħna fil-qasam tal-*free zones* b'enfasi fuq attivitajiet ekonomiċi b'valur miżjud sinifikanti.

## *Hub* Marittimu

Ninsabu fl-aħħar fażi biex jiġi aġġudikat il-*Hub* Marittimu fis-sit tal-eks-*Shipbuilding*. Ninsabu konvinti li dan ser ikun il-bidu ta' żvilupp strateġiku importanti li għandu jiftaħ opportunitajiet ġodda għal pajjiżna filwaqt li jagħmel użu produttiv minn riżorsa ewlenija fin-Nofsinhar ta' pajjiżna.

## Ċittadinanza b'Investiment

Il-Programm ta' Ċittadinanza b'Investiment huwa suċċess kif bassarna s-sena li għaddiet. Minkejja t-tfixkil, dak tagħna llum huwa l-uniku programm approvat mill-Kummissjoni Ewropea.

Il-prova tas-suċċess ma tidhirx biss mill-kwalità għolja ta' persuni li qed jiġu attirati iżda wkoll mill-fatt li pajjiżi oħra qed jikkupjawna.

Kburin li ninsabu minn ta' quddiem f'suq innovattiv u ser naħdmu biex nibqgħu *leaders* Ewropej u Globali.

Dalwaqt se jitressqu l-istrumenti legali li permezz tagħhom se niffurmaw il-Fond Nazzjonali għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali li fih se jmorru l-parti l-kbira tal-fondi minn dan il-

Programm biex jintużaw għall-ġid tal-familji u n-negozji Maltin u Għawdxin.

## Skema biex inħajru pensjonanti barranin li jkunu qed jirtiraw minn ma' organizzazzjonijet internazzjonali bħall-Ġnus Magħquda sabiex jiġu jgħixu Malta

Flimkien mal-Programm tal-Investitur Individwali, il-Programm ta' Residenza Globali u l-Programm ta' Irtirar f'Malta, il-Gvern se jniedi Programm tal-Pensjonijiet tal-Ġnus Magħquda. Din hija inizjattiva biex tkompli tiġbed investiment u t-talent lejn Malta.

Dan il-programm huwa intiż sabiex iħajjar lejn Malta persuni li jkunu qed jirtiraw mix-xogħol minn mal-Ġnus Magħquda. Il-programm iqegħedna fuq quddiemnett f'dan is-settur, flimkien ma' pajjiżi oħra bħall-Iżvizzera, il-Belġju, il-Kanada, il-Portugall, ir-Renju Unit, u Singapore, biex niġbdu persuni tal-ogħla kwalità. Il-programm iħajjar lejn Malta individwi li qed jixtru l-proprjetà immobbli.

## Regolarizzazzjoni tas-settur tal-*Estate Agents / Property Malta*

Qed naħdmu biex insaħħu l-fiduċja fis-suq tal-proprjetà kemm lokali u kif ukoll internazzjonali.

Irridu nservu bl-aħjar mod possibbli lil dawk li f'pajjiżna, kemm Maltin u kif ukoll barranin, li jridu jinvestu fil-

proprjetà. Għal dan il-għan, il-Gvern fil-ġimgħat li ġejjin ser jippreżenta *White Paper* sabiex issir konsultazzjoni wiesgħa dwar kif l-ekonomija ta' pajjiżna tista' tissaħħaħ permezz tat-tkabbir fis-suq tal-proprjetà.

Permezz ta' din il-*White Paper*, il-Gvern ser jipproponi wkoll ir-regolamentazzjoni fil-qasam tar-*real estate agents,* l-aġenti u l-konsulenti tal-proprjetà f'pajjiżna.

## PPP biex jinbena *breakwater* bejn il-Belt Valletta u tas-Sliema *breakwater*

*Projects Malta* qiegħda tħares lejn il-possibbilità li flimkien mal-privat, jinbena *breakwater* bejn il-Belt Valletta u Tas-Sliema jew inkella wieħed iżgħar aktar 'il ġewwa. Fost affarijiet oħra, dan il-proġett jiffaċilita l-iżvilupp ta' *yacht marinas* u faċilitajiet oħra li jwasslu għal qabża fil-kwalità fl-inħawi ta' Tas-Sliema.

## Implimentazzjoni tal-Marina ta' Sa Maison

Transport Malta ħarġet *tender* sabiex tkun ipprivatizzata l-*yacht marina* f'Sa Maison bil-għan li jkun attirat investiment ġdid f'dan il-qasam. Ġew attirati 5 *bids* minn konsorzji magħmula minn investituri lokali u barranin. Bħalissa għaddejja l-evalwazzjoni tat-*tender* sabiex ikun konkluż il-proċess. Din il-*yacht marina* mistennija żżid madwar 250 *berth* ġdid.

## *Yachting Malta*

*Projects Malta* bdiet ħidma sabiex tingħaqad mas-settur privat biex jissaħħaħ is-settur sportiv tal-ibburdjar. *Yachting Malta* mistennija tattira lejn Malta attivitajiet internazzjonali li jġibu lejn pajjiżna turisti ta' kwalità bi gwadann ekonomiku għall-pajjiż.

## Sukuk u Islamic Banking

Wara diversi laqgħat ma' rappreżentanti tas-settur bankarju u finanzjarju, kemm dawk lokali kif ukoll barrani, qegħdin inħossu li hemm lok għall-attività finanzjarja ġdida, jekk il-Gvern bis-serjetà jiffaċilita t-tħaddim ta' dak li jissejjaħ *"Islamic Banking"*. Matul is-sena d-dieħla, se ndaħħlu t-tibdil leġiżlattiv neċessarju ħalli dan il-qasam jibda jiġi żviluppat u nattiraw lejn pajjiżna dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji Maltin u barranin li joperaw f'dan is-settur.

## Trade Malta

*Projects Malta* flimkien mal-*Malta Enterprise* u mal-Ministeru tal-Ekonomija se twaqqaf il-kumpanija *Trade Malta Ltd*. L-għan ta' din il-*joint venture* bejn il-Gvern, il-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija, hu li jkun hemm sforz kollettiv biex intrapriżi Maltin ikunu jistgħu jisfruttaw aktar is-swieq internazzjonali. Dan il-mudell ser

joffri l-għajnuna neċessarja lill-kumpaniji lokali biex jimirħu lil hinn minn xtutna fost l-oħrajn, billi joffru l-għajnuna teknika f'dak li għandu x'jaqsam ma' *branding* u żvilupp fis-swieq internazzjonali. Il-Gvern jemmen li għandu jagħti aktar spazju u għajnuna lis-settur privat biex imexxi din it-tip ta' inizjattiva.

## Ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet

Sabiex tiżdied il-kompetittività u s-servizz lill-konsumaturi rridu neżaminaw u nirrevedu fejn hemm bżonn prattiċi li ilhom jeżistu. Fost dawn hemm ir-regolamenti dwar il-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ tal-ħwienet. Is-sena li għaddiet għidna li hemm wisq regolamenti differenti u xi kultant kontradittorji u nidejna proċess ta' konsultazzjoni estensiv. Is-suġġerimenti miġbura ġew irreveduti u evalwati. Il-Gvern hu kommess li sas-sena d-dieħla jiġi ppreżentat abbozz ta' liġi li jikseb bilanċ bejn konvenjenza u drittijiet tal-ħaddiema.

## Il-Monti tal-Belt

Il-Gvern qed jaħdem bis-sħiħ sabiex jiġi rilokat s-Suq tal-Belt u sabiex jassigura li dawn jaħdmu f'ambjent xieraq. Ser ikun hemm 74 *stall* li diġà bdew jinħadmu u huwa mistenni li sal-aħħar ta' Diċembru jkunu tlestew 50 fil-mija tagħhom.

## Skema għall-ħwienet fil-Belt

Sabiex il-Gvern iżomm mal-wegħda tiegħu li jgħin lin-negozji ż-żgħar, se noħorġu skema għall-ħwienet tal-Belt li se tkun aħjar minn dik li saret mill-Gvern ta' qabel. Peress li f'din l-iskema kien hemm konkorrenza baxxa, l-aktar minħabba l-fatt li għalqet il-bibien għal dawk l-operaturi li kienu qed joperaw il-fond, minflok il-kerrejja oriġinali, il-Gvern preżenti bi ħsiebu li jniedi Skema oħra għall-ħwienet tal-Belt, aktar ġusta u b'kundizzjonijiet aktar favorevoli.

Hu maħsub, li permezz ta' din l-iskema, il-ħwienet kollha li huma proprjetà tal-Gvern li hemm fil-Belt Valletta, jingħataw l-opportunità li japplikaw għal titolu ta' ċens u mhux dak ta' kirja. B'hekk, il-kerrejja ta' dawn il-ħwienet ikunu jistgħu jinvestu aktar u jkollhom aktar ċertezza fit-titolu tagħhom.

Fil-bidu, eliġibbli għal din l-Iskema se jkunu l-kerrejja u ċ-ċenswalisti kollha attwalment rikonoxxuti tal-ħwienet tal-Gvern fil-Belt. Hu maħsub, ukoll, li jinħoloq mekkaniżmu għal dawk il-ħwienet fejn il-kerrej/ċenswalist mhux l-operatur.

Il-Gvern huwa kommess ukoll li eventwalment din l-iskema tinfetaħ anke għall-ħwienet oħra proprjetà tal-Gvern, fi nħawi oħra ta' Malta u Għawdex.

## Agrikultura

Fil-qasam agrikolu, matul l-2015, se jitwettaq xogħol sabiex wara perjodu ta' analiżi dwar l-istat tal-agrikoltura f'pajjiżna, titfassal għall-ewwel darba l-Politika Agrikola Nazzjonali. Dan bil-għan li toffri gwida dwar il-viżjoni, il-prinċipji u l-objettivi f'dan il-qasam tant importanti għall-ekonomija, l-ambjent u s-soċjetà.

Sadanittant, il-Gvern se jkompli bil-ħidma biex jippromwovi l-prodotti Maltin ta' kwalità permezz tad-dħul fis-seħħ tal-qafas u l-marka ta' kwalità nazzjonali, li dwarha tħejjiet liġi din is-sena.

Fost l-inizjattivi li diġà nbdew u li mistennija jitkomplew matul is-sena d-dieħla, wieħed jista' jsemmi studji dwar kif jistgħu jitkabbru prodotti ta' kwalità ogħla b'użu aktar sostenibbli tal-ilma u bl-inqas impatt negattiv ta' fertilizzanti u, l-inizjattiva sabiex jitjiebu l-infrastruttura u l-kapaċità tar-riċerka fiċ-Ċentru Nazzjonali għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Agrikoltura, fl-Għammieri. Se jitkomplew ukoll il-programmi ta' ħarsien tas-sostennibbiltà ambjentali tal-biedja kif ukoll l-aġġornament tal-Pjan tal-Imanniġġjar tal-Iskart Agrikolu sabiex jiġu investigati modi kif, flok jintremew, dawn ir-riżorsi jintużaw aħjar.

Ta' min isemmi wkoll li s-sena d-dieħla ser naraw ukoll investiment kbir fit-titjib ta' diversi toroq rurali f'diversi

nħawi ta' pajjiżna, liema toroq ilhom minsija għal ħafna snin. Dan hu investiment li minnu ser igawdu primarjament il-bdiewa tagħna minħabba li ħafna minn dawn it-toroq iservu ta' aċċess importanti għall-għelieqi tagħhom.

Se jkompli isir użu mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali bl-aħjar mod.

## Riforma fil-Pitkalija

Matul din is-sena bdiet titwettaq ir-riforma tal-Pitkalija fejn qed jiġu introdotti sistemi ġodda ta' amministrazzjoni u operat bil-għan li jżidu l-effiċjenza u jkunu mħarsa d-drittijiet tal-bdiewa, il-pitkala, ix-xerrejja u l-konsumatur. Fost l-oħrajn, tnieda Proġett Pilota li qed isir mal-Koperattiva Ċentrali tal-Bdiewa. Permezz ta' fondi Ewropej u anke dawk nazzjonali, qed jinxtraw is-sistemi u l-makkinarju meħtieġ u, l-proġett huwa ppjanat li jitwettaq fl-2015.

## Investiment fil-Biċċerija Pubblika

Bħala parti minn programm ħolistiku li għandu l-mira li, fuq medda ta' snin, ibiddel il-Biċċerija f'vetrina tal-kwalità tal-prodott Malti, tkompla l-programm estensiv ta' ristrutturar u r-rinnovament fil-Biċċerija Pubblika. Fit-twettiq ta' dan il-programm, li se jkompli matul is-sena d-dieħla, qed jiġi assigurat li sakemm isir ix-xogħol, il-produzzjoni fil-Biċċerija ma tiġix affettwata.

## Drittijiet tal-Annimali

Għas-sena d-dieħla, il-Gvern huwa impenjat li jkompli bl-implimentazzjoni ta' miżuri li jsaħħu d-drittijiet tal-Annimali kif imħabbra fil-programm tal-Gvern, inkluż il-ftuħ ta' ċimiterju tal-annimali, it-tnedija ta' fond nazzjonali għall-ħarsien tal-annimali u t-tibdil u l-installazzjoni ta' xelters ġodda għaż-żwiemel tal-karozzini.

## Is-Sajd

Fis-settur tas-Sajd, permezz ta' fondi Ewropej se tkompli tissaħħaħ l-infrastruttura f'diversi portijiet u l-Gvern qed jaħseb ukoll biex ikompli bl-iskema ta' kumpens għas-sajjieda milquta mill-istaġun magħluq.

## Fond Ewropew għas-Sajd

Se jitkompla x-xogħol sabiex il-fondi mill-Programm 2007-2013 jkunu kollha utilizzati bl-aħjar mod sa Diċembru 2015. Fost dawn hemm il-ftuħ ta' pixkerija ġdida, kampanja ta' promozzjoni fuq il-konsum tal-ħut kif ukoll diversi proġetti ta' infrastruttura li se jkomplu jtejbu l-kundizzjonijiet tas-sajjieda tagħna. Fost l-oħrajn, għaddejjin bl-istudji sabiex isir il-*breakwater* f'Marsaxlokk biex jipproteġi lis-sajjieda.

## Impjant fejn jiġi pproċessat il-ħut

Il-Gvern qiegħed fil-proċess li jalloka b'konċessjoni lill-privat is-sular ta' fuq tal-pixkerija l-ġdida fil-Marsa. Il-proċess huwa wieħed kompetittiv fejn proponenti mis-settur privat setgħu jipparteċipaw permezz ta' Espressjoni ta' Interess li saret b'dan l-iskop. Dawk il-proponenti illi wrew interess issa ġew mistiedna biex jissottomettu proposti tekniċi u finanzjarji dettaljati bil-għan illi jkun magħżul proponent illi jiżviluppa u jopera impjant għall-ipproċessar tal-ħut. Dan l-impjant ser iżid il-kapaċità ta' Malta illi toffri prodotti mnissla mill-ħut b'valur miżjud u tagħti żbokk ġdid għal qabdiet tal-ħut mis-sajd lokali. Din l-attività mistennija li toħloq postijiet tax-xogħol ġodda kif ukoll tiġbed investimenti oħra fis-settur.

## Mafqas tal-Ħut (*Marine Hatchery*)

Apparti minn hekk, il-Gvern qiegħed jikkunsidra biex is-sena d-dieħla joħroġ sejħa għall-proposta pubblika għad-disinn, kostruzzjoni u operazzjoni ta' *Marine Hatchery*, mafqas tal-ħut, li fih ikun jista' jseħħ *spawning* tat-tunnaġġ (*Blue-Fin Tuna*) u faċilitajiet għar-riċerka AkwaKulturali. Hekk inkomplu nsaħħu dan is-settur billi ninvestu fir-riċerka u l-iżvilupp tiegħu.

## Koperattivi

Huwa fatt li dan il-Gvern sab vojt totali fil-qasam tal-koperattivi ġewwa Malta. Il-Gvern huwa kommess li jippromwovi mill-ġdid l-użu tal-mudell koperattiv anke sabiex ikun hemm *level playing field* għall-koperattivi biex joperaw mingħajr żvantaġġi ma' mudelli oħra ta' intrapriżi.

Wara l-konsultazzjonijiet li saru, ħareġ ċar li l-iskemi li ddaħħlu fil-bidu tad-disgħinijiet biex iħajru koperattivi fost il-ħaddiema tal-Gvern, ma ħallewx ir-riżultat mixtieq. Il-ħasra hi li, matul is-snin, l-idea tħalliet staġnata u ma sar l-ebda analiżi għaliex fallew jew jekk l-iskemi għadhomx rilevanti. Illum tant tħallew għal riħhom dawn iż-żewġ skemi li lanqas biss jirriflettu l-aġġornamenti li saru fil-leġiżlazzjoni relatata mal-koperattivi. Dan il-Gvern jemmen fil-kunċett koperattiv u se jerġa' jħares lejn dawn l-iskemi biex, l-ewwelnett, jiġu aġġornati u jsiru rilevanti għar-realtajiet ta' llum u t-tieni biex jiġu mħajra ħaddiema jiffurmaw koperattivi u l-Gvern jgħin biex dawn jirnexxu. Il-Gvern diġà qed jiddiskuti mal-Bord tal-Koperattivi kif dan jista' jseħħ u matul is-sena d-dieħla l-bidliet li hemm bżonn mhux biss għandhom jiddaħħlu fis-seħħ imma wkoll possibbilment ħaddiema tal-Gvern jiffurmaw koperattivi sodi bl-għan li tiżdied il-produttività fis-servizz partikulari.

## INKOMPLU NNAQQSU L-BUROKRAZIJA

Sa minn xhur ilu, din l-amministrazzjoni identifikat il-burokrazija bħala waħda mir-raġunijiet ewlenin li l-investitur privat kien iżomm lura milli jinvesti f'proġetti ġodda. Ta' sikwit, investitur jaqta' qalbu tort tal-ixkiel li joffru strutturi u proċeduri kumplikati. Irridu li l-privat ma jaħlix l-enerġija tiegħu jdur minn Dipartiment għal ieħor, iżda jiffoka l-enerġija tiegħu fuq l-ideat u l-viżjoni biex proġett jirnexxi.

### *White Paper* fuq is-Sistema tal-Infurzar

Illum għandna sitwazzjoni fejn il-funzjonijiet tal-infurzar huma mxerrda bejn bosta awtoritajiet. In-negozji jkollhom spezzjonijiet mill-MEPA, MTA, ETC, OHSA u bosta oħra.

Irridu naraw jekk jagħmilx sens li dawn il-funzjonijiet jiġux ikkonsolidati, kollha jew uħud minnhom, f'entità waħda. Għal dan il-għan, il-Gvern se joħroġ *White Paper* biex, filwaqt li jissalvagwardja l-impjiegi, jara kif jista' jnaqqas kemm jista' jkun il-burokrazija.

### Tneħħija ta' Leġiżlazzjoni (*Repeals Day*)

Fl-2014 iffukajna wkoll fuq it-tnaqqis tal-burokrazija u x-xkiel li jostakolaw il-progress u s-servizz pubbliku bħalma għamilna fil-każ tal-proċeduri tad-Dipartiment tal-Kuntratti li tnaqqsu b'wieħed u għoxrin ġurnata. Se nibqgħu

neżaminaw il-proċessi eżistenti fis-servizz pubbliku. Matul l-2014 ittieħdu diversi miżuri minn diversi Ministeri u Dipartimenti biex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Miżuri li missew ukoll il-liġijiet. F'eżerċizzju li sar minn għadd ta' Ministeri koordinati mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u mill-Kummissarju tal-Liġijiet instabu għadd ta' liġijiet u avviżi legali li ġew imneħħija fl-ewwel *Repeals' Day*. B'kollox tneħħew 36 liġi u 116 liġi sussidjarja. L-intenzjoni hi li r-*Repeals' Day* tibda ssir kull sena.

## Dipartiment tal-Artijiet u r-Reġistru tal-Artijiet

Biex innaqqsu l-ammont ta' ħin li wieħed ikollu jistenna għal deċiżjoni, id-Dipartiment tal-Artijiet se jniedi inizjattiva li permezz tagħha l-pubbliku jkun jista' jordna pjanti onlajn u mbagħad jintbagħtulu bil-posta biex b'hekk iċ-ċittadin ikun jista' jinqeda mill-kumdità ta' daru.

## Skema ta' Regolarizzazzjoni ta' proprjetajiet fil-Qawra/San Pawl il-Baħar

Minħabba li l-iskema ta' regolarizzazzjoni ta' proprjetajiet fil-Qawra u San Pawl il-Baħar ma kinitx toffri soluzzjoni għall-proprjetà li jintużaw bħala villeġġjaturi, ħwienet, garaxxijiet, u kull tip ta' użu ieħor, qiegħed jiġi kkunsidrat illi l-iskema preċedenti tiġi estiża, sabiex tkopri wkoll dawn

it-tipi ta' proprjetà li tħallew barra mill-iskema tal-amministrazzjoni preċedenti.

# 7. RIFORMI STRUTTURALI F'SETTURI TA' PRIJORITÀ

Sur President, se ndur issa għal pjan ta' dan il-Gvern għal riformi strutturali, riformi li tant huma bżonjużi għax kienu ilhom jinkinsu taħt it-tapit mill-Gvern preċedenti. Qed nirreferi partikolarment għal riformi fis-setturi tal-enerġija, tas-saħħa u tat-trasport.

## Enerġija u Ilma

Is-sena 2014 kompliet tkun waħda rivoluzzjonarja fil-qasam tal-enerġija.

Il-Gvern żamm il-wegħda elettorali tiegħu li jraħħas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma għall-familji Maltin u Għawdxin. Dan sar f'Marzu ta' din is-sena fejn il-familji qed igawdu minn roħs medju ta' 25 fil-mija fuq il-kontijiet tad-dawl u 5 fil-mija fuq il-kontijiet tal-ilma. Dan fisser 30 miljun ewro aktar fil-bwiet tal-familji tagħna u tkabbir ekonomiku.

Dan ġie kkonfermat minn numru ta' rapporti indipendenti li kkwantifikaw il-benefiċċju tat-traħħis tat-tariffi għall-familji Maltin u Għawdxin.

Din is-sena lill-familji se nkomplu nagħtuhom dan it-traħħis li jfisser 30 miljun ewro aktar f'buthom.

## Roħs għan-negozji

F'Marzu li ġej, dan l-istess roħs se jkun ukoll estiż għas-settur kummerċjali. Ir-roħs se jkun ta' 25 fil-mija għall-elettriku u ta' 5 fil-mija għall-ilma għan-negozji kollha. Dan ir-roħs se jkun f'kull band tat-tariffi mhux residenzjali. Dan huwa pass importanti biex insaħħu f'pajjiżna s-settur tal-manifattura, nassiguraw li jkollna settur tat-turiżmu aktar kompetittiv u negozji żgħar u medji aktar b'saħħithom.

L-impatt ta' dan kollu fuq l-ekonomija se jkun wieħed kbir.

Dan se jkun ifisser aktar minn 50 miljun ewro li se jmorru għand il-ħwienet iż-żgħar u l-kbar, għand in-negozji żgħar u medji, għand il-fabbriki Maltin u barranin, għand ir-ristoranti u l-lukandiera u kwalunkwe forma ta' negozju ieħor.

Dawn se jfissru aktar flus għall-impjiegi ġodda, aktar flus għat-taħriġ, aktar flus għall-makkinarju ġdid, aktar flus f'investiment għal-lukandi u tkabbir ekonomiku kbir u qligħ għall-kumpaniji.

Ir-roħs tal-kontijiet għall-familji u negozji flimkien ifissru injezzjoni ta' 80 miljun ewro fl-ekonomija ta' pajjiżna.

B'kollox, il-Gvern se jkun ta lura lill-ekonomija Maltija 80 miljun ewro fis-sena aktar milli kellhom taħt il-Gvern ta' qabel. Dan kollu se jiġi ffinanzjat mill-pjan għall-enerġija u

mhux se jkollu impatt fuq il-finanzi tal-pajjiż jew ikun hemm xi ħtieġa għal aktar taxxi.

Il-kontijiet li ħaddieħor qalilna nidraw, aħna raħħasniehom.

Dan ir-roħs se jwassal biex ikollna pajjiż aktar kompetittiv u kumpaniji li jistgħu jikkompetu ma' kumpaniji f'pajjiżi oħrajn.

Rapporti dwar il-kompetittività ta' pajjiżna inkluż mill-World Bank, IMF, Moody's, Standard and Poor's u Fitch kienu wrew l-importanza li t-tariffi jkollhom fuq l-ekonomija.

Il-Gvern qiegħed joħloq ambjent li jippremja l-bżulija tan-negozji u mhux jikkastigahom kif kien jiġri qabel. In-negozjanti joħolqu l-ġid, l-impjiegi u jġibu l-investiment f'pajjiżna.

## Energy Audit u Solar Farm Policy

Se nfasslu pjan sabiex l-intrapriżi f'pajjiżna jagħmlu *energy audits* li b'implimentazzjoni kkordinata tajba jirriżultaw f'benefiċċji kbar ambjentali, finanzjarji u soċjali. F'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar qed tiġi mfassla *solar farm policy* biex tirregola installazzjonijiet imdaqqsa ta' pannelli solari biex dawn ma jħallux impatt negattiv fuq l-ambjent tal-madwar.

## Enerġija Rinovabbli

Il-Gvern qed jieħu ħsieb ukoll biex ikompli jinċentiva l-użu ta' enerġija rinovabbli, kemm permezz ta' skemi ta' *grants* kif ukoll permezz ta' *feed-in tariffs* li jkunu attraenti iżda fl-istess ħin sostenibbli u li jagħmlu sens, mhux kif sar minn amministrazzjoni preċedenti fil-każ tal-kuntratt tal-panelli fotovoltajiċi fuq il-bjut ta' binjiet pubbliċi fejn 35 miljun ewro fi ħlas ta' *feed-in-tariff* kienu sejrin għall-benefiċċju ta' kumpanija waħda b'mod dubjuż. Il-Gvern issa qed jinvesti dawn il-flus għall-benefiċċju tal-poplu kollu u n-negozji.

Lil dawk ir-residenzi li nvestew f'pannelli fotovoltajiċi u li kienu bbenefikaw minn *grant* sa 50 fil-mija permezz tal-iskemi mħaddma mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, qed nagħtuhom iċ-ċans sat-30 ta' April 2015 biex jekk iridu jkabbru n-numru ta' pannelli fuq l-istess dar, u jibbenefikaw ukoll mir-rata ta' *Feed-In-Tariff* oriġinali ta' 22ċ.

Għan-negozji u l-industriji u l-organizzazzjonijiet li għadhom fil-proċess li jimplimentaw il-proġetti ta' pannelli fotovoltajiċi li għalihom ikunu ħadu għajnuna mill-Unjoni Ewropea u l-Gvern Malti, se nestendulhom iż-żmien biex japplikaw għall-*Feed-in tariff*, sat-30 ta' April tas-sena d-dieħla.

Għal dawk li jridu li jinstallaw sistemi ta' pannelli fuq il-bjut għall-użu tagħhom, għall-ewwel darba se nagħtu wkoll ħlas ekwivalenti għall-*marginal cost* għal dak il-porzjon ta' elettriku li ma jkunx ikkunsmat fis-sit, u li allura ikun qed jinxteħet fuq il-grid tal-Enemalta.

Finalment, peress li l-iskema preżenti ta' *feed-in-tariff* ittieħdet fi ftit ġranet, il-Gvern jestendi l-allokazzjoni tal-kapaċità minn 4 Megawatt għal 10 Megawatt. L-applikazzjonijiet se jibdew jintlaqgħu mill-ewwel ta' Diċembru.

## Żvilupp tal-Pjan Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Ilma

Qiegħed jiġi żviluppat Pjan Nazzjonali għall-Immaniġġjar tal-Ilma b'konsultazzjoni ma' dawk kollha interessati f'dan il-qasam. Il-ħsieb hu li dan il-pjan jitlesta u jiġi adottat mill-Gvern is-sena d-dieħla.

## Enemalta

Saret ukoll ħidma kbira biex kif wegħedna, l-Enemalta, minn kumpanija għarkubbtejha, tqum fuq saqajha. Ħloqna l-Enemalta PLC, li permezz tagħha twieldet Enemalta ġdida u moderna f'dan il-Parlament. Minn ġol-Enemalta, qtajna l-assi kbar, l-artijiet, l-operat u l-ħaddiema tal-Petroleum, li timporta l-Petrol, *diesel, petroleum* u fjuwil

tal-ajruplani. Din hija diviżjoni li taqla' miljuni kbar ta' ewro li issa ġiet trasferita f'kumpanija ġdida bl-isem ta' Enemed.

Taħt il-Gvern ta' qabel, din id-diviżjoni kellha quddiemha futur inċert u għal dawn l-aħħar snin tħalliet imdendla tistenna proċess ta' privatizzazzjoni li f'sitt snin ma wasal qatt.

## Salvajna l-Ħaddiema tal-Enemalta

Ħloqna il-kumpanija Engineering Resources Ltd, li magħha ngħaqdu l-ħaddiema kollha tal-Enemalta bil-kundizzjonijiet kollha li kienu jgawdu skont il-ftehim kollettiv tagħhom.

B'hekk, żgurajna li dawn jibqgħu fuq il-kotba tal-Gvern, hekk kif talbu l-ħaddiema stess permezz tal-*unions* tagħhom.

Dawk l-impjegati li jaħdmu f'xi waħda mill-kumpaniji ġodda jew ma' xi wieħed mill-imsieħba strateġiċi ġodda tal-Enemalta ġew sekondati għal ma' dawn il-kumpaniji iżda baqgħu fuq il-kotba ta' Engineering Resources Ltd li hija u tibqa' kumpanija tal-Gvern.

It-tmexxija tal-Enemalta kienet f'konsultazzjoni kontinwa mal-*unions* biex it-titjib fl-Enemalta ikun bi qbil mal-ħaddiema.

## Investiment b'valur ta' €320 miljun

Matul din is-sena kellna diskussjonijiet u xogħlijiet intensivi li se jwasslu għall-akbar investiment barrani fl-istorja ta' pajjiżna.

Il-Kumpanija Shanghai Electric Power li hija Parti mill-Grupp taċ-China Power Invest, kumpanija tal-Fortune 500 se tinvesti 320 miljun ewro f'pajjiżna.

B'rabta ma' dan, il-Gvern se jħabbar aktar affarijiet fil-ġimgħat li ġejjin.

B'dan l-investiment, Shanghai Electric Power li se jkollha *minority stake* fl-Enemalta ta' 33 fil-mija, se tagħmel l-investiment neċessarju li ser iwassal biex l-impjant tal-BWSC li jaħdem bil-Heavy Fuel Oil, jiġi konvertit għall-gass.

Iżda dan huwa biss il-bidu tal-investiment li se jiġi minn Shanghai Electric Power fejn se jkun hemm ukoll investiment b'rabta ma' *Renewable Joint Venture* u *Energy Service Centre*.

Dan iċ-ċentru se jipprovdi servizzi ta' Engineering, *procurement* u *contracting*, kif ukoll ta' disinn u manutenzjoni ta' impjanti tal-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-Elettriku.

Hemm qbil ma' Shanghai Electric li l-impjanti tagħhom fir-reġjun tal-Ewropa, Lvant Nofsani u l-Afrika jiġu pprovduti servizzi minn dan iċ-ċentru tagħna f'Malta.

Il-Pjan għall-Kumpanija Ewropea għall-Enerġija Nadifa li se titwaqqaf bejn is-Shanghai Electric u l-Enemalta ġie maqbul u l-ewwel proġetti qed jiġu evalwati.

Hemm qbil ma' Shanghai Electric li se niffukaw fuq is-swieq barra minn Malta u ġewwa pajjiżna se nagħmlu biss proġett pilota żgħir.

Dan biex inħallu spazju fis-suq lokali għan-negozjanti Maltin biex huma jkunu jistgħu jibbenifikaw mill-*feed in tariffs* u l-inċentivi tal-Gvern għall-Enerġija nadifa.

Il-Pjan tal-Gvern għall-Enemalta ġie mfaħħar mill-*Credit Rating Agencies* u tejjeb anke l-*Outlook* tal-Enemalta minn wieħed negattiv għal stabbli.

Permezz ta' dan il-pjan qed naħdmu biex inraħħsu l-ispejjeż tal-ġenerazzjoni, biex insaħħu s-sigurtà tal-provvista, biex l-Enemalta terġa' tibda tagħmel il-qligħ u biex noħolqu aktar opportunitajiet.

Il-Ħidma fuq il-Proġett tal-Gass għaddejja. Il-permess ġie maħruġ din is-sena u l-applikazzjoni għall-IPPC ġiet sottomessa. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni għaddejjin.

Kien neċessarju li jsir koordinament bejn it-tliet partijiet involuti; l-Enemalta, Shanghai Electric Power u l-Electrogas Malta. Għamilna l-għażla responsabbli fejn kellna ċ-ċans li mhux biss nibnu impjant ġdid iżda fil-proċess insalvaw lill-Enemalta. Aħna ħadna l-opportunità ta' investiment kbir fl-Enemalta biex inkunu nistgħu nagħmlu dan. Għamilna din l-għażla b'sens ta' responsabbilità kbira.

Fil-ġimgħat li ġejjin, il-Gvern se jikkomunika t-*timelines* għall-proġett tal-Gass li se jseħħu u se nżommu l-wegħda tagħna.

## Distribuzzjoni

L-Enemalta qed timplimenta pjan biex il-provvista tal-elettriku u d-distribuzzjoni, tkompli ssir aktar sostenibbli u sikura. L-investiment mill-Kumpanija SEP (Shanghai Electric Power) se jkun qed jgħin biex l-investiment meħtieġ isir.

## Interconnector

Tajjeb li nsemmu wkoll li matul din is-sena ingħatat rankatura tajba fuq ix-xogħol fuq l-*interconnector* bejn Malta u Sqallija li mistenni jibda jopera fil-bidu tal-2015 wara li kien waqa' lura taħt il-Gvern preċedenti. Dan il-proġett flimkien mal-qlib għall-gass tal-impjant tal-BWSC permezz tal-investiment Ċiniż u l-*power station* il-ġdida mill-ElectroGas Malta li se tkun qed taħdem bil-gass, se

jkun qed joffrilna aktar *security of supply* u alternattiva ta' xiri ta' elettriku mis-suq Ewropew.

## Studju dwar *Pipeline*

Barra minn hekk għaddej l-istudju dwar il-vijabilità illi Malta jkollha *pipeline* sabiex tkun tista' tixtri il-gass naturali mis-swieq tal-kontinent Ewropew. Dan l-istudju mistenni jkun lest fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2015. Il-proċess sabiex Malta jkollha *pipeline* tal-gass hu wieħed twil u jirrekjedi numru sostanzjali ta' studji speċifiċi u diskussjonijiet intensivi mal-entitajiet kollha konċernati. Il-pjan hu li matul is-sena li ġejja jinbdew il-preparamenti dwar l-istudji neċessarji marbuta mar-rotta ta' qiegħ il-baħar u l-istudji fuq l-impatti ambjentali kemm fuq in-naħa ta' Malta kif ukoll fuq in-naħa tal-Italja. Il-Kummissjoni Ewropea poġġiet dan il-proġett mal-lista ta' proġetti imsejħa *Projects of Common Interest*.

## Customer Service Charter tal-Enemalta

Il-Gvern talab ukoll lill-Enemalta biex tikkonkludi x-xogħol fuq *Customer Service Charter* li jelenka b'mod ċar id-drittijiet u l-obbligi tal-klijenti ta' din il-Kumpanija kif ukoll il-livelli ta' kwalità li l-klijenti għandhom jirċievu f'kull servizz li jeħtieġu. Fil-prattika diġà wrejna l-impenn favur il-konsumatur meta wara qtugħ tad-dawl inaċċettabbli fit-

tul, għall-ewwel darba fl-istorja tajna kumpens lill-familja milquta.

## Saħħa

Il-qasam tas-saħħa huwa prijorità. Aħna nemmu li rridu nħarsu u ntejbu l-aċċess u l-kwalità tas-servizz tas-saħħa. Fl-aħħar xhur, bdejna b'mod immedjat ħidma fuq erba' prijoritajiet:

- Li nnaqqsu ż-żmien ta' stennija għall-operazzjonijiet;
- Li naħdmu fuq il-problema ta' nuqqas ta' sodod;
- Li naħdmu fuq il-problema ta' mediċini *out of stock;*
- Li naħdmu biex innaqqsu l-ħin ta' stennija fl-emerġenza.

## Listi ta' stennija għall-operazzjonijiet

Permezz ta' diversi inizjattivi numru ta' listi ta' stennija, tnaqqsu.

Ħadna inizjattivi biex tiżdied aktar l-effiċjenza fl-użu tas-swali tal-operazzjonijiet u għalhekk żidna l-operazzjonijiet. Fadal xi jsir. Iżda fuq dak li bnejna f'dawn is-sena u nofs, kunfidenti li se naslu għal aktar riżultati, fosthom b'PPP ġdida li se nħabbru f'dan il-baġit.

Sodod

Bdejna naħdmu fuq pjan biex nindirizzaw l-esiġenzi f'dan is-settur billi qegħdin inżidu n-numru ta' sodod fl-Isptar Mater Dei. Daħħalna *protocols* u sistemi li jtejbu l-effiċjenza. Qegħdin naħdmu mas-settur privat biex jgħinna negħlbu l-isfidi ta' popolazzjoni anzjana.

## Mediċini out of stock

Il-problema ta' mediċini *out of stock* bdejna nindirizzawha bis-serjetà billi ninvestu bis-sħiħ biex insibu soluzzjoni. Ir-riżultati issa qed jidhru u jinħassu. Illum il-mediċina *out of stock* niżlet minn 130 għal ħamsa.

Iwritna nuqqas ta' sistema li timmaniġġja l-i*stocks* tal-mediċini. Bit-titjib li sar, issa s-CPSU jaf *'in real time'* meta l-i*stock* jinżel f'livell kritiku. Dan hu riżultat ta' strateġija ffukata fuq *stock control practices* li jiddeterminaw meta u kemm tinxtara mediċina. Innaqqsu l-frammentazzjoni ta' *stocks* li sa issa kkaratterizzaw il-mod kif kien isir l-i*stock management*.

Fil-POYC kellna żieda ta' 43,000 persuna reġistrata biex issa hemm total ta' 128,000 li huma intitolati għall-iskema tal-ispiżerija tal-għażla tiegħek. F'dan il-qasam qed niddiskutu biex ikollna riżultati pożittivi.

## Emerġenza

Ix-xogħol b'rabta mat-tibdil li kien beda jsir fl-emerġenza kellu jnaqqas ir-ritmu meta rriżulta li kien hemm kolonni b'konkrit ta' kwalità ferm inferjuri fl-istruttura. Jekk din hija kwistjoni frivola għal xi ħadd, żgur li mhix għalina. Din hija kwistjoni serja ħafna fejn trid tintrefa responsabilità.

Madankollu, xorta ġie rreġistrat progress f'ċertu oqsma.

Il-Problema ta' konkrit dgħajjef fl-Emerġenza wasslet biex bħalissa għadhom għaddejjin l-investigazzjonijiet. Dawwarna din l-isfida f'opportunità u biex issa għaddejja l-ħidma biex jinbnew tliet sulari ġodda biswit il-bini ta' Mater Dei biex b'hekk in-numru ta' sodod fl-isptar se jiżdied.

## Strateġiji

Matul din is-sena ġew imnedija numru ta' strateġiji ġodda fil-qasam tas-saħħa. Ewlenija fosthom hija l-Istrateġija Nazzjonali dwar is-Sistemi tas-Saħħa. Qegħdin f'diskussjonijiet mal-imsieħba involuti dwar kif nistgħu ninċentivaw lil individwi li jixtru polza ta assikurazzjoni tas-saħħa.

Wara dan l-eżerċizzju qed jiġi żviluppat qafas ta' *Health System Performance Assessment* li jiġbor fih numru ta' indikaturi li bejniethom jagħtu stampa pjuttost komprensiva tas-sistema tas-saħħa. Pajjiżna għandu sfidi

kbar speċjalment fejn tidħol l-obeżità u d-dijabete li lkoll huma marbutin mat-tip ta' ħajja li ngħixu, b'nuqqas ta' eżercizzju u l-ikel li nieklu.

L-istrateġija dwar l-ikel u n-nutriment infetħet għall-konsultazzjoni aktar kmieni din is-sena. L-istrateġija dwar id-dijabete tħejjiet ukoll kif imwiegħed u fil-fatt infetħet għall-konsultazzjoni il-ġimgħa l-oħra. Il-Gvern qed jintrabat bi pjan ta' investment mifrux fuq medda ta' sitt snin minn din is-sena, mhux biss fil-kura tad-dijabete iżda wkoll f'ħidma biex inrażżnu lil din il-kondizzjoni milli tinfirex aktar.

Beħsiebna wkoll nintroduċu skema ta' *screening* għall-kanċer tal-għonq tal-utru matul is-sena 2015 – waħda mill-inizjattivi li jisħaq fuqhom il-Pjan Nazzjonali dwar il-Kanċer. Matul l-2015, se jibdew jiġu żviluppati programmi ta' stil ta' ħajja għal saħħa aħjar immirati għal persuni li diġà huma morda b'mard kroniku bħad-dijabete, miżura oħra mill-istrateġija mnedija fl-2010.

Il-Gvern se joħroġ *White Paper* li għandha twassal għall-ewwel liġi dwar id-donazzjoni tal-organi f'Malta.

## Prevenzjoni

Apparti mill-istrateġiji msemmija qabel, tajjeb wieħed jisħaq dwar l-investiment u l-impenn li sar sabiex Malta

tkun ippreparata għall-eventwalità li xi persuna marida bil-marda qerrieda tal-Ebola tasal Malta.

## Kura primarja

Il-Gvern jixtieq ikompli bl-impenn tiegħu lejn is-settur ta' kura primarja għaliex jagħraf li t-tabib tal-familja huwa waħda miċ-ċwievet tas-sostennibbiltà fil-qasam tas-saħħa. Il-Gvern beħsiebu jibqa' jinvesti fl-immodernizzar taċ-ċentri eżistenti – kif sar fiċ-ċentru tar-Rabat – kif ukoll jinvesti f'ċentru li jista' jaqdi l-bżonn tal-komunitajiet li jgħixu fil-viċinanzi taż-Żurrieq kif se nħabbru aktar tard. Apparti minn dan, il-Gvern qed jaħdem bis-sħiħ sabiex b'konsultazzjoni jwitti t-triq lil tobba tal-familja li jixtiequ jingħaqdu bħala sħab biex jistabbilixxu klinika jew servizz bejniethom.

## Il-kura sekondarja

## L-Isptar tal-Onkoloġija

Sadanittant għaddej ix-xogħol fuq iċ-Ċentru għall-Onkoloġija fejn fil-ġimgħat li ġejjin se jibdew jidħlu l-ewwel *outpatients* f'dan l-isptar. Ix-xogħol kollu mistenni jitlesta fix-xhur li ġejjin.

Nixtieq inħabbar li ċ-Ċentru se jingħata l-isem ta' Ċentru għall-Onkoloġija Sir Anthony Mamo ad unur l-ewwel President tar-Repubblika fl-40 sena ta' Malta Repubblika.

## Aktar miżuri

Il-Gvern se jinvesti wkoll fondi għal aktar tagħmir u servizzi kif iggwidat mill-esperti lokali f'oqsma diversi tal-mediċina. Se nkomplu nipprovdu s-servizz tal-IVF fil-qasam tas-saħħa pubbliku fejn issa għandu twelid tal-ewwel trabi. Nifirħu lil dawn il-familji l-ġodda.

Se nibdew ukoll nevalwaw il-possibiltà li nintroduċu assistenza lil dawk il-persuni *transgender* li jridu jagħmlu intervent kirurġiku.

## Riċerka u Innovazzjoni

Kif stabbilit mill-Istrateġija Nazzjonali dwar is-Sistemi tas-Saħħa, qegħdin inkomplu ninvestu fir-riċerka. Qed jiġu ppreparati tliet studji relattivament kbar – il-*European Health Interview Survey* (li għadu kemm beda), kif ukoll Stħarriġ iddettaljat dwar l-ikel li jittiekel mill-poplu Malti. Qegħdin nappoġġjaw ukoll ir-riċerka dwar id-Dijabete f'Malta. Hemm ukoll pjani għal aktar riċerka ma' ġenituri fil-qasam tas-Saħħa Sesswali.

Sadanittant, qed jiġu diskussi pjani għall-iżvilupp ta' ċentru ddedikat għar-riċerka fil-qasam tat-trasfużjoni tad-demm u ta' tessuti oħra.

## Medical Plus

Il-Gvern waqqaf il-kumpanija *Medical Plus* li se tidħol f'arranġamenti ta' PPP ma' Speċjalisti fl-Isptar Mater Dei. Apparti li jiżdiedu n-numru ta' operazzjonijiet fil-ġurnata tax-xogħol, jitwettqu wkoll l-operazzjonijiet fi tmiem il-ġimgħa. L-għan hu li l-lista ta' stennija titnaqqas b'mod drastiku u fl-iqsar perjodu possibbli.

## PPP fuq xogħol fl-Isptar San Luqa

Il-Gvern qiegħed  ifassal *master plan* għaż-żona tal-Isptar San Luqa. Meta dan il-proċess jitlesta, il-Gvern se joħroġ sejħa għal interess biex dan is-sit, li l-maġġorparti tiegħu tħalla mitluq, jiġi żviluppat b'mod li jkun ta' benefiċċju għall-esiġenzi tal-poplu Malti u Għawdxi, fosthom f'oqsma relatati mas-saħħa.

## Tiżdied mal-lista tal-Benefiċċji Soċjali l-marda Neuro myelitis optica (simili għal ALS)

Persuni li jbatu minn Neuro Myelitis Optica sal-lum mhumiex koperti medikament u legalment għall-fini tal-għoti tal-Pensjoni għal Diżabilità. Għaldaqstant, il-Gvern mis-sena d-dieħla se jinkludi din il-kondizzjoni fil-lista ta' diżabiltajiet li jistgħu jintitolaw persuna għall-Pensjoni għal Diżabiltà.

## Trasport

F'kull pajjiż żviluppat, il-qasam tat-trasport u infrastruttura huwa wieħed kruċjali. Hemm bżonn li nkomplu ninvestu waqt li nkunu konxji li x-xogħlijiet li jkunu qed isiru jistgħu jwasslu għal aktar traffiku li huwa realtà, sakemm jitlestew. Għall-2015, se nieħdu numru ta' inizjattivi importanti f'dan il-qasam.

### Implimentazzjoni tas-Sistema l-ġdida tat-Trasport Pubbliku

Fil-bidu tas-sena d-dieħla, operatur ġdid se jieħu f'idejh is-servizz tat-trasport pubbliku. Qed naħdmu sabiex ikollna servizz ta' trasport pubbliku li jilħaq l-aspirazzjonijiet tal-Maltin. Ir-rotot se jiżdiedu u s-servizz għandu jkun aħjar. Mhux se nagħmlu l-istess żball ta' ħaddieħor li heda fiċ-ċerimonji u qalilna li l-bużulotti spiċċaw meta fil-verità kienu lanqas biss għadhom bdew. Tant li l-kumpanija Arriva tilfet miljuni u spiċċat telqet. It-tranżizzjoni għal operatur il-ġdid issa se ssir b'mod gradwali.

Huwa għal dan il-għan li s-sena d-dieħla se ninvestu 23 miljun ewro bħala *Public Service Obligation* lill-operatur biex jopera dan is-servizz pubbliku u bżonjuż. Irridu li s-servizz pubbliku jkun għażla naturali għal dawk il-ħafna li t-traġitt ta' kuljum tagħhom jippermettilhom jagħmlu din l-għażla. Se naħdmu sabiex it-trasport pubbliku jgħin lill-

ekonomija titjieb, lill-ambjent jindaf, u tonqos il-konġestjoni tat-traffiku. Konxji li mhux faċli iżda se naħdmu biex naslu.

Nistgħu nħabbru wkoll li l-prezz tan-noll mhux se jogħla iżda se jibqa' l-istess. Servizz aħjar u l-prezz se jibqa' l-istess.

## Programm ta' Skonti ulterjuri fuq l-ivjaġġar bit-Trasport Pubbliku

Matul is-sena d-dieħla, l-Gvern se jsaħħaħ l-inizjattivi tiegħu sabiex aktar nies jużaw it-trasport pubbliku minflok il-karozza privata tagħhom. Nifhmu li l-investiment li qed nagħmlu fis-servizz tat-trasport pubbliku, jirrikjedi kampanja mhux biss ta' għarfien aktar wiesa' tas-sistema, iżda inċentivi diretti sabiex aktar nies jitħajru jibdew jużaw it-trasport pubbliku bħala l-għażla preferuta tagħhom. B'hekk, inkunu qegħdin nnaqqsu l-konġestjoni mit-toroq tagħna kif ukoll nieħdu ħsieb aktar l-ambjent billi nnaqqsu l-emmissjonijiet fl-arja. Għal dan il-għan, qegħdin infasslu kampanja speċifika b'investiment minn fondi Ewropej billi jingħata skont sostanzjali ulterjuri fuq il-prezz ta' biljetti għall-ivvjaġġar bit-trasport pubbliku. Permezz ta' din il-miżura, nixtiequ nilħqu eluf ta' persuni, possibbilment uħud għall-ewwel darba, biex jitħajru jużaw it-trasport pubbliku fit-tul minflok il-karozza personali.

## Sistema tal-Immaniġġjar tat-Traffiku bil-kameras

Matul is-sena d-dieħla, mistenni jkompli l-investiment fl-infrastruttura tal-Pajjiż sabiex kemm hu possibbli nindirizzaw il-problema tal-immaniġġjar tat-traffiku. Se ninvestu wkoll f'sistema msejħa *Intelligent Traffic Management System* li permezz tagħha se jibda jsir immaniġġjar tat-traffiku b'mod *real-time.* It-teknoloġija se tippermetti li permezz ta' kameras imwaħħlin f'postijiet strateġiċi u permezz ta' messaġġi li jintbagħtu fuq *screens* impoġġija apposta, is-sewwieqa se jkunu ggwidati aħjar minn fejn għandhom jevitaw *konġestjonijiet* ta' traffiku.

## *Car pooling*

Permezz ta' inizjattiva PPP bejn Transport Malta u grupp ta' żgħażagħ, se jkun hemm sit elettroniku ġdid u Mowbajl App li tħajjar u tinċentiva *car pooling* u *car sharing.* L-idea hija li permezz ta' din l-għodda elettronika tinħoloq *database* sigura ta' xufiera u *commuters* li jagħżlu li jagħmlu użu mill-istess karozza sempliċiment billi jidentifikaw lil xulxin bħala persuni li għandhom l-istess destinazzjoni u l-istess traġitt. Se jingħataw inċentivi lil min juża l-karozza biex jagħmel it-traġitt, bħal pereżempju l-użu ta' *bus lanes* biex jaqbeż it-traffiku kif ukoll ipparkjar f'żoni riservati għall-*high occupancy cars* jew karozzi li jaslu fid-destinazzjoni mimlijin b'iktar minn tlieta min-nies.

Fl-ewwel stadju, l-inizjattiva se tiffoka l-aktar fuq skejjel bħala destinazzjonijiet u se tkun qed tinkoraġġixxi ġenituri li jagħmlu *car sharing u car pooling* biex iwasslu lil uliedhom u fl-istess ħin jitnaqqas it-traffiku ġenerali u ħdejn l-iskejjel.

## Inċentiv għall-użu tat-trasport tal-iskejjel

Il-fatt li ħafna ġenituri jwasslu huma lil uliedhom l-iskola jikkontribwixxi sewwa għall-problema reali tat-traffiku. Il-Gvern irid jinċentiva l-użu tat-trasport tal-iskola. Bħalissa t-trasport tal-iskejjel tal-Gvern huwa b'xejn. Il-ġenituri ta' tfal li jattendu skejjel privati u tal-Knisja se jkunu eliġibbli għal tnaqqis mit-taxxa billi parti mill-ispejjeż tat-trasport, sa massimu ta' 150 ewro, jiġi mnaqqas mid-dħul taxxabbli tagħhom jekk jużaw it-trasport tal-iskola.

## Policy fuq il-Parking

Il-Gvern bħalissa qiegħed iħejji *policy* ġdida dwar inizjattivi ta' parking madwar il-pajjiż. L-objettivi ta' din il-*policy* huma msejsa fuq il-bżonn li nifhmu li t-toroq tagħna huma *asset* ta' kulħadd u mhuma monopolju ta' ħadd. Irridu nassiguraw sens ta' ġustizzja u ekwità, iżda fl-istess ħin sostenibbiltà sħiħa, filwaqt li nżidu kemm nistgħu l-ispazju limitat li għandna. Se jitnieda dokument għal konsultazzjoni wiesgħa mal-i*stakeholders* u l-pubbliku

ġenerali sabiex verament ikollna *Parking Policy* serja u li tgħinna nindirizzaw il-problema tal-parkeġġ f'pajjiżna.

## PPP biex jinbena Parkeġġ fil-Birgu u Bormla

Proġett ieħor huwa l-binja ta' parkeġġ ta' madwar 370 karozza ġewwa Santa Margherita f'Bormla. Dan huwa proġett bi sħab mal-privat ibbażat fuq konċessjoni tal-art għal żmien twil. Barra minn hekk, il-parkeġġ jinvolvi faċilitajiet sportivi u kummerċjali. Għal dan il-proġett, daħlu żewġ proposti li issa se jiġu evalwati. Dan it-tip ta' żvilupp flimkien mal-privat se jkompli jiġi inkoraġġut matul l-2015.

## Rifużjoni ta' VAT imħallsa fuq it-taxxa ta' reġistrazzjoni tal-karozzi

Din is-sena kull min kien irreġistra vettura bejn l-1 ta' Mejju 2004 u l-31 ta' Diċembru 2008 ingħata pagament skont skema li ħareġ il-Gvern. Tajna lura aktar minn 3.1 miljun ewro f'taxxa li kienet inġabret b'mod mhux mistħoqq.

Din is-sena se nkomplu nroddu dawn il-flus lura, kif wegħedna.

Kif kien tħabbar ukoll l-iskema se tkun mifruxa fuq seba' snin. Matul dan il-perjodu se jinħarġu skemi separati b'konformità ma' regoli Ewropej għal individwi li kienu rreġistraw vetturi fi snin, jew gruppi ta' snin, partikolari. Għalhekk, is-sena d-dieħla se tinħareġ skema għal min kien

irreġistra vettura bejn l-1 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2004 u kien eliġibbli fl-iskema li ħarġet din is-sena. B'hekk, sas-sena d-dieħla min kien irreġistra vettura matul l-2004 se jkun ħa flusu kollha lura.

## Għotja fuq Xiri ta' Vetturi li Jagħmlu Inqas Ħsara lill-Ambjent

Għas-sena d-dieħla wkoll, se nerġgħu noħorġu l-iskema għall-iskrappjar tal-vetturi qodma u li jħammġu billi ninvestu l-ammont ta' 500,000 ewro. Għandhom igawdu mill-iskema 600 persuna li se jkunu jistgħu jibbenefikaw bejn 700 ewro u 900 ewro meta jiskrappjaw il-karozza tagħhom u jixtru waħda ġdida. Din l-iskema se tapplika mill-1 ta' Diċembru ta' din is-sena.

L-iskema l-oħra tal-*Autogas* se tiġġedded ukoll u se tiġi estiża wkoll għall-vetturi kummerċjali. Tingħata għotja ta' 200 ewro għal kull min jeqleb il-vettura tiegħu għall-*Autogas*.

## Għotja fuq xiri ta' roti u roti tal-elettriku (*pedelec bicycles*)

Il-Gvern sejjer ikompli jinċentiva l-użu ta' mezzi alternattivi ta' trasport li ma jniġġżux. Mezz ieħor ta' trasport huwa l-użu ta' roti u ta' roti mekkanizzati bil-mutur, magħrufa aħjar bħala *pedelec bicycles.* Għaldaqstant, is-sena d-dieħla l-Gvern ser ikun qiegħed joħroġ skema fejn tingħata għotja ta' 15.25 fil-mija tal-prezz fuq roti u roti tal-elettriku.

## PPP għal trasport Marittimu ghall-Belt Valletta

Bil-problema tat-traffiku fil-gżejjer Maltin dejjem tikber, Projects Malta qiegħda tistudja l-possibbiltà u l-fattibiltà ta' forom oħra tat-transport. Waħda minn dawn tikkonsisti fl-użu tat-trasport bil-baħar fil-portijiet abbinat mal-Belt Valletta. Dan il-proġett, flimkien mat-trasport bil-baħar diġà eżistenti, ikompli jżid id-destinazzjonijiet li jkunu jistgħu jintlaħqu mill-baħar. Il-Gvern għandu l-mira li jnaqqas it-traffiku mit-toroq Maltin kif ukoll l-ispejjeż u l-impatt ambjentali, li dan iġib miegħu.

# 8. INFRASTRUTTURA B'SAĦĦITHA U AMBJENT AĦJAR GĦAL KULĦADD

## Ambjent

Il-ħarsien tal-ambjent huwa bżonn u obbligu tagħna lkoll. Ma nistgħux nissagrifikaw il-bżonn ta' ambjent sostenibbli u l-obbligu tagħna li nħarsuh f'ġieh l-iżvilupp ekonomiku u t-tkattir tal-ġid. Irridu nsibu l-bilanċ. Għalhekk, f'dan il-qasam, il-Gvern qiegħed jaħdem fuq żewg livelli. L-ewwel, qegħdin naraw li b'mod immedjat intejbu l-ambjent ta' madwarna permezz ta' inizjattivi fl-oqsma tal-energija, tat-trasport, tat-tindif u l-immaniggjar tal-iskart kif ukoll fil-żamma tajba tal-pajsaġġ tagħna. Fl-istess waqt qegħdin nissodaw l-infrastruttura regolatorja sabiex fis-snin li ġejjin ikollna strutturi sodi u li jaħdmu bis-serjetà u b'mod effettiv fil-harsien tal-ambjent.

## Il-Firda fir-Responsabilitajiet tal-MEPA tiġi ffinalizzata

Jinsabu fl-aħħar fażijiet it-tħejjijiet biex tiġi ppreżentata quddiem il-Parlament il-liġi li permezz tagħha l-funzjonijiet tal-ippjanar u l-ambjent tal-MEPA jinqasmu, kif inhu l-każ f'bosta pajjiżi Ewropej.

Dan kollu għandu joħloq istituzzjonijiet aktar b'saħħithom, awtonomi u għas-servizz taċ-ċittadin. B'hekk, se tkun twettqet wegħda oħra mill-Manifest Elettorali.

## Wasteserv

Matul din is-sena tkompla wkoll il-proċess ta' ristrutturar tal-WasteServ fejn ġew indirizzati l-livelli differenti tal-kumpanija; kemm fil-livell tal-*management* kif ukoll fl-operat. Fost l-oħrajn, wieħed jista' jsemmi t-twaqqif ta' uffiċċju għall-awditjar intern u l-inizjattivi li ttieħdu sabiex tiżdied l-effiċjenza fl-amministrazzjoni u t-trasparenza fil-*procurement.* Il-proġetti li mistennija jitlestew is-sena d-dieħla jinkludu l-*Mechanical Biological Treatment Plant* tal-Għallis u l-*Waste Transfer Station* f'Għawdex. Se tiġi sottomessa wkoll applikazzjoni u se jinbeda x-xogħol preliminari sabiex tiġi rijabilitata l-miżbla l-antika ta' Wied Fulija. Sadanittant, il-WasteServ se tibqa' għaddejja bl-impenn tagħha favur manutenzjoni preventiva regolari sabiex tkun issalvagwardjata l-effiċjenza u jitnaqqsu l-ħsarat. Iż-żieda fis-separazzjoni tal-iskart, hekk kif tiġi introdotta l-borża organika, hija wkoll mistennija li żżid l-effiċjenza fl-impjanti ta' Sant'Antnin u l-impjant il-ġdid tal-Għallis.

## Green public procurement

Qed titkompla wkoll il-ħidma fil-qasam tal-*green public procurement* bil-għan li, fl-amministrazzjoni pubblika, il-prodotti u s-servizzi li jinxtraw ikunu ta' standard ambjentali ogħla. Bħala parti minn din il-ħidma, qed tiġi ssimplifikata l-proċedura tal-*green public procurement* u s-sena d-dieħla mistenni jitħabbar it-tieni pjan nazzjonali.

## Parks u Afforestazzjoni

Fil-qasam tal-afforestazzjoni, qed jitħejja qafas ta' pjan nazzjonali dwar l-afforestazzjoni f'Malta. Qiegħed ikun aċċertat li l-proposti ta' dan il-pjan ikunu konformi mal-istrateġija nazzjonali tal-bijodiversità.

Għas-sena d-dieħla, il-Gvern huwa impenjat li, minbarra li jitkompla l-proċess sabiex issir kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti faċilitajiet, jissokta wkoll ix-xogħol ta' tisbiħ u anke biex jiżdiedu il-faċilitajiet sanitarji.

## Park tas-Salina

Se jiġu offruti servizzi ġodda ġewwa l-Park tas-Salina fejn se jitwaħħal apparat ġdid fejn jilagħbu t-tfal. Barra minn hekk, se titkabbar l-parti magħrufa bħala Kennedy Grove. Dan se jsir għall-familji tagħna kif wkoll bħala parti mill-kumpens ambjentali mwiegħed mill-Gvern innifsu wara li tneħħew xi siġar meta twessgħet it-triq fl-inħawi fuq pjanta

li saret mill-Gvern preċedenti u li fuqha kien hemm *commitment* ta' fondi Ewropej.

## Żoni Ħodor ta' Rikrejazzjoni

Matul is-sena li ġejja, il-Gvern se jaħdem għal ambjent aħjar b'miżuri favur it-tħaddir u sabiex kemm jista' jkun jiżdiedu l-ispazji li jservu ta' *green belt* għall-ġid tal komunità.

Se jiġu studjati sistemi kif żoni mitluqa jiġu trasformati f'żoni żgħar ta' rikrejazzjoni.

Il-Gvern se jinkoraġġixxi t-tħawwil ta' siġar u pjanti biex iservu ta' pulmun ambjentali f'dawn il-postijiet apposta u li għandhom iservu bħala *green belt* għaż-żoni mibnija. Fejn huwa possibbli, dan se jsir bis-sehem tal-privat wara li jkun hemm konsultazzjoni pubblika. Dan jgħaqqad ukoll mal-istudju preliminari ta' afforestazzjoni li tqabbad mill-Ministeru ghall-Ambjent aktar kmieni din is-sena u li qed ikun evalwat.

## Talba għall-Proposti dwar ġbir ta' skart tal-plastik

Waħda mill-akbar ġrieħi ambjentali ta' pajjiżna huwa l-ammont kbir ta' plastik li jiġi użat u mormi. Ta' kull sena nonfqu miljuni ta' ewro minħabba dan filwaqt li l-ambjent tagħna jitħammeġ. Kulħadd jiftakar kif meta għas-*soft drinks* kienu jintużaw il-fliexken tal-ħġieġ minflok tal-

plastik, kulħadd kien jieħu l-fliexken lura u kien hawn inqas skart ta' dan it-tip.

Minħabba regoli Ewropej, ma nistgħux mmorru lura għal dik is-sistema. Nistgħu iżda nagħmlu bħal pajjiżi oħra Ewropej li joffru skemi u inċentivi biex il-konsumaturi jieħdu magħhom fliexken u materjal ieħor tal-plastik f'postijiet bħal *supermarkets* u pompi tal-petrol, jiddepożitawhom hemm u jieħdu ħlas lura. Il-Gvern se jkun qed joħroġ talba għall-proposti dwar ġbir ta' skart tal-plastik biex tiddaħħal sistema simili f'Malta.

## Proġett Pilota għall-immaniġjar tal-iskart bit-tielet borża

Wara li, fi Frar ta' din is-sena tnieda l-pjan dwar l-immanniġġjar tal-iskart, il-Gvern kompla bil-ħidma tiegħu sabiex jassigura li dan il-pjan jiġi esegwit. Fost l-oħrajn, twettaq ħafna xogħol preparatorju sabiex titnieda kampanja edukattiva li, fuq medda ta' tliet snin, se timxi pari passu mal-implimentazzjoni tal-pjan. Miżuri u proposti ġodda oħrajn li qed jiġu diskussi jinkludu t-tnedija tat-tielet borża għall-iskart organiku u l-ġbir tal-iskart riċiklabbli minn stabbilimenti kummerċjali.

## Tibdil fil-Klima

Matul l-2015 huwa mistenni li l-Parlament japprova il-liġi dwar tibdil fil-klima li sar xogħol estensiv fuqha matul l-

2014. L-istess jista' jingħad dwar il-liġi dwar il-ħsejjes. Titlesta wkoll l-istrateġija dwar il-green jobs li waslet fi stadju avvanzat.

## Tħaddir tal-komunitajiet

Se jitkompla l-Proġett Pilota favur it-tħaddir tal-komunitajiet li tnieda b'suċċess din is-sena billi se jiġu identifikati numru ta' siti għal dan il-għan.

## Infrastruttura

## Il-*Flyover* tal-Kappara u Toroq residenzjali

Hu ppjanat li nkomplu bl-investiment fit-toroq ta' pajjiżna. Għal dan il-għan, qegħdin nallokaw is-somma ta' 11-il miljun ewro. Investiment importanti huwa dak li se nagħmlu fil-*junction* tal-Kappara. Tajjeb jingħad ukoll li dan il-proġett se jinkludi wkoll investiment ta' tliet miljun ewro biex jiġu mtejba diversi toroq fil-madwar.

Għal dan il-għan il-Gvern qed jinvesti s-somma ta' 11-il miljun ewro.

## Pont f'Ħal Qormi

Saru l-preparazzjonijiet kollha għall-bini ta' pont f'Ħal Qormi. Din issir permezz ta' mudell PPP fejn il-privat ikun mistieden jidħol bi sħab mal-Gvern fl-investiment

neċessarju tal-bini tal-pont u fl-istess ħin igawdi mill-potenzjal ta' riklamar li l-istruttura se tkun tippermetti. Ninsabu kommessi li dan il-proġett isir għal ġid tar-residenti.

## Proġetti oħra

Sadanittant, tfasslu diversi proġetti li mistennija jinbdew fl-2015, fosthom ir-*rapid launch facility* tal-AFM f'Xatt it-Tiben Furjana u r-restawr tal-ġnien tal-Argotti fil-Furjana.

Qabel is-sajf, ħaddiema mid-Dipartiment wettqu xogħol estensiv marbut mal-manutenzjoni ta' *promenades* f'diversi lokalitajiet turistiċi. Għal matul l-2015, hemm il-ħsieb li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. Hu ppjanat ukoll li jitkompla l-programm ta' xogħol tal-widien f'Ta' Slampa f'Wied il-Qlejgħa r-Rabat, Wied il-Ġnejna Mġarr, Wied Ħarq Ħamiem Pembroke u xi xogħol ieħor f'Wied Mofru u Wied il-Fiddien fir-Rabat.

Is-sena d-dieħla mistenni li jinbena passaġġ mal-blat f'Wied iż-Żurrieq li kien tkisser bil-maltemp barra li jitkomplew it-tiswijiet ta' numru ta' strutturi madwar il-kosta Maltija.

## Proġetti fil-Belt Valletta

Il-Gvern irid li fl-2015 jinagħlaq il-proġett ta' Bieb il-Belt u l-Parlament il-Ġdid. Imponejna multi fuq il-kuntratturi għaliex dawn ma żammewx mal-ftehim li kien hemm. B'hekk tajna sinjal importanti.

Apparti dan, il-Gvern, se jagħmel tibdil fl-użu ta' numru ta' swali u kmamar fil-Palazz tal-President sabiex dan jintuża għall-Presidenza tal-Unjoni Ewropea.

Il-Gvern se jsebbaħ l-ispazji pubbliċi tal-Pjazza ta' Kastilja u dik tat-Tritoni.

Se jsir użu mid-*Ditch* tal-Belt madwar is-swar kemm għall-parkeġġ kif ukoll bħala ġnien pubbliku.

Sabiex nippromwovu  aktar użu tar-roti se jitwaħħlu numru ta' *bicycle racks* f'diversi postijiet madwar il-Belt. Qiegħed jiġi ppreparat 'Master Plan' għal Belt is-Sebħ fejn hemm il-ħsieb li jinbnew l-uffiċini għar-*Revenue Departments* tal-Gvern.

## Proġett għat-Taffija tal-Għargħar

Sew minn naħa tan-nefqa kif ukoll min-naħa ta' sfidi ta' inġinerija, il-Proġett Nazzjonali għall-Proġett għat-Tafja tal-Għargħar (NFRP) huwa wieħed sostanzjali. Dan il-proġett wasal biex jitlesta. Minkejja li wħud mix-xogħlijiet f'dan il-

proġett joħolqu inkonvenjent għat-traffiku, dawn huma bżonjużi biex mhux kull darba li tagħmel ħalba xita sew jegħrqu ħafna postijiet.

## Proġetti ta' Rijabilitazzjoni

Se jinbeda xogħol ta' restawr fuq it-Torri ta' Wignacourt ħdejn is-Sarrija u fuq il-Funtana ta' Wignacourt li hemm ġewwa l-ġnien ta' San Filippu.

Ġewwa l-Belt Valletta sar xogħol ta' pavimentar ta' Triq l-Ordinanza, restawr fuq numru ta' monumenti tal-bronż u huwa ppjanat li jsir xogħol fi Triq Mikiel Anton Vassalli, Triq it-Teżorerija u Strada Stretta fl-2015. Barra dan, qed jitfassal pjan komprensiv bl-għan li jkun hemm riġenerazzjoni u rijabilitazzjoni ta' Strada Stretta.

Fil-Kottonera, tlesta xogħol ta' tisbiħ ġewwa Xatt ir-Risq u qed isir xogħol biex ikunu jistgħu jinfetħu passaġġi taħt l-art għall-pubbliku. Fil-ġimgħat li ġejjin, se jinbeda xogħol ta' restawr u tisbiħ fuq il-Knisja ta' Santa Tereża ġewwa Bormla. Se tissewwa l-ħsara estensiva li hemm fuq il-Monument tal-Gwerra ġewwa l-Isla fejn dan il-monument se jinbidel minn wieħed tal-*fibreglass* għal wieħed tal-bronż.

Fl-Imdina, se jsir xogħol ta' bdil ta' pavimentar ħdejn il-Katidral tal-Imdina, u se jitkompla l-immaniġġjar tal-Foss tal-Imdina. Qed jitfassal pjan biex ikun hemm iktar

interpretazzjoni kulturali billi jsiru rotot kulturali, u mezzi oħra biex jnaqqsu l-impatt li t-turiżmu jkollu fuq ir-residenti. Inbeda xogħol sabiex l-Imdina tiġi rikonoxxuta mill-UNESCO bħala sit ta' Wirt Dinji.

## PPP fuq Tisbiħ u Manutenzjoni tat-Toroq

Projects Malta qed taħdem ukoll fuq *Road Public Private Partnership* biex jisbieħ l-ambjent urban f'pajjiżna. Fost il-miri ta' dan il-proġett, hemm tisbiħ tat-toroq bil-għan li mhux biss isir titjib estetiku iżda wkoll titjib b'rabta ma' ndafa. Dan jista' jkun wieħed mill-aktar proġetti eċċitanti li jipproteġi u joħloq postijiet tax-xogħol filwaqt li jsebbaħ lil pajjiżna.

## Proġetti ta' Riklamazzjoni tal-Art

Wara li kienet ħarġet sejħa għal espressjoni ta' interess għal proġetti ta' riklamazzjoni tal-art, kienu daħlu numru inkoraġġanti ta' sottomissjonijiet ta' proġetti differenti, illi kienu wkoll jidentifikaw postijiet diversi fejn setgħu jiġu mwettqa.

Il-Gvern ħa konjizzjoni xierqa ta' kull sottomissjoni illi daħlet u beda wkoll jidentifika liema huma l-proġetti illi potenzjalment jistgħu jingħataw prijorità.

## Insostnu n-Nofsinhar ta' Malta

Għal tant snin, in-Nofsinhar jew is-*South* tal-pajjiż kien mitluq għal rasu b'ħafna proġetti li jniġġżu. Dan il-baġit se jkun il-bidu ta' storja ġdida għan-Nofsinhar fejn il-familji u n-negozji tas-*South* fl-aħħar se jibdew jieħdu dak li ħaqqhom bit-twaqqif tal-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar.

## PPP għal-Lukanda f'Bighi

Għaddej xogħol sabiex Villa Bighi fil-Kalkara tinbidel f'Ċentru Nazzjonali tax-Xjenza Interattiva. Dan iċ-Ċentru se jkun jismu "Esplora" u l-proġett huwa stmat li se jiswa madwar 26 miljun ewro u se jkun parti ffinanzjat minn fondi mill-Unjoni Ewropeja u parti oħra minn fondi nazzjonali.

Hu maħsub li flimkien mal-privat, il-Gvern jiżviluppa l-akwati ta' Bighi f'ċentru turistiku ewlieni fil-Mediterran. Fost affarijiet oħra, dan il-proġett iwassal għal qabża fil-kwalità fin-naħat ta' Isfel ta' Malta.

## PPP għal *Health Centre* f'Bormla

Se nużaw iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla għal proġett innovattiv ta' sħubija mal-privat. Se nidħlu f'diskussjonijiet mall-i*stakeholders* kollha biex naqblu fuq proġett pilota li għandu jagħti servizz tas-saħħa tal-aqwa kwalità lin-nies

tal-Kottonera. Dan kollu filwaqt li jiġi assigurat li s-servizz tas-saħħa jibqa' b'xejn.

## Triq is-Sajjieda, Marsa

Ikun hemm drabi meta familji jaħsbu li ħadd ma huwa qed jismagħhom. Dan huwa l-każ tal-familji ta' Triq is-Sajjieda fil-Marsa.

Matul is-sena d-dieħla, se joħroġ *tender* biex tiġi installata sistema sabiex tgħin biex issolvi l-problema ta' ilmijiet u drenaġġ.

## Ċentru tas-Saħħa fl-inħawi taż-Żurrieq u Qrendi

Il-Gvern jixtieq ikompli bl-impenn tiegħu lejn is-settur ta' kura primarja għaliex jagħraf li t-tabib tal-familja huwa waħda miċ-ċwievet tas-sostenibbiltà fil-qasam tas-saħħa. Beħsiebna wkoll ninvestu fl-immodernizzar taċ-ċentri eżistenti – kif sar fiċ-ċentru tar-Rabat – kif ukoll jinvesti f'ċentru li jista' jaqdi l-bżonn tal-komunitajiet li jgħixu fl-akwati taż-Żurrieq u Qrendi. Hemm il-ħsieb li jinbnew faċilitajiet ġodda li se jwasslu kura speċjalizzata fil-komunità, inkluża kura ta' rijabilitazzjoni – 'il barra mill-ambjent tal-isptar. B'hekk, waqt li jonqos l-inkonvenjent għall-pazjent, l-isptar ikun jista' jiddedika lilu nnifsu għal każi li għandhom bżonn kura aktar intensiva. Dan il-proġett se jibda jiġi ppjanat is-sena d-dieħla.

## Implimentazzjoni ta' *Smart City*

Wegħda oħra mwettqa hija dik tal-*Innovation Hub* li twaqqaf ġewwa *Smart City* fejn il-Gvern qiegħed ikompli juri wkoll l-impenn tiegħu favur is-suċċess ta' dan il-proġett. Ma nistax ma nsemmix is-suċċess li kellna din is-sena fi *Smart City*, suċċess li se nkomplu nibnu fuqu hekk kif ikompli jiġi żviluppat dan il-proġett fin-Nofsinhar ta' Malta. Dan il-Gvern rnexxielu jattira ammont sostanzjali ta' kumpaniji lejn *Smart City* biex minn Belt fantażma llum insibu li 85 fil-mija tal-ispazju huwa okkupat.

## Faċilitajiet f'Birżebbuġa

Ix-xogħol fuq il-pixxina f'Birżebbuġa jinsab fi stadju avvanzat. Fl-istess lokalità, inbeda x-xogħol fuq il-bini ta' grawnd b'turf artifiċjali.

## *Breakwater* f'Marsaxlokk

Għaddejjin bl-istudji sabiex isir il-*breakwater* f'Marsaxlokk biex jipproteġi lis-sajjieda.

## Kumpless Komunitarju f'Pace Grasso

Sabiex il-Gvern ikompli mal-wegħda tiegħu, hu ppjanat illi fin-Naħa ta' Isfel ta' Malta jitwettaq proġett li jaqdi l-ħtiġijiet tal-inħawi, kif imwiegħed ukoll fil-Manifest Elettorali, u dan sabiex il-komunità jkollha l-faċilitajiet li

jixirqilha. Għal dan il-għan, hemm il-ħsieb illi ix-*Shreiber Ground*, magħruf bħala Pace Grasso, jinbidel f'kumpless b'għanijiet diversi.

Dan il-proġett, hu maħsub illi jkollu ġo fih, fost oħrajn:

- Spazju miftuħ, għal skop ta' rikrejazzjoni u parkeġġ kbir taħt l-art;
- Ċentri prinċipali tas-saħħa u għall-persuni b'diżabilità u *childcare centre;*
- Numru limitat ta' *units* kummerċjali u faċilitajiet żgħar sportivi;

Dan se jkun proġett li fl-aħħar se jagħti n-nifs lin-Naħa ta' Isfel tal-pajjiż.

## Proġett Wied Blandun

Il-Gvern huwa konxju u japprezza l-importanza ambjentali ta' Wied Blandun għan-Naħa ta' Isfel ta' Malta. Imma aħna konxji wkoll mill-problemi ambjentali li għandu dan il-wied, frott ta' deċiżjonijiet tal-passat. Aħna biħsiebna naraw x'jista' jsir sabiex nirrijabilitaw dan il-wied għat-tgawdija tal-poplu tagħna. Għalhekk, il-Gvern se jibda billi janalizza sewwa il-qagħda fiżika u ambjentali ta' dan il-wied, permezz ta' studju li għalih qegħdin nipprovdu l-flus fil-baġit, sabiex wara nieħdu d-deċiżjonijiet li hemm bżonn sabiex nirrijabilitaw il-wied.

## L-Għeluq tal-*Power Station* tal-Marsa u tat-Tankijiet ta' Birżebbuġa

Wara 25 sena, bdejna l-proċess biex jitnaddaf is-sit tal-*Marsa Power Station*. Dan se jagħti nifs lin-nies tal-Marsa, Ħamrun, Raħal Ġdid u tan-Nofsinhar ta' Malta.

Se jwassal għal arja aktar nadifa għar-residenti ta' dawn l-inħawi kif ukoll għal dawk kollha li għal xi raġuni jew oħra jgħaddu minn din iż-żona. Din hija wegħda oħra li qed titwettaq.

U fl-aħħar, se nkunu nistgħu naraw riġenerazzjoni ta' dan is-sit tant importanti. Il-Gvern se jibda l-proċess biex ikunu jistgħu jingħalqu t-tankijiet ta' Birżebbuġa darba għal dejjem. Din hija wegħda oħra li qed titwettaq.

## Għawdex: Ninvestu f'Infrastruttura u fin-Nies

Dan huwa Gvern li jrid ikattar l-investiment f'Għawdex. Din is-sena diversi inizjattivi komplew jiġu mbuttati 'l quddiem f'dak li għandu x'jaqsam ma' investiment. Ġie ffirmat ftehim mal-kumpanija internazzjonali RS2, liema ftehim se jsarraf sabiex l-istess kumpanija tinvesti miljun ewro u eventwalment toħloq sa mitt impjieg ġdid ġewwa Għawdex fis-snin li ġejjin. Dan huwa l-ewwel investiment barrani dirett f'Għawdex fi kwart ta' seklu. Dan minbarra li b'mod konxju l-Gvern ġibed lejn Għawdex wieħed mill-akbar *blockbusters* ta' Hollywood li se jservi ta' riklam u vetrina imprezzabbli għal din il-gżira.

## *Hub* Mediku f'Għawdex

Qed naħdmu sabiex niżviluppaw lil Għawdex f'ċentru internazzjonali fir-reġjun tal-Mediterran u l-Ewropa ta' Isfel għal servizzi mediċi u ta' edukazzjoni u taħriġ mediku tal-ogħla kwalità. Il-*Gozo Medical and Healthcare Hub* se jfisser li Għawdex se jgawdi mill-benefiċċji tat-turiżmu mediku, mill-infiq ta' studenti, professuri, klijenti baranin u l-qraba tagħhom. Jibbenefika wkoll mill-investiment dirett barrani li dan il-proġett jinvolvi. L-Għawdxin se jibbenefikaw ukoll għaliex permezz ta' dan il-proġett se jiġi *upgraded* l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. In-negozjati ma' Barts School of Medicine and Dentistry, parti mill-Queen

Mary University of London qegħdin f'fażi avvanzata ħafna. Il-*Hub* se jikkonsisti fi *cluster* li jikkomprendi wkoll investiment barrani fl-oqsma tar-rijabilitazzjoni u trattament mediku speċjalizzat.

## Studji biex ikun hemm *airstrip* f'Għawdex

Dan il-Gvern huwa intenzjonat li jagħti spinta wkoll lill-aċċessibbilità fiżika ta' Għawdex. L-ewwel u qabel kollox, billi jiftaħ toroq ġodda lejn Għawdex, din id-darba bl-ajru. Qed isiru studji relattivi għall-proġett ta' *rural/green airfield* f'Għawdex. Dan se jkun proġett li jagħmel lil Għawdex mhux biss eqreb lejn Malta imma wkoll eqreb lejn il-kumplament tar-Reġjun Mediterranju. Dalwaqt tinbeda konsultazzjoni pubblika għal dan il-għan.

## Rapporti finali tal-pont jew mina bejn Għawdex u Malta

Minkejja li ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet differenti waħda fl-2012 u l-oħra fl-2014, ninsabu infurmati li ma ġewx approvati fondi Ewropej sabiex isir il-*feasibility study* għall-*fixed permanent link* bejn Malta u Għawdex. Dan l-istudju huwa stmat li jiswa madwar 3.5 sa 4 miljun ewro Sadanittant, il-kumpanija tal-Gvern Ċiniż li wriet interess attiv biex tistudja l-possibiltà ta' pont offriet ukoll li tistudja l-possibilità ta' mina. Fil-fatt, tlesta l-*feasibility study* rigward il-possibbilità ta' pont bejn Malta u Għawdex. Kif jitlesta l-*feasibility study* dwar il-mina, jiġu ppubblikati l-

istudji kollha biex il-pajjiż ikun infurmat biżżejjed dwar il-fattibilità taż-żewg proġetti u tkun tista' tittieħed id-deċiżjoni dwar it-triq 'il quddiem. Dan minbarra li se jkun hemm bżonn studji akbar dwar l-impatt ambjentali.

## Cruise Liners f'Għawdex

Din l-aċċessibbilità fiżika nixtiequ wkoll insaħħuha mil-lat marittimu. Hawn qed naħdmu fuq żewġ binarji. Il-baga ġdida li biħsiebna npoġġu 'l barra mix-Xlendi se tagħti lok ġdid fejn *cruise liners* jistgħu jitrakkaw biex jiżbarkaw turisti ta' kwalità fil-gżira Għawdxija. Ta' min isemmi li din il-baga kienet impoġġija ħażin mill-Gvern preċedenti u għal ftit ma kinitx kaġun ta' diżgrazzja fl-unika okkażjoni li ntużat. Dan ix-xogħol ħażin se jiġi jiswa lill-poplu Malti 'l fuq minn miljun u nofs ewro.

Il-proċess għal *cruise liner terminal* kif ukoll għal marina f'Għawdex miexi issa li ġie fi tmiemu l-proċess ta' *Request for Proposals* għall-kostruzzjoni tagħhom. Il-pass li jmiss hu li jiġu studjati bir-reqqa l-fattibbilità tal-proġett hekk kif propost mill-konsorzju li ssottometta l-pjani u l-istudji tekniċi.

## Programmi għall-impjiegi f'Għawdex

Għawdex għandu l-bżonnijiet partikulari tiegħu. Għalhekk se noħorġu miżuri oħra għall-ħolqien tax-xogħol f'Għawdex, kif ġej. Se noħorġu skema li tinkoraġġixxi ż-

żieda u ż-żamma ta' impjiegi *full-time* fl-industrija tat-turiżmu. Kull operatur li jdaħħal u jżomm impjegati ġodda *full-time* u/jew jaqleb impjegati tiegħu minn *part-time* għal *full-time*, se jgawdi minn rifużjoni parzjali fil-ħlas tal-bolla. Din ir-rifużjoni se tammonta għas-somma ta' elf ewro għal kull impjegat addizzjonali *full-time.*

L-industrija tat-turiżmu lkoll nafu li għandha l-istaġjonalità tagħha. Għalhekk matul ix-xhur bejn Novembru u Marzu se jiġi offrut taħriġ ta' jumejn fil-ġimgħa lil dawk il-ħaddiema li jaħdmu f'dan is-settur. Min iħaddem se jirċievi l-ħlas ta' 30 ewro għal kull ġurnata. Irridu li s-servizz li noffru lit-turisti li jżuruna jkun tal-ogħla kwalità. Għaldaqstant, se nagħtu għotja ta' 100 ewro fix-xahar lil min iħaddem għal kull student tal-ITS li se jiġi impjegat. Din l-inizjattiva tgħin sabiex aktar studenti jagħmlu l-qalb jaħdmu f'dan is-settur filwaqt li min iħaddem isib biżżejjed ħaddiema mħarrġa.

## Implimentazzjoni tal-istudju li sar fuq *fibre optic link* ma' Għawdex

Wara li jiġi ffinalizzat l-istudju dwar *feasibility* teknika u finanzjarja rigward l-implimentazzjoni ta' *submarine fibre optic cable* ieħor bejn Malta u Għawdex, se nkomplu x-xogħol sabiex inwaqqfu *Digital Hub* f'Għawdex li għandu jippermetti lil Għawdex ikun aktar attraenti sabiex jikseb investiment minn kumpaniji fis-settur diġitali.

## Twaqqif ta' *SME Park* f'Għawdex

Iż-Żona Industrijali tax-Xewkija se tespandi billi jinħoloq spazju għal *SME Park*. Ġew identifikati xi siti li jistgħu jservu għal dan il-għan.

Ta' min jgħid ukoll li sa tmiem din is-sena, il-MEUSAC se jkun fetaħ mill-ġdid uffiċċju rappreżentattiv tiegħu f'Għawdex bil-għan li jservi ta' punt tal-ewwel kuntatt ma' individwi, intrapriżi, NGOs u Kunsilli Lokali f'Għawdex.

## Niżviluppaw is-sit fejn kien hemm MDP f'Għawdex

Qed jitħejjew il-preparamenti kollha meħtieġa biex is-sit li qabel kien tal-MDP fix-Xewkija jiġi żviluppat biex ikun attirat investiment u jkomplu jinħolqu impjiegi ta' kwalità f'Għawdex. Permezz tat-tieni *cable* tal-*broadband* bejn Malta u Għawdex insaħħu l-aċċess diġitali f'Għawdex u nżidu l-attrazzjoni ta' Għawdex għall-investiment fl-ICT u oqsma relatati. L-eks-MDP se tiġi żviluppata biex tkun tista' takkomoda intrapriżi innovattivi u kreattivi li jgħinu biex l-ekonomija Għawdxija tgħaddi għal fażi aktar avvanzata.

### Eko-Għawdex

Apparti minn hekk, permezz tas-Sezzjoni ta' Eko-Għawdex, ħdimna biex dan il-kunċett ma jibqax biss fuq karta. Qed insebbħu l-gżira Għawdxija u nistinkaw biex nagħtu spinta fil-konservazzjoni tal-ilma tax-xita. Wieħed ma jistax ma

jinnotax ix-xogħol estensiv li sar ġewwa l-Wied ta' Marsalforn, liema xogħol se jiġi kkumplimentat fis-snin li ġejjin minn proġetti oħra li se jiġu varati mill-istess Eko-Għawdex.

## Xogħol Infrastrutturali

Iċ-ċifri dwar l-industrija tat-turiżmu ġewwa Għawdex matul is-sena li għaddiet ikomplu jikkonfermaw is-suċċess tal-isforzi tal-Gvern sabiex ikompli jtejjeb il-prodott turistiku ġewwa Għawdex. Se nkomplu nistinkaw ukoll sabiex inniedu l-*masterplans* ta' Marsalforn u x-Xlendi. Se nagħtu nifs ġdid lil diversi pjazez ġewwa Għawdex, fosthom dawk f'Għajnsielem, fix-Xagħra u anke fix-Xewkija.

Proġett ieħor li sibna fi stat ta' abbandun wara l-amministrazzjoni preċedenti kien il-proġett ta' tisbiħ li qed isir fiċ-Ċittadella. Dan il-ġojjell fiċ-ċentru ta' gżiritna qegħdin nagħtuh l-attenzjoni xierqa u x-xogħol bħalissa għaddej b'ritmu mgħaġġel ħafna, mhux biss ħalli nirbħu lura l-ħin estensiv li ntilef taħt l-amministrazzjoni preċedenti, imma wkoll sabiex, sa nofs is-sena 2015 naraw dan il-post ġojjell lura fis-sbuħija kollha tiegħu.

Se nagħtu dimensjoni ġdida lill-Ġustizzja f'Għawdex. Għaddejjin preżentament b'konsultazzjoni pubblika għal fini li naraw varat il-proġett tal-Qorti l-ġdida li se titwaqqaf f'Għawdex. Binja ġdida *state-of-the-art* li se tissostitwixxi l-

bini medjevali li hemm fiċ-Ċittadella u tagħti lill-poplu Għawdxi post xieraq u denju fejn jiġu aġġudikati tant materji delikati.

## Dar tal-Anzjani F'Għawdex

Ix-xogħol fuq id-dar tal-anzjani kompla għaddej. Issa li ħarġu l-permessi kollha mill-MEPA, se jsiru t-tħejjijiet sabiex id-dar titwaqqaf u titħaddem bl-aħjar mod. Din ir-residenza se tagħti dinjità lill-anzjani Għawdxin billi toffrilhom post adattat għall-età tagħhom, u anke tippermetti li koppji anzjani jibqgħu jgħixu flimkien u mhux jiġu separati f'dik l-età tant delikata. Din id-dar ta' 70 kamra se tkun attrezzata b'mod li tagħti lill-anzjani serħan u kura tajba f'dan l-istadju tal-ħajja tagħhom.

# 9. INTERN U ĠUSTIZZJA

## Inizjattivi fil-Qasam tal-Intern

Il-proġetti tal-*microwave link* u tal-bini tal-kwartieri marittimi l-ġodda tal-Forzi Armati Maltin għandhom jitlestew. Fuq kollox se jinxtara t-tielet helikopter għall-Armata.

Se jinbeda x-xogħol fuq il-*fire station* ta' Santa Venera u se jitħejjew il-pjanti biex isiru kwartieri ġodda tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili kif ukoll Akkademja għall-istess dipartiment. Ukoll, se jinxtraw aktar vetturi għad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Hemm il-ħsieb ukoll illi jinbdew it-tħejjijiet għall-iżvilupp ta' *reception centre* ġdid għall-immigranti.Is-sena d-dieħla għandu, ukoll, jinbeda x-xogħol fuq it-tkabbir tal-faċilità korrettiva għaż-żgħażagħ fl-Imtaħleb.

Is-*Central Visa Unit* (CVU) se tiġi trasferita għall-binja tal-Evans biex b'hekk jissaħħaħ aktar il-kunċett tal-*one-stop shop* bil-passaporti, reġistru pubbliku, ċittadinanza u s-CVU, li kollha jagħmlu parti mill-Aġenzija *Identity Malta*, taħt saqaf wieħed.

## Riforma fl-Organizzazzjoni tal-Korp tal-Pulizija

Matul is-sena d-dieħla l-Korp tal-Pulizija se jkompli jissaħħaħ permezz ta' riorganizzazzjoni interna tal-Korp. Se

jinħatar Kap Eżekuttiv għall-Korp li jkun jirrapporta lillKummissarju. L-għan hu li tiddaħħal struttura amministrattiva soda li tkun immexxija minn persuni ffukati biss fuq dan il-qasam. Qiegħed isir studju dwar il-possibilità li titwaqqaf *Prosecutions Unit* fi ħdan il-Korp. Il-bini tal-Akkademja tal-Pulizija issa tlesta. Il-ħsieb tal-Gvern huwa li l-Akkademja tieħu l-forma ta' Kulleġġ b'ċertifikati akkreditati.

## Ir-riforma tas-Sistema Ġudizzjarja

Is-sena 2015 se tkun waħda eċċitanti għall-qasam tal-ġustizzja fejn wara li se nkomplu nagħtu drittijiet ġodda kemm lill-persuni arrestati u kemm lill-vittmi fil-kamp penali, se nibdew indaħħlu r-riformi fil-qasam ċivili.

## Riforma tal-Liġi tal-Istampa (Libell)

Il-Gvern diġà implimenta programm ambizzjuż ħafna mil-lat leġiżlattiv fejn ġew ittrattati għadd ta' riformi li ilhom is-snin jitpoġġew taħt it-tapit.

Is-sena d-dieħla l-Gvern se jitfa' fuq quddiem riforma fil-qasam tal-liġi tal-istampa biex niggarantixxu l-libertà tal-espressjoni waqt li nassiguraw li l-liġijiet ikunu jagħmlu sens fiż-żminijiet tal-lum.

## Aġenzija Assistenza Legali

Il-Gvern huwa impenjat li jtejjeb is-servizz tal-Għajnuna Legali fil-Qrati għal min hu fil-bżonn. Fl-istess waqt, ridna nassiguraw li tinbidel is-sistema li biha l-avukat li jiddefendi lill-akkużat jew imputat f'każ ta' għoti ta' Avukat tal-Għajnuna Legali jitħallas minn fondi tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li f'pajjiżna hu wkoll il-Prosekutur Pubbliku.

Iktar kmieni din is-sena waqqafna agenzija ġdida li se tirregola dan is-settur u l-Gvern hu konvint li dan se jwassal għal titjib tas-sistema preżenti.

## Riforma fil-Liġi tad-Drogi

Matul dan is-Sajf, il-Gvern nieda proċess sħiħ ta' konsultazzjoni dwar riforma fil-liġi tad-drogi.

Il-konsultazzjoni tat risposta ċara u skjetta: li lill-vittmi tad-droga rridu nagħtuhom il-kura u l-għajnuna biex joħorġu mill-vizzju u mhux nagħlqulhom il-bieb f'wiċċhom.

Fl-istess nifs il-Gvern beħsiebu jkompli jħarrax il-ġlieda kontra t-traffikanti puri tad-droga bi twaqqif ta' *Asset Management Bureau* li b'mod effettiv iwassal għall-konfiska tal-assi li jkunu ġejjin mill-flus maħmuġin tal-kriminalità.

## PPP għal Asset Management Bureau

Waħda mill-miżuri suġġeriti fir-Rapport Finali dwar ir-Riforma Ħolistika tal-Ġustizzja tirrakkomanda l-iffriżar tal-assi kollha tal-persuna akkużata jew misjuba ħatja ta' reat kriminali serju.

Sabiex isir dan, il-Gvern qiegħed jevalwa diversi sistemi eżistenti f'pajjiżi oħra. Sabiex dan l-*Asset Management Bureau* ikollu ċerta saħħa u awtonomija, il-Gvern qiegħed jikkunsidra li l-istruttura preżenti tiġi trasformata f'waħda li tkun imħaddma bejn il-Gvern u l-privat u dan sabiex il-proċeduri eżistenti jkunu aktar effettivi u effiċjenti.

## Malta bħala Ċentru ta' Arbitraġġ Internazzjonali

Bis-saħħa ta' żvilupp f'diversi setturi, qed inkomplu naraw influss ta' interess, investiment kif ukoll kummerċ barrani ġewwa Malta. Dan l-iżvilupp għandu jwassal ukoll għal żvilupp fil-proċeduri ta' riżoluzzjonijiet ta' tilwim li jistgħu jinħolqu fit-transazzjonijiet kummerċjali internazzjonali.

L-għan tagħna huwa illi naħdmu sabiex Malta ssib ruħha fuq quddiem flimkien ma' pajjiżi oħra f'dan il-qasam tant imfittex min-negozji u entitajiet internazzjonali. Għalhekk se naħdmu sabiex nagħmlu minn Malta ċentru ta' arbitraġġ internazzjonali.

# Gvern Lokali

## Vot16

L-inizjattiva Vot16 huwa pass storiku. Il-Gvern qed jibgħat messaġġ ċar li se jkompli jbiddel dan il-pajjiż. Huwa pjaċir kbir tagħna li tajna bidu għal dan il-proċess ta' bidla f'dan il-pajjiż, jiġifieri dak li żgħażagħ ta' 16–il sena għall-ewwel darba issa għandhom id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali li se jsiru s-sena d-dieħla.

B'hekk, Malta qed tmur fuq quddiem bħala wieħed mill-aktar pajjiżi progressivi fl-Ewropa.

## Iffinanzjar tal-Attivitajiet organizzati mill-Kunsilli Lokali

Bit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex, irnexxielna nwasslu messaġġ ċar ta' kif il-governanza għandha tinqasam bil-għan li jkollna aktar kontabilità u servizz aktar viċin iċ-ċittadin.

Aħna konvinti li l-Kunsilli Lokali qegħdin jagħmlu dak kollu li jistgħu sabiex jorganizzaw attivitajiet lokali fejn qegħdin jippromwovu l-istorja, il-kultura u l-ekonomija lokali. Bħala Gvern qegħdin naħdmu sabiex insibu metodi ġodda ta' kif nistgħu insaħħu l-għajnuna finanzjarja lill-Kunsilli Lokali li qegħdin jorganizzaw dawn l-attivitajiet. Is-servizzi bħat-toroq, id-dawl tat-toroq, l-iskart, l-infurzar u oħrajn huma

servizzi komunitarji. Għalkemm dawn is-servizzi għadhom imħaddma u ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali, għaddejjin diskussjonijiet biex insibu mezz kif dawn ir-responsabilitajiet jinqasmu bejn il-Kunsilli, ir-Reġjuni u l-Gvern Ċentrali.

## Lat ambjentali fix-xogħol tal-Gwardjani Lokali

Wara l-konsultazzjoni li saret din is-sena, se nkomplu nimxu 'l quddiem biex nirriformaw is-sistema tal-Gvern Reġjonali u l-gwardjani lokali bil-għan li ndaħħlu element ċiviku u edukattiv fix-xogħol importanti li tista' ġġib din is-sistema. Ma naqblux mal-prinċipji li fuqha twaqqfet is-sistema taħt il-Gvern preċedenti fejn il-gwardjani jiġu motivati biss b'miri li jridu jilħquhom billi joħorġu kemm jistgħu f'multi.

Ir-riforma, kif maħsuba, għandha ġġib magħha fost l-oħrajn titjib fis-servizzi provduti, dixxiplina kif ukoll programmi ta' taħriġ għall-gwardjani. Waqt li din is-sistema nnifisha ser tkun kredibbli u sostenibbli ħa tagħti wkoll importanza lill-element ċiviku u edukattiv u lill-ambjent.

## Fond Ġdid għall-Kunsilli Lokali u Pjan għall-elezzjonijiet lokali

Il-Gvern jirrikonoxxi l-ħidma tal-Kunsilli Lokali.

Il-Gvern jirrikonoxxi wkoll li l-Kunsilli Lokali għandhom jingħataw il-mezzi sabiex ikunu jistgħu jaqdu dmirhom u jimplimentaw proġetti ta' fejda għal-lokalità tagħhom.

Bi pjaċir inħabbar li se jitwaqqaf fond ġdid bl-għan speċifiku li jgħin lill-Kunsilli Lokali jwettqu proġetti kapitali fil-lokalità tagħhom.

Inħabbar ukoll li f'dan il-fond se jiġu allokati r-riżorsi finanzjarji li kienu se jintefqu fir-rawnd tal-elezzjonijiet lokali li kienu se jsiru fl-2017. B'hekk se jkunu l-Kunsilli Lokali stess li se jibbenefikaw mill-flus mhux minfuqa wara r-rijallinjament tal-elezzjonijiet lokali.

Dan iżda mhux biżżejjed. Fl-istess waqt, il-Gvern jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandhom il-Kunsilli fil-qasam tal-Kultura u għalhekk, matul is-sena li ġejja, se jiġi varat fond ġdid, imtejjeb u li jagħmel sens fid-dinja kulturali tal-lum, għall-iffinanzjar ta' proġetti kulturali organizzati mill-Kunsilli Lokali.

# 10. NIPPROMWOVU IL-KULTURA U SPORT U NĦARSU L-LIBERTAJIET ĊIVILI

## Avvenimenti Nazzjonali - Is-Summit tal-Commonwealth

F'Novembru tas-sena d-dieħla, Malta se tospita l-*Commonwealth Heads of Government Meeting* (CHOGM). Dan huwa avveniment importanti li mistenni jkabbar il-profil ta' pajjiżna. Is-sena d-dieħla, ukoll, se ssir il-Konvenzjoni tal-Maltin li jgħixu barra.

## Konvenzjoni Kostituzzjonali

Il-Gvern huwa kommess li jkompli jagħti spinta l-proċess tal-Konvenzjoni Kostituzzjonali matul l-2015.

Il-Gvern issa se jgħaddi għal fażi oħra u jikkonsulta ma' persuni u personaġġi ewlenin dwar tibdiliet li jixtiequ jaraw fil-Kostituzzjoni u fis-soċjetà. Dan għandu jwassal biex bejn l-2015 u l-2016 titlaqqa' l-Konvenzjoni fejn ikunu diskussi l-oqsma kollha li jwasslu għal Kostituzzjoni iktar moderna għall-ħtiġijiet ta' pajjiżna.

## Preparazzjonijiet għall-Presidenza Ewropea

Fis-sena li ġejja, l-istrutturi tal-Gvern se jkomplu jissaħħu biex ikomplu jwettqu r-rwol tagħhom ta' koordinazzjoni kontinwa kif ukoll biex ikunu ċentrali fil-preparamenti

għall-Presidenza ta' Malta fil-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tul l-ewwel sitt xhur tal-2017.

Fl-istess ħin, huwa mistenni li jiġu ppubblikati l-ewwel sejħiet għal proposti ta' proġetti ġodda hekk kif jiġi mniedi l-Programm ta' Finanzjament ġdid għas-snin 2014-2020.

## Niftakru l-Assedju l-Kbir fl-450 anniversarju tiegħu flimkien mal-SMOM

Is-sena d-dieħla se jaħbat l-450 anniversarju tal-Assedju l-Kbir. Il-Gvern jinsab f'taħditiet mas-*Sovereign Military Order of Malta* sabiex dan l-anniversarju storiku jitfakkar b'mod xieraq.

## Intellgħu monumenti għal missirijietna bħal DeMarco, Tabone u Mintoff

Issa li tlesta l-monument f'ġieħ l-eks-President tar-Repubblika Guido De Marco quddiem il-Qorti, il-Belt, dalwaqt jiġi inawgurat dak tal-eks-President Ċensu Tabone f'San Ġiljan bħala parti mill-programm tal-Fondazzjoni Festi Nazzjonali. Is-sena d-dieħla ninawguraw il-monument tal-Gvern f'ġieh l-eks-Prim Ministru Dom Mintoff fil-Belt Valletta.

## Awtonomija Amminstrattiva għall-Parlament Malti

Iż-żewġ funzjonijiet prinċipali ta' Parlament f'soċjetà tassew demokratika jikkonċernaw l-għemil tal-liġijiet tal-pajjiż u l-iskrutinju tal-Eżekuttiv.

L-argument li l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż ma tista' qatt tkun ħielsa minn kull xkiel u rbit jekk amministrattivament tibqa' titqies bħala dipartiment tal-Gvern, ilna nisimgħuh għal numru ta' snin minn diversi *Speakers* waqt id-diskorsi tas-Sette Giugno.

Fil-21 ta' Mejju 2014, l-iSpeaker ta' dan il-Parlament qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rapport kif ukoll abbozz ta' liġi li jaħseb biex għall-ewwel darba fl-istorja tiegħu l-Parlament jibda jgawdi minn awtonomija amministrattiva.

Huwa maħsub illi matul is-sena d-dieħla jittieħdu l-passi legali u amministrattivi kollha sabiex l-ogħla istituzzjoni ta' pajjiżna tissaħħaħ kif indikat fir-rapport u l-abbozz ta' leġiżlazzjoni imħejjija mill-President ta' din il-Kamra.

B'dan il-pass, il-Parlament Malti se jingħaqad mal-Parlamenti Nazzjonali tal-Membri Stati fl-Unjoni Ewropea li ilhom igawdu din l-awtonomija.

## Attendenza tal-Membri Parlamentari

Kif tħabbar diġà, il-Gvern huwa kommess li l-onorarja tal-Membri Parlamentari titħallas skont l-attendenza u għalhekk jekk Membru ma jattendix mingħajr raġuni valida u ppruvata dan jitnaqqaslu mill-onorarja. Diġà ġiet mfassla l-emenda meħtieġa ħalli din tidħol fis-seħħ hekk kif l-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra jiġu emendati.

# SPORT

## Taħriġ għall-amministraturi

Il-Gvern, se jinvesti 700,000 ewro sabiex jitħarrġu amministraturi li jagħmlu xogħol fix-xena sportiva lokali.

## Tnaqqis tat-taxxa tad-Dħul għal plejers tal-Waterpolo

It-tnaqqis fit-taxxa tad-dħul se tiġi estiża għall-plejers tal-waterpolo. Dan għandu jgħin biex il-klabbs sportivi jimxu b'mod aktar professjonali u leġittimu.

## PPP fil-korsa tat-tiġrija taż-żwiemel fil-Marsa

Il-Gvern se jikkunsidra li jissieħeb ma' entitajiet privati esperti fit-tmexxija ta' koros taż-żwiemel sabiex il-korsa titmexxa fuq livell aktar professjonali.

## Espressjoni ta' Interess għall-korsa tat-tiġrijiet tal-vetturi (*motorsport track*)

Matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin, id-dilettanti tat-tiġrijiet tal-karozzi kibru fin-numru u fid-dixxiplini differenti. Minkejja dan, għalkemm dejjem saħqu dwar il-bżonn li jkollhom faċilitajiet diċenti, it-talbiet u x-xewqat tagħhom qatt ma sabu min jikkunsidrahom bis-serjetà. Il-Gvern iddeċieda se jwettaq wegħda oħra. Is-sena d-dieħla, il-Gvern se joħroġ sejħa għall-espressjoni ta' interess sabiex din il-ħolma tal-ħafna dilettanti fl-aħħar issir realtà.

## Implimentazzjoni tar-*range* tal-isparar

L-isparar huwa sport li matul l-aħħar snin kellu ħafna suċċessi f'pajjiżna. Għalhekk qegħdin naħdmu sabiex f'pajjiżna jkollna *shooting range* ta' livell internazzjonali.

## KULTURA

Hawn aktar minn 3,300 intrapriżi rreġistrati fis-setturi kulturali u kreattivi waqt li madwar 10,400 ruħ huma ekonomikament attivi fis-settur.

L-investimenti tal-Gvern f'dawn l-oqsma għandhom l-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni kulturali, li tiżgura l-aċċessibilità fiżika u intellettwali, li tħares il-wirt nazzjonali kif ukoll li tkabbar il-kreattività kontemporanja f'pajjiżna u barra minn xtutna.

Għalhekk, il-Gvern se jkompli jżid l-investimenti f'dawn l-oqsma li jwassluna eqreb lejn il-miri u l-viżjoni għall-Valletta 2018.

## Proġetti Kulturali

Biex is-settur ikabbar l-attività tiegħu, se jiġi fis-seħħ il-programm ta' ristrutturar fil-Kunsill Malti għall-Arti. Se nżidu wkoll l-allokazzjonijiet finanzjarji lill-entitajiet kulturali pubbliċi biex ikomplu fil-ħidma tagħhom f'proġetti kulturali ġodda. Qed ninkoraġixxu wkoll aktar sinerġiji bejn dawn l-entitajiet bil-għan li nsaħħu l-kollaborazzjoni li trendi għall-ġid tas-settur. Għal dan il-għan, ser inwaqqfu fond ta' koproduzzjoni bejn dawn l-entitajiet u l-Fondazzjoni Valletta 2018 bl-ewwel investiment ta' €208,000. Il-Gvern jemmen fil-potenzjal tax-xogħol kreattiv tal-artisti Maltin u jagħraf li xogħol ta' eċċellenza għandu jitressaq ukoll fuq livell internazzjonali. Għalhekk, b'investiment ġdid mill-Gvern u b'allokazzjoni addizzjonali mill-Kunsill Malti għall-Arti se jitwaqqaf programm ta' finanzjament ta' €200,000 għal għajnuna fl-esportazzjoni ta' xogħol kreattiv u għall-mobiltà artistika. Dan ukoll għandu jħares lejn l-oġġettiv tagħna biex naraw aktar parteċipazzjoni fil-programm Ewropa Kreattiva ta' Unjoni Ewropeja. Għal dan il-għan, ser isir investiment ta' kofinanzjament ta' €86,000 biex ngħinu aktar imsieħba kulturali jiksbu suċċess f'dan il-programm.

Il-ħidma tagħna tkompli wkoll fuq proġetti infrastrutturali, u b'xogħol estensiv marbut mal-Mużew tal-Arti, MUŻA, restawr ta' siti kulturali, kif ukoll l-iżvilupp ta' *creative clusters,* l-ewwel wieħed marbut mad-disinn. Fi stat avvanzat hemm ukoll l-istudji għall-iżvilupp tal-Malta International Contemporary Arts Space (MiCAS), Il-Villaġġ tal-Karnival u s-Suq tal-Belt.

## Villaġġ tal-Karnival

Il-Gvern hu kommess li jagħti lid-dilettanti tal-Karnival u lill-poplu Malti u Għawdxi l-villaġġ li ilu jiġu mwiegħed is-snin f'post ċentrali li jagħmel sens għad-dilettanti nfushom.

F'dan il-baġit, qed noħolqu fond ta' 80,000 ewro li bih se niffinanzjaw l-istadju inizjali tal-proġett. Fis-snin li ġejjin, se nkunu qed nallokaw il-fondi meħtieġa biex dan il-proġett jitwettaq.

## Fond għall-programmi kulturali fuq stazzjonijiet televiżivi

Il-promozzjoni tal-Kultura fil-mezzi tax-xandir huwa mod kif insaħħu aktar l-potenzjal ta' parteċipazzjoni kulturali. Għalhekk ser jinħoloq programm ġdid ta' finanzjament biex stazzjonijiet televiżivi fil-mezzi tax-xandir isaħħu l-programmi kulturali tagħhom.

## Kontribuzzjoni Artistika tal-Proġetti FAR

Se jitwaqqaf  Fond Artistiku biex jinvesti f'artisti Maltin.

## Mużew tal-Kostumi

Hekk kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali, il-Gvern se jkun qed jaħdem sabiex jippromwovi u jappoġġa t-talent lokali fil-qasam tal-arti tal-moda. Fil-fatt, il-Gvern se jkun qed jaħdem sabiex jiġi mwaqqaf l-ewwel spazju iddedikat lil din l-industrija li jkun jiġbor fih mużew fuq l-iżvilupp storiku tal-ilbies Malti mill-epoka tal-Kavallieri sal-lum, u li joffri wkoll spazji minn fejn jipproduċu u jesebixxu x-xogħlijiet tagħhom id-disinjaturi li joperaw f'Malta. Dan il-proġett għaldaqstant se jservi ta' investiment f'din l-industrija sabiex tilħaq il-potenzjal kreattiv u ekonomiku tagħha filwaqt li jiġi pprovdut spazju protett għal wirt storiku tessili li għandna.

## Is-Suq tal-Belt

Wara li kmieni din is-sena l-Gvern kien ħareġ sejħa ta' interess għall-iżvilupp tar-riġenerazzjoni tas-Suq l-Antik fi Triq Merkanti, bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-Belt Valletta għas-sena 2018 meta l-Belt Valletta se jkollha t-titlu tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura, kienu daħlu 'l fuq minn 20 proposta konkreta. L-għażla finali għandha titħabbar fi ftit ġimgħat.

lx-xogħol fuq is-Suq l-Antik huwa mistenni li jibda s-sena d-dieħla u jitlesta qabel l-2018.

## LIBERTAJIET ĊIVILI

### Konsultazzjoni fuq il-Koabitazzjoni

Għaddejjin ukoll b'ħidma għat-tfassil ta' abbozz ta' liġi dwar il-koabitazzjoni. Il-Gvern nieda proċess ta' konsultazzjoni ma' esperti mill-qasam dwar il-liġi tal-familja, kif ukoll ma' esperti mill-qasam tal-ugwaljanza, li qed ifasslu abbozz ta' liġi dwar il-koabitazzjoni. Din il-proposta għandha tkopri forom differenti ta' familja. Ladarba tkun abbozzata, din il-liġi se tkun imressqa għall-konsultazzjoni pubblika.

### Proċedura li biha wieħed jibdel is-sess

Wara li tidħol fis-seħħ il-liġi dwar l-Identità tal-Ġeneru, nevalwaw il-possibiltà li nintroduċu assistenza lil dawk il-persuni *transgender* li ma jħossuhomx komdi bis-sesswalità tagħhom.

### Drittijiet Indaqs għall-koppji f'Unjonijiet Ċivili

Din is-sena għaddejna l-liġi dwar l-Unjonijiet Ċivili. Sabiex il-benefiċċji għal dawn il-koppji jissarrfu fil-prattika, se jsiru l-emendi neċessarji f'liġijiet oħra. Waħda minn dawn tirrigwarda l-liġi tat-Taxxa tad-Dħul. Għalhekk se jsiru

emendi fid-definizzjonijiet fl-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul sabiex koppji reġistrati taħt il-liġi tal-Unjoni Ċivili jiġu ttrattati l-istess bħal koppji miżżewġin għall-iskopijiet tat-taxxa.

## Libertà tal-Informazzjoni

Għas-sena d-dieħla, il-Gvern se jtejjeb u jsaħħaħ l-aċċess għall-informazzjoni permezz ta' emendi fil-Liġi għal-Libertà tal-Informazzjoni. Dan se jiffaċilita l-aċċess għad-dokumentazzjoni mill-Gvern filwaqt li se titjieb il-preżenza ta' din il-liġi *online* biex il-pubbliku jsibha aktar faċli biex jagħmel talbiet u jkollu aċċess għad-dokumenti.

## Politika ta' Integrazzjoni

Il-Gvern qed jaħdem fuq politika ta' integrazzjoni li għandha twassal għat-tnaqqis fid-diffikultajiet li ġġib magħha l-esklużjoni soċjali u ttejjeb ir-relazzjoni bejn il-Maltin u l-komunitajiet barranin. Din il-politika se tibni fuq l-azzjonijiet li diġà qed isiru mill-Gvern, billi tikkordina x-xogħol li qed isir, u tidentifika s-setturi fejn irid isir it-titjib u x'għandu jsir.

Se jitwaqqaf ukoll Direttorat għall-Integrazzjoni li se jiżviluppa strateġiji u programmi li jilħqu l-għanijiet tal-Gvern fir-rigward tal-libertajiet ċivili, l-ugwaljanza, il-politika ta' antidiskriminazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti.

## Twaqqif ta' Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u Ugwaljanza

Fil-bidu ta' din is-sena, il-Gvern nieda konsultazzjoni pubblika preliminarja bil-għan li jwaqqaf Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza. Din il-kummissjoni għandha tieħu post il-Kummissjoni eżistenti għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) li fil-preżent hija l-entità governattiva li tħares l-ugwaljanza abbażi tal-ġeneru u r-responsabbiltajiet familjari, orjentazzjoni sesswali, età, reliġjon jew twemmin, oriġini etnika jew razzjali, jew identità tal-ġeneru. Dan isir f'diversi oqsma fosthom fl-impjiegi, fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u fil-banek u istituzzjonijiet finanzjarji.

Il-Gvern kien ċar li jrid l-ogħla forma ta' protezzjoni tad-drittijiet u jrid li din l-istituzzjoni tkun imsawra skont il-Prinċipji ta' Pariġi tan-Nazzjonijiet Magħquda. Il-Gvern wasal biex iniedi *White Paper* li se sservi ta' bażi għat-twaqqif ta' din il-Kummissjoni s-sena d-dieħla.

## NGO Hub

Qegħdin naħdmu biex is-sena d-dieħla jkun varat il-proġett fuq il-bini ta' sit ġdid għall-organizzazzjonijiet volontarji. Dan il-proġett se jtejjeb l-effiċjenza tal-Uffiċċju tal-Kummissarju, inaqqas il-burokrazija b'konformità mal-politika tal-Gvern u tinħoloq iżjed trasparenza fejn

permezz ta' *NGO Hub*, organizzazzjonijiet volontarji se jkunu moqdija aħjar.

# 11. KONKLUŻJONI

Sur President, dan huwa baġit bil-għaqal ta' Gvern dinamiku li qed imexxi poplu ambizzjuż.

Ir-riformi strutturali li ħabbarna llum flimkien mal-programm ekonomiku tagħna bbażat fuq is-settur privat, għandu jwassal għal aktar ġid u xogħol li jippremja lil min hu bieżel. Nippremjawh filwaqt li nwettqu l-wegħdi tagħna.

Fl-istess ħin li nippremjaw il-bżulija se naħdmu għal integrazzjoni u għall-ġustizzja soċjali permezz ta' programm sħiħ kontra l-faqar u favur il-mobilità soċjali.

Din hija Malta Tagħna Lkoll, Malta fejn nippremjaw il-bżulija.

# Tabelli Baġit 2015

1. In-Work Benefit

| 2 Ġenituri | | | Ġenitur (single) | |
|---|---|---|---|---|
| Dħul | Benefiċċju | | Dħul | Benefiċċju |
| 10,000 - 10,399 | 200 | | 6,600 - 6,699 | 800 |
| 10,400 - 10,499 | 250 | | 6,700 - 6,799 | 825 |
| 10,500 - 10,599 | 300 | | 6,800 - 6,899 | 850 |
| 10,600 - 10,699 | 350 | | 6,900 - 6,999 | 875 |
| 10,700 - 10,799 | 400 | | 7,000 - 7,099 | 900 |
| 10,800 - 10,899 | 450 | | 7,100 - 7,199 | 925 |
| 10,900 - 10,999 | 500 | | 7,200 - 7,299 | 950 |
| 11,000 - 11,099 | 550 | | 7,300 - 7,399 | 975 |
| 11,100 - 11,199 | 600 | | 7,400 - 7,499 | 1,000 |
| 11,200 - 11,299 | 650 | | 7,500 - 7,599 | 1,025 |
| 11,300 - 11,399 | 700 | | 7,600 - 7,699 | 1,050 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 11,400 - 11,499 | 750 | | 7,700 - 7,799 | 1,075 |
| 11,500 - 11,599 | 800 | | 7,800 - 7,899 | 1,100 |
| 11,600 - 11,699 | 850 | | 7,900 - 7,999 | 1,125 |
| 11,700 - 11,799 | 900 | | 8,000 - 8,099 | 1,150 |
| 11,800 - 11,899 | 950 | | 8,100 - 8,199 | 1,175 |
| 11,900 - 17,099 | 1,000 | | 8,200 - 9,099 | 1,200 |
| 17,100 - 17,199 | 970 | | 9,100 - 9,199 | 1,180 |
| 17,200 - 17,299 | 940 | | 9,200 - 9,299 | 1,160 |
| 17,300 - 17,399 | 910 | | 9,300 - 9,399 | 1,140 |
| 17,400 - 17,499 | 880 | | 9,400 - 9,499 | 1,120 |
| 17,500 - 17,599 | 850 | | 9,500 - 9,599 | 1,100 |
| 17,600 - 17,699 | 820 | | 9,600 - 9,699 | 1,080 |
| 17,700 - 17,799 | 790 | | 9,700 - 9,799 | 1,060 |
| 17,800 - 17,899 | 760 | | 9, 800 - 9,899 | 1,040 |
| 17,900 - | 730 | | 9,900 - | 1,020 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 17,999 | | | 9,999 | |
| 18,000 - 18,099 | 700 | | 10,000 - 10,099 | 1,000 |
| 18,100 - 18,199 | 670 | | 10,100 - 10,199 | 980 |
| 18,200 - 18,299 | 640 | | 10,200 - 10,299 | 960 |
| 18,300 - 18,399 | 610 | | 10,300 - 10,399 | 940 |
| 18,400 - 18,499 | 580 | | 10,400 - 10,499 | 920 |
| 18,500 - 18,599 | 550 | | 10,500 - 10,599 | 900 |
| 18,600 - 18,699 | 520 | | 10,600 - 10,699 | 880 |
| 18,700 - 18,799 | 490 | | 10,700 - 10,799 | 860 |
| 18,800 - 18,899 | 460 | | 10,800 - 10,899 | 840 |
| 18,900 - 18,999 | 430 | | 10,900 - 10,999 | 820 |
| 19,000 - 19,099 | 400 | | 11,000 - 11,099 | 800 |
| 19,100 - 19,199 | 370 | | 11,100 - 11,199 | 780 |
| 19,200 - 19,299 | 340 | | 11,200 - 11,299 | 760 |
| 19,300 - 19,399 | 310 | | 11,300 - 11,399 | 740 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 19,400 - 19,499 | 280 | | 11,400 - 11,499 | 720 |
| 19,500 - 19,599 | 250 | | 11,500 - 11,599 | 700 |
| 19,600 - 19,699 | 220 | | 11,600 - 11,699 | 680 |
| 19,700 - 20,400 | 190 | | 11,700 - 11,799 | 660 |
| | | | 11,800 - 11,899 | 640 |
| | | | 11,900 - 11,999 | 620 |
| | | | 12,000 - 12,099 | 600 |
| | | | 12,100 - 12,199 | 580 |
| | | | 12,200 - 12,299 | 560 |
| | | | 12,300 - 12,399 | 540 |
| | | | 12,400 - 12,499 | 520 |
| | | | 12,500 - 12,599 | 500 |
| | | | 12,600 - 12,699 | 480 |
| | | | 12,700 - 12,799 | 460 |
| | | | 12,800 - | 440 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | 12,899 | |
| | | | 12,900 - 12,999 | 420 |
| | | | 13,000 - 13,099 | 400 |
| | | | 13,100 - 13,199 | 380 |
| | | | 13,200 - 13,299 | 360 |
| | | | 13,300 - 13,399 | 340 |
| | | | 13,400 - 13,499 | 320 |
| | | | 13,500 - 13,599 | 300 |
| | | | 13,600 - 13,699 | 280 |
| | | | 13,700 - 13,799 | 260 |
| | | | 13,800 - 13,899 | 240 |
| | | | 13,900 - 13,999 | 220 |
| | | | 14,000 - 14,099 | 200 |
| | | | 14,100 - 14,199 | 180 |
| | | | 14,200 - 14,299 | 160 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | 14,300 - 14,399 | 140 |
| | | | 14,400 - 15,000 | 120 |

2. Taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-*quad bikes* se titnaqqas

"Kategorija D: *Quad bikes* biex jintużaw fit-triq

| Qawwa tal-magna | Rata ta' Taxxa |
|---|---|
| Mhux aktar minn 250cc | cc x RV x 0.085% |
| Aktar minn 250cc iżda mhux aktar minn 500cc | cc x RV x 0.090% |
| Aktar minn 500cc iżda mhux aktar minn 800cc | cc x RV x 0.095% |
| Aktar minn 800cc | cc x RV x 0.10% |
| *Quad bikes* li jaħdmu bl-elettriku | RV x 1.71% |

## 3. Tneħħija tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq Muturi klassifikati bħala 'Vintage' b'ċilindraġġ iżgħar minn 250cc

